IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.6.2018
COM(2018) 460 final

2018/0243 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali

{SEC(2018) 310 final} - {SWD(2018) 337 final}

MT MT

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet

Din il-proposta qiegħda ssir fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 kif deskritt fil-Komunikazzjoni "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027"[1] tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-komunikazzjoni tistabbilixxi l-prijoritajiet ewlenin u l-qafas baġitarju kumplessiv għall-programmi ta’ azzjoni esterna tal-UE taħt l-intestatura “Viċinat u d-Dinja”, inkluż il-ħolqien tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali.

L-għan tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali huwa li jsostni u jippromwovi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja sabiex jiġu segwiti l-għanijiet u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 3(5), fl-Artikolu 8 u fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

L-isfidi li jridu jiġu indirizzati mill-azzjoni esterna żdiedu f’dawn l-aħħar snin. Id-dinja saret ikkaratterizzata minn fraġilità akbar, ikkawżata mid-diversi kriżijiet fil-viċinat tal-UE u lil hinn. Il-kunflitti reġjonali, it-terroriżmu, l-inugwaljanzi ekonomiċi u ż-żieda fil-pressjonijiet migratorji, huma kollha parti minn din ir-realtà ġdida aggravata mit-tkabbir fil-popolazzjoni, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali. Fl-istess ħin, filwaqt li l-livelli tal-faqar naqsu fuq livell dinji, l-għadd ta’ persuni li qed jgħixu fil-faqar għadu problema kbira, inkluż fl-ekonomiji emerġenti. Filwaqt li nkiseb progress sinifikanti minn xi sħab, oħrajn għadhom maqbudin f’sitwazzjonijiet fraġli.

Fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-2014-2020, jeżistu flimkien diversi strumenti ta’ finanzjament taħt l-intestatura l-Ewropa Globali, li l-biċċa l-kbira tagħhom se jiskadu fil-31 ta’ Diċembru 2020. L-iskop tagħhom ivarja, fl-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, fosthom:

– it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli (ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 li jistabbilixxi Strument ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp),

– il-promozzjoni tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni (ir-Regolament 234/2014 li jistabbilixxi Strument ta’ Sħubija),

– l-assistenza għal fil-viċinat tal-Unjoni (ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 li jistabbilixxi l-Istrument Ewropew tal-Viċinat),

– il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem (ir-Regolament (UE) Nru 235/2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem madwar id-dinja),

– ir-reazzjoni għall-kriżijiet, il-prevenzjoni tal-konflitti u l-attivitajiet għall-bini tal-paċi fil-pajjiżi sħab (ir-Regolament 230/2014 li jistabbilixxi Strument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi),

– il-promozzjoni ta’ livell għoli ta’ sikurezza nukleari (ir-Regolament (EURATOM) Nru 237/2014 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari),

[1] COM (2018) 321 final

– l-appoġġ għar-restawr tas-sitwazzjoni finanzjarja sostenibbli filwaqt li jinkoraġġixxi r-riformi ekonomiċi ta' aġġustament (assistenza makrofinanzjarja)[2],

– l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji f'pajjiżi terzi speċifiċi u għall-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika u l-appoġġ għal proġetti relatati mat-tibdil fil-klima (id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 li temenda d-Deċiżjoni 466/2014/UE dwar il-mandat ta' self estern),

– fond ta' garanzija għall-azzjonijiet esterni (ir-Regolament (KE/EURATOM) 480/2009), u

– Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Garanzija tiegħu u l-Fond ta' Garanzija tiegħu (ir-Regolament (UE) 2017/1601).

Ir-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni (ir-Regolament (UE) 236/2014) li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna, ukoll wasal biex jiskadi.

Il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp[3], minkejja li bħalissa huwa finanzjat lil hinn mill-baġit tal-UE, huwa wieħed mill-akbar strumenti ta' finanzjament estern, se jiskadi fl-aħħar tal-2020. Huwa għandu l-għan li jiżgura kooperazzjoni mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, mal-partijiet kontraenti tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou, u mal-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropew.

F'konformità mal-Komunikazzjoni "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropea li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020"[4] u kif ġie konkluż fil-valutazzjoni tal-impatt[5] li takkumpanja dan ir-Regolament, l-istrumenti kollha msemmija hawn fuq jenħtieġ li jiġu integrati fi strument ġenerali wieħed, ħlief għall-għotjiet ta' assistenza makrofinanzjarja u parti mill-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari[6].

Rieżamijiet u evalwazzjonijiet riċenti[7] tal-istrumenti esterni wrew il-valur miżjud u r-rilevanza tagħhom. Madankollu, enfasizzaw ukoll opportunitajiet għal titjib, b'mod partikolari l-bżonn li jiġu ssimplifikati l-metodi tal-ħidma u sabiex l-UE tkun tista' twieġeb għal ċirkostanzi mhux previsti b'aktar flessibbiltà. Il-lezzjonijiet meħuda, flimkien mal-isfidi dejjem jiżdiedu, wasslu lill-Kummissjoni biex timmodifika l-arkitettura tal-istrumenti ta' finanzjament estern, u biex tinkorpora l-attivitajiet attwali finanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-baġit. Permezz ta' din il-proposta, l-UE se tkompli tkun kapaċi taqdi rwol attiv fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, fl-istabbilizzazzjoni, fl-iżvilupp, fis-sigurtà, fil-ġlieda kontra l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari, fil-kummerċ, fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u fil-ħarsien tal-ambjent, fost kwistjonijiet oħra. Madankollu, hija se tkun tista' tagħmel dan b'mod aktar komprensiv filwaqt li tipprovdi aktar flessibbiltà biex tieħu r-riżorsi fejn ikunu meħtieġa hekk kif jinbidel il-kuntest internazzjonali.

---

2 L-assistenza makrofinanzjarja hija strument finanzjarju użat fuq bażi ta' każ b'każ biex jgħin pajjiżi ġeografikament qrib l-UE li jkunu għaddejjin minn problemi serji ta' bilanċ tal-pagamenti.

3 Il-Ftehim Intern dwar il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp - ĠU L 210, 6 ta' Awwissu 2013, p. 1; Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 dwar l-implimentazzjoni tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp; u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/334 li temenda l-Ftehim Intern.

4 COM/2018/092 final

5 SWD (2018) 337.

6 Attivitajiet relatati man-nuklear jenħtieġu bażi ġuridika speċifika u l-adozzjoni tagħhom issegwi proċedura speċifika skont it-Trattat Euratom.

7 https://ec.europa.eu/europeaid/mid-term-review-report-external-financing-instruments_en

Din il-proposta tipprevedi data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u hija ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, b'konformità man-notifika mir-Renju Unit bl-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni Ewropea u mill-Euratom fuq il-bażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea li waslet għand il-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti**

Din il-proposta tipprovdi qafas ta' abilitazzjoni li permezz tiegħu jistgħu jiġu implimentati l-politiki u l-obbligi tal-azzjoni esterna. L-obbligi internazzjonali jinkludu l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli[8], il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima[9], l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa[10], il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri (2015-2030)[11] u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2282 (2016) dwar iż-żamma tal-paċi[12]. Fl-UE, il-qafas ta' politika jinkludi d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-azzjoni esterna, li huma definiti ulterjorment fl-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea[13] l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid[14], is-Sħubija UE-Afrika mġedda[15] u l-Politika Ewropea tal-Viċinat rieżaminata[16], fost dokumneti politiċi oħrajn[17]. Ir-Regolament se jikkostitwixxi wkoll il-qafas għall-implimentazzjoni tas-sħubija suċċessur tal-Ftehim ta' Cotonou attwali[18], li se tistabbilixxi assoċjazzjoni u sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, se tiġi żgurata l-konsistenza ma' oqsma oħra ta' azzjoni esterna u ma' politiki rilevanti oħra tal-UE, flimkien mal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp[19]. Kif rifless fl-Aġenda 2030, dan ifisser li jiġi kkunsidrat l-impatt tal-politiki kollha dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-livelli kollha — nazzjonali, fl-UE, f'pajjiżi oħra u fil-livell dinji.

Barra minn hekk, jenħtieġ li wieħed ifittex sinerġiji ma' azzjonijiet taħt programmi oħra tal-UE, sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt ikkombinat tal-interventi. L-interazzjonijiet u l-komplementarjetà ma' programmi bħal dawn jenħtieġ li jippermettu impatt aktar b'saħħtu tal-Unjoni. L-azzjonijiet iffinanzjati taħt din il-proposta jenħtieġ li jkunu konsistenti ma' dawk

---

[8] https://sustainabledevelopment.un.org/post2015/transformingourworld
[9] http://unfccc.int/paris_agreement/items/9485.php
[10] http://www.un.org/esa/ffd/wp-content/uploads/2015/08/AAAA_Outcome.pdf
[11] https://www.unisdr.org/we/coordinate/sendai-framework
[12] Adottata mill-Kunsill tas-Sigurtà fis-7680 laqgħa tiegħu, fis-27 ta' April 2016. http://www.securitycouncilreport.org/un-documents/document/sres2282.php.
[13] https://europa.eu/globalstrategy/en/global-strategy-foreign-and-security-policy-european-union
[14] https://ec.europa.eu/europeaid/sites/devco/files/european-consensus-on-development-final-20170626_en.pdf
[15] https://www.africa-eu-partnership.org/en
[16] https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/neighbourhood/pdf/key-documents/151118_joint-communication_review-of-the-enp_mt.pdf
[17] Fost l-oħrajn tal-politika tal-Artiku (JOIN (2016) 21 final, il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Sistema integrata tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artiku" tas-27 ta' April 2016) u s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed (COM(2007) 160 final, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, "Sinerġija tal-Baħar l-Iswed — Inizjattiva ta' Kooperazzjoni Reġjonali Ġdida", 11 ta' April 2007).
[18] https://ec.europa.eu/europeaid/regions/african-caribbean-and-pacific-acp-region/cotonou-agreement_en
[19] https://ec.europa.eu/europeaid/policies/policy-coherence-development_en

imwettqa permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III[20], id-Deċiżjoni dwar il-Pajjiżi u t-Territorji *extra*-Ewropej[21], l-Istrument Ewropew għas-Sikurezza Nukleari ħalli jikkomplementaw l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali fuq il-bażi tat-Trattat Euratom[22], il-politika estera u ta' sigurtà komuni u tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi li għadha kif ġiet proposta[23] li hija ffinanzjat lil hinn mill-baġit tal-UE. L-għajnuna umanitarja kif stabbiliti fl-Artikolu 214 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea mhijiex se tkun finanzjata minn din il-proposta; l-attivitajiet ta' għajnuna umanitarja se jkomplu jiġu ffinanzjati fuq il-bażi tar-Regolament dwar l-Għajnuna Umanitarja[24].

Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, iffinanzjata minn dan ir-Regolament u mill-IPA III, se tkopri wkoll il-provvediment għall-assistenza makrofinanzjarja biex tindirizza l-kriżijiet tal-bilanċ ta' pagamenti f'pajjiżi rilevanti. Il-provvediment għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għall-assistenza makrofinanzjarja jenħtieġ li jkun proporzjonat biex jindirizza l-isfidi politiċi u l-instabbiltà ekonomika ta' dawn il-pajjiżi u jieħu bħala punt ta' referenza l-volum annwali ta' self miftiehem fir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020. Dan l-appoġġ mhux programmabbli jenħtieġ li jkun komplementari mal-modalitajiet l-oħra ta' assistenza stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Il-finanzjament minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jintuża wkoll biex jiffinanzja azzjonijiet marbutin mal-mobbiltà fit-tagħlim lejn, minn jew bejn pajjiżi terzi taħt il-programm Erasmus, kif ukoll il-kooperazzjoni u d-djalogu politiku ma' dawk il-pajjiżi, fl-edukazzjoni u fil-kultura b'mod li huwa konsistenti mar-Regolament Erasmus u mar-Regolament dwar Ewropa Kreattiva.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Din il-proposta hi bbażata fuq l-Artikoli 209, 212 u 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Qed tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Parti V, Titolu III, Kapitoli 1 u 2 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jipprovdu l-qafas ġuridiku għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni sħab.

• Sussidjarjetà

L-UE qiegħda f'pożizzjoni unika biex twassal assistenza esterna għal għadd ta' raġunijiet. L-i*status* tagħha bħala entità sopranazzjonali jġib miegħu influwenza politika u ingranaġġ

[20] COM (2018) 465 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)

[21] COM(2018) 461 final, Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Assoċjazzjoni ta' pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inklużi r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka fuq in-naħa l-oħra ("id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija").

[22] COM(2018) 462 final, Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari li jikkumplimenta l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali fuq il-bażi tat-Trattat Euratom.

[23] C(2018) 3800 final Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew għall-Paċi.

[24] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

konsegwenti. L-UE għandha preżenza dinjija permezz tad-delegazzjonijiet tagħha, li tiżgura netwerk vast ta' informazzjoni dwar żviluppi li jaffettwaw pajjiżi madwar id-dinja kollha. L-UE hija wkoll parti minn ħafna proċessi multilaterali mmirati lejn l-indirizzar ta' sfidi dinjija. Dan jippermetti lill-UE tkun kontinwament konxja ta' ħtiġijiet u problemi ġodda u, għalhekk, li tirrialloka r-riżorsi kif meħtieġ. Il-komplementarjetajiet bejn l-azzjoni tal-UE u l-azzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri qegħdin jiżdiedu. Dan itejjeb id-djalogu u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab, li qegħdin dejjem aktar jitwettqu permezz ta' programmazzjoni konġunta mal-Istati Membri.

L-UE għandha l-kapaċità wkoll tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri biex jiġu ttrattati sitwazzjonijiet potenzjalment perikolużi jew f'każ ta' interventi partikolarment għaljin. F'xi oqsma fejn l-Istati Membri mhumiex attivi, l-UE tibqa' l-attur prinċipali jew xi drabi l-uniku attur li jintervjeni. Dan huwa l-każ, pereżempju, f'kuntesti sensittivi bħad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u l-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali.

L-UE għandha l-opportunità tistabbilixxi djalogu u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, pereżempju mal-grupp tal-pajjiżi AKP u mal-Unjoni Afrikana.

L-UE tista' tipprovdi valur miżjud fuq il-bażi tal-ammont ta' riżorsi direzzjonat permezz tal-istrumenti tagħha, tal-modi relattivament flessibbli ta' ġestjoni u tal-prevedibbiltà tar-riżorsi matul il-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

L-UE għandha esperjenza vasta f'ċerti oqsma li joriġinaw mill-istorja tal-Ewropa nnifisha (pereżempju, l-integrazzjoni reġjonali u tranżizzjoni demokratika) u minn politiki ta' suċċess (bħal kompetenza fis-sigurtà tal-ikel miksuba permezz tal-politika agrikola komuni u l-politika komuni tas-sajd, kif ukoll fl-istandards tekniċi tas-Suq Uniku). Għandha reputazzjoni internazzjonali magħrufa bħala attur tal-paċi u tal-prevenzjoni tal-konflitti u bħala sostenitur attiv ta' elezzjonijiet ħielsa u tad-drittijiet tal-bniedem.

• **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-Regolament propost ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu.

• **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikoli 209 u 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonalità tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxu l-proċedura leġiżlattiva ordinarja li trid tintuża sabiex jiġu adottati miżuri għall-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, il-proposta tieħu l-forma ta' Regolament, li jiżgura l-applikazzjoni uniformi tiegħu, in-natura vinkolanti fl-intier tiegħu u l-applikabbiltà diretta tiegħu.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET RETROSPETTIVI, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• **Evalwazzjonijiet retrospettivi / kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ir-rapport tar-rieżami ta' nofs it-terminu[25] adottat mill-Kummissjoni dwar 10 mill-istrumenti ta' finanzjament estern[26], ir-rapporti tal-evalwazzjoni *ex post* dwar l-assistenza

[25] Ir-rapport dwar l-analiżi ta' nofs it-terminu COM(2017) 720 final, kien ibbażat fuq għaxar dokumenti ta' ħidma tal-persunal, wieħed għal kull strument (ara l-lista hawn taħt), li min-naħa tagħhom kienu

makrofinanzjarja u r-rieżami ta' nofs it-terminu dwar il-mandat ta' self estern tal-Bank Ewropew tal-Investiment[27] kollha kkonkludew li l-istrumenti ta' finanzjament estern kienu b'mod ġenerali adatti għall-iskop tagħhom u kienu ħerġin xejriet pożittivi fir-rigward tal-ilħuq tal-għanijiet. Ir-rapporti juru li huma meħtieġa aktar riżorsi għall-istrumenti ta' finanzjament estern minħabba li dawn iġġebbdu sal-limitu finanzjarju tagħhom.

L-istrumenti jistabbilixxu l-kamp ta' applikazzjoni, l-għanijiet u l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-politiki. Ir-rapport tar-rieżami ta' nofs it-terminu wera li n-natura abilitanti tagħhom tippermettilhom ikopru l-biċċa l-kbira tal-ħtiġijiet u l-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-UE. Huma jibbenefikaw jekk ikunu jirriflettu aħjar għadd ta' żviluppi bħal: il-qafas ta' politika l-ġdid li jinkludi l-kopertura universali tal-Aġenda 2030, il-kriżi tal-migrazzjoni / refuġjati u l-projezzjoni esterna tal-politiki interni. Barra minn hekk, jeħtieġ li tingħata aktar konsiderazzjoni lir-rabtiet bejn l-iżvilupp u s-sigurtà u l-livell ġenerali ta' ambizzjoni għall-paċi u s-sigurtà fl-azzjoni esterna.

L-introduzzjoni tal-prinċipju tal-gradwazzjoni[28] f'ċerti strumenti (jiġifieri l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp) ħalliet lakuna fil-kapaċità tal-UE li tikkoopera ma' pajjiżi bi dħul medju superjuri permezz ta' kooperazzjoni bilaterali. Billi xi sitwazzjonijiet f'dawk il-pajjiżi jistgħu jitolbu appoġġ simili (pereż. f'sitwazzjonijiet ta' wara kriżi), instab li l-UE jenħtieġ issib modi ta' kooperazzjoni innovattivi, kif stabbilit fil-Kunsens Ewropew il-ġdid dwar l-Iżvilupp[29] mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw aktar avvanzati u ma' sħab strateġiċi, f'konformità mal-kopertura universali tal-Aġenda 2030.

Il-promozzjoni tal-valuri fundamentali u tad-drittijiet tal-bniedem hija fil-qalba tal-istrumenti. Madankollu, kien hemm diffikultajiet fil-promozzjoni u t-twettiq ta' din l-aġenda f'xi pajjiżi, u l-ispazju għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili nstab li kien qed jiċkien f'ħafna pajjiżi. Dan jagħmilha diffiċli biex wieħed jaħdem fuq dawn il-kwistjonijiet u jissottolinja t-tensjoni bejn il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kontra l-interessi prijoritarji proprji tas-sħab.

Fil-kuntest attwali ta' diversi kriżijiet u kunflitti, l-UE trid tkun kapaċi tirreaġixxi malajr għall-avvenimenti li jinbidlu. Madankollu, għal ċerti strumenti, il-kapaċità ta' rispons kienet imxekkla min-nuqqas ta' flessibbiltà finanzjarja. Meta tfaċċaw prijoritajiet ġodda bħall-kriżi tal-migrazzjoni/refuġjati, instabu problemi biex jiġu riallokati fondi fl-istrumenti taħt il-baġit billi kwantitajiet kbar kienu ġew marbuta fi programmi fit-tul u dan ma ppermettiex marġni biżżejjed. Kif intqal fir-rapport tar-rieżami ta' nofs it-terminu, jeħtieġ li tiżdied il-flessibbiltà

Konsistenza hija meħtieġa bejn il-partijiet komponenti ta' strument, bejn l-istrumenti differenti u mad-donaturi. B'mod ġenerali, ir-rapport tar-rieżami ta' nofs it-terminu jinnota

---

bbażati fuq għaxar evalwazzjonijiet indipendenti. Ir-rapport ta' rieżami ta' nofs it-terminu, id-dokumenti ta' ħidma tal-persunal u l-evalwazzjonijiet indipendenti jinsabu hawnhekk: https://ec.europa.eu/europeaid/public-consultation-external-financing-instruments-european-union_en

26 L-10 strumenti kienu: L-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (Development Cooperation Instrument, DCI); il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ); l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (SEV); l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (Instrument for Pre-Accession, IPA II); l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (Instrument contributing to Stability and Peace, IcSP); l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (European Instrument for Democracy and Human Rights, EIDHR); l-Istrument ta' Sħubija (Partnership Instrument, PI); l-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (Instrument for Nuclear Safety Cooperation, INSC); id-Deċiżjoni dwar Greenland (Greenland Decision, GD); u r-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni (Common Implementing Regulation, CIR).

27 http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52016DC0584

28 Fil-kooperazzjoni attwali tal-UE, il-gradwazzjoni tfisser li l-pajjiż bi dħul medju superjuri ma għadhomx eliġibbli għal kooperazzjoni bilaterali tal-UE.

29 Punti 91-93.

sejbiet imħallta dwar il-koerenza. F'termini ta' koerenza fl-istrumenti, is-sejbiet kienu sodisfaċenti. Kien hemm ċertu livell ta' konsistenza bejn l-istrumenti iżda l-multipliċità tal-programmi xi drabi wasslet għal azzjonijiet duplikati, b'mod partikolari kooperazzjoni kumplessa ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw aktar avvanzati. Barra minn hekk, l-interazzjoni bejn l-approċċi ġeografiċi u tematiċi xi drabi wasslet għal risposti inkonsistenti fil-livell ta' pajjiż. Il-feedback mid-delegazzjonijiet tal-UE wera li dawn kellhom diffikultajiet sabiex jimmaniġġaw u jisfruttaw il-komplementarjetajiet u joħolqu sinerġiji bejn l-istrumenti. B'mod ġenerali, tqis li l-UE kienet qiegħda titlef opportunitajiet għal strateġiji kkoordinati għal pajjiż / reġjun partikolari.

F'termini ta' konsistenza mal-Istati Membri, ir-rieżami sab li hemm potenzjal biex il-programmazzjoni konġunta tissaħħaħ. Madankollu, dan ikun jirrikjedi aktar impenn f'ċerti każijiet mill-gvernijiet tal-pajjiżi sħab u mill-Istati Membri.

Ir-rapport ta' rieżami ta' nofs it-terminu jindika t-tfaċċar ta' xejriet pożittivi fir-rigward ta' kisba ta' riżultati. Madankollu, kienu nnotati diffikultajiet sabiex jitkejlu l-kisbiet. Ħafna drabi kien hemm informazzjoni limitata dwar is-sistemi ta' monitoraġġ imsemmija fl-istrumenti. Kien hemm nuqqas ta' *data* (inklużi l-linji bażi) sabiex jitkejjel jekk l-istrumenti kinux fit-triq it-tajba biex jilħqu xi wħud mill-għanijiet (partikolarment ta' livell għoli) tagħhom, kif ukoll fehim li bosta fatturi esterni (pereż. il-politiki tal-pajjiżi sħab u donaturi oħra) jinfluwenzaw il-kisba tal-għanijiet.

F'termini ta'integrazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE, ġie nnotat progress sinifikanti bejn l-istrumenti eżistenti fl-oqsma tat-tibdil fil-klima[30], filwaqt li jeħtieġ li jsir aktar biex tiġi indirizza l-iskala tal-isfidi ambjentali oħra bħat-telf tal-bijodiversità u t-tnaqqis tar-riżorsi naturali. L-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, kienet meqjusa fil-biċċa l-kbira bħala tal-każijiet xogħol għaddej, b'xi gvernijiet sħab xi drabi juru nuqqas ta' interess jew reżistenza f'dawn l-oqsma.

Filwaqt li l-prestazzjoni organizzattiva ġenerali nstabet li kienet effiċjenti, xi atturi qiesu li l-implimentazzjoni ta' xi wħud mill-istrumenti kienet ta' piż amministrattiv.

F'termini ta' effetti ta' ingranaġġ, il-Pjan ta' Investiment Estern kienet kapaċi jattira investiment privat sostanzjali għal proposti vijabbli ta' negozju mfassla biex jirrispondu għall-bżonnijiet tal-iżvilupp sostenibbli, b'fondi pubbliċi limitati. Il-garanzija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli tikkontribwixxi biex jiżdied l-investiment meħtieġ f'pajjiżi sħab inkluż f'oqsma u setturi b'riskju għoli u kellha bidu promettenti. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (European Fund for Sustainable Development Plus, EFSD+) u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jenħtieġ li jkomplu jibnu fuq din l-esperjenza pożittiva.

- **Konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati**

Fit-tfassil tad-dokumenti ta' evalwazzjoni li kkontribwew għar-rapport ta' rieżami ta' nofs it-terminu, saru tliet tipi ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati. L-evalwaturi wettqu madwar elf intervista strutturata u semistrutturata ma' uffiċjali u rappreżentanti tal-UE minn istituzzjonijiet tal-UE, Stati Membri u pajjiżi sħab. Ġew organizzati diversi workshops tekniċi sabiex jiġu ppreżentati u diskussi l-abbozzi ta' evalwazzjonijiet ma' parteċipanti mill-Parlament Ewropew, gruppi ta' ħidma tal-Kunsill, kumitati tal-Istati Membri u

[30] Pereżempju, il-kontribuzzjonijiet għall-klima tal-11-il FEŻ żdiedu minn 3.3 % fl-2014 għal 23.3 % fl-2016 u l-kontribuzzjonijiet għat-tibdil fil-klima tad-DCI żdiedu minn 17.7 % fl-2014 għal 24.9 % fl-2016. Sors: L-Indikatur 12b, il-qafas tar-riżultati dwar il-kooperazzjoni u l-iżvilupp internazzjonali tal-UE b'input mis-Sistema ta' Rappurtar tal-Krendituri tal-OECD DAC.

organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u awtoritajiet lokali. Fl-2017 saret konsultazzjoni pubblika miftuħa[31]. Din kellha l-għan li tiġbor feedback mingħand il-partijiet ikkonċernati dwar is-sejbiet li ħarġu mill-evalwazzjonijiet tal-istrumenti u dwar l-istrumenti ta' finanzjament estern futuri ta' wara l-2020[32].

Il-messaġġi ewlenin li ħarġu mingħand il-partijiet ikkonċernati kkonsultati huma miġburin fil-qosor hawn taħt:

Flessibbiltà: Il-partijiet ikkonċernati qablu li l-istrumenti ta' finanzjament il-ġodda jeħtieġ li jkunu aktar flessibbli sabiex iwieġbu għal sfidi u kriżijiet mhux prevedibbli. B'mod partikolari, huma ssottolinjaw il-ħtieġa li jsir aktar faċili li wieħed iċaqlaq ta' fondi minn reġjun għal ieħor u bejn il-modalijiet ta' għajnuna. Madankollu, ġie sottolinjat ukoll li ż-żieda fil-flessibbiltà jeħtieġ li ma sseħħx askapitu ta' inqas prevedibbiltà, dgħajfien tas-sjieda tal-pajjiżi u anqas enfasi fuq il-ksib tal-għanijiet ta' żvilupp fuq terminu twil. Sabiex tiġi żgurta l-flessibbiltà u l-prevedibbiltà, xi rispondenti argumentaw favur li jkun hemm riżervi suffiċjenti.

Koerenza: Il-partijiet ikkonċernati qiesu li huwa neċessarju li tiġi żgurata konsistenza akbar bejn il-politiki interni u esterni tal-UE, kif ukoll bejn l-istrumenti esterni nfushom. Uħud enfasizzaw il-ħtieġa li jissaħħu l-komplementarjetà u s-sinerġija bejn l-istrumenti ġeografiċi u tematiċi. Oħrajn argumentaw li l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli jipprovdu l-aktar bażi xierqa sabiex tiżdied il-konsistenza bejn il-politiki interni u esterni. Il-biċċa l-kbira rrakkomandaw li l-UE tkun minn ta' quddiem fit-titjib tal-komplementarjetà bejn il-partijiet ikkonċernati varji, kemm fl-UE kif ukoll barra minnha.

Xi rispondenti ssottolinjaw ir-riskju ta' trikkib fejn l-istess għanijiet ta' politika jiġu ffinanzjati minn diversi strumenti. Ir-rispondenti talbu wkoll delineazzjoni ċara tal-istrumenti, filwaqt li ssottolinjaw il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-programmi ġeografiċi u tematiċi jisfruttaw is-sinerġiji transsettorjali u r-rabtiet bejniethom.

Komplementarjetà: Dwar l-istrutturar tal-istrumenti futuri, il-partijiet ikkonċernati qablu li l-kombinazzjoni ta' programmi ġeografiċi u tematiċi tagħti riżultati pożittivi. Huma enfasizzaw li l-valur tal-istrumenti strutturati ġeografikament jinsab fil-kapaċità tagħhom li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-pajjiżi sħab b'mod imfassal apposta għalihom. Dan huwa kruċjali minħabba d-diversità tal-isfidi u l-ħtiġijiet f'dawn il-pajjiżi. Interventi dinjija mmirati offruti minn strumenti bħalma huma l-Istrument ta' Sħubija u l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi kienu apprezzati mill-partijiet ikkonċernati.

Simplifikazzjoni: L-UE ġiet imħeġġa bis-sħiħ biex tissimplifika aktar l-arkitettura ġenerali tal-istrumenti. L-UE jeħtieġ li tkompli wkoll bl-isforzi tagħha biex tissimplifika l-proċeduri amministrattivi u finanzjarji kkumplikati. Is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali enfażizzaw li l-proċeduri u r-regoli fis-seħħ bħalissa għandhom implikazzjonijiet importanti fuq l-abbiltà tagħhom li jinvolvu ruħhom aktar fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

Ingranaġġ: Il-partijiet ikkonċernati qablu li l-istrumenti ta' finanzjament innovattivi jista' jkollhom rwol importanti fl-ingranaġġ tal-finanzjament pubbliku u privat għall-assistenza esterna tal-UE. Is-sejbiet pożittivi dwar l-effetti ta' ingranaġġ u l-addizzjonalità finanzjarja ta' dawn l-istrumenti, li ħarġu mill-evalwazzjoni riċenti dwar it-taħlit[33], huma meqjusa bħala

[31] https://ec.europa.eu/europeaid/public-consultation-external-financing-instruments-european-union_en
[32] Għal aktar informazzjoni dwar il-konsultazzjoni pubblika ara https://ec.europa.eu/europeaid/public-consultation-external-financing-instruments-european-union_en
[33] Ara https://ec.europa.eu/europeaid/evaluation-blending_en

inkoraġġanti. Madankollu, ir-rispondenti mis-soċjetà ċivili esprimew tħassib li l-prijoritajiet tas-settur privat jissuperaw l-għanijiet ta' tnaqqis tal-faqar fil-pajjiżi sħab.

Din il-proposta tindirizza ħafna mit-tħassib espress mill-partijiet ikkonċernati.

- **Għarfien espert estern**

Ir-rapport tar-rieżami ta' nofs it-terminu u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal assoċjati kienu bbażati prinċipalment fuq sett ta' rapporti ta' evalwazzjoni indipendenti mwettqa bejn l-2016 u l-2017 (evalwazzjoni waħda għal kull strument). Fl-istess ħin, tħejja wkoll rapport indipendenti dwar is-sett ta' strumenti ta' azzjoni esterna koperti fir-rapport ta' rieżami ta' nofs it-terminu, li silet it-tagħlimiet u l-messaġġi ewlenin minnhom[34].

Lil hinn minn dawn ir-rapporti riċenti, ir-rieżami mill-pari tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE fl-2012[35] ħareġ sett ta' rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-arkitettura, ir-regoli u l-proċeduri tal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE. Pereżempju, l-OECD ħeġġet lill-UE sabiex tissimplifika u timmodernizza aktar il-kooperazzjoni, billi tnaqqas l-għadd ta' linji baġitarji, tallinja r-regoli tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, tissimplifika l-proċeduri tal-approvazzjoni u żżid il-konsistenza bejn il-programmi reġjonali u tematiċi. L-UE ntalbet issir aktar effettiva, pronta u flessibbli kemm fil-livell ta' programm kif ukoll fis-sett tal-istrumenti. Dan tal-aħħar intalab b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità u kriżi, fejn l-OECD rat lok sinifikanti għal titjib.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fl-2018, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt[36] li kopriet l-azzjoni esterna taħt l-intestatura "Ewropa Globali" tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 li jiffoka fuq il-bidliet ewlenin proposti għal azzjoni esterna, inkluż li jiġu ssimplifikati diversi strumenti fi strument wieħed wiesa' u l-integrazzjoni tal-attivitajiet li bħalissa huma ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-baġit tal-UE.

L-analiżi kkonkludiet li l-vantaġġi li l-attivitajiet ta' żvilupp ma jibqgħux jiġu ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp lil hinn mill-baġit tal-UE jegħlbu l-iżvantaġġi dment li jiġu ssodisfati ċerti prekundizzjonijiet. Dawn jinkludu:

– l-ammont allokat għall-azzjoni esterna jenħtieġ li ma jkunx inqas mis-somma tal-FEŻ u tal-istrumenti l-oħra ta' finanzjament estern flimkien;

– il-flessibbiltajiet tal-FEŻ jenħtieġ li jiġu ttrasferiti sa fejn possibbli għall-baġit tal-UE; kif ukoll;

– l-operazzjonijiet militari ffinanzjati mill-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp jenħtieġ li jitkomplew permezz ta' mekkaniżmu ieħor lil hinn mill-baġit — il-Faċilità Ewropea għall-Paċi, li hija s-suġġett ta' proposta separata.

---

34 Ara https://ec.europa.eu/europeaid/public-consultation-external-financing-instruments-european-union_en

35 http://www.oecd.org/dac/peer-reviews/europeanunion2012dacpeerreviewmainfindingsandrecommendations.htm

36 SWD (2018) 337.

Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet ukoll, li apparti dawk l-istrumenti li għandhom natura speċifika ħafna bħal għajnuna umanitarja, li ssegwi l-prinċipju ta' newtralità, il-biċċa l-kbira tal-istrumenti jistgħu jingħaqdu flimkien fi strument wieħed, jiġifieri: ir-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni, l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Mandat ta' Self Estern, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Fond ta' Garanzija, l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi u l-Istrument ta' Sħubija. Dawk l-istrumenti li jenħtieġ jibqgħu separati huma: l-istrument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni; l-għajnuna umanitarja; il-baġit tal-politika estera u ta' sigurtà komuni; il-pajjiżi u t-territorji *extra*-Ewropej inkluża Greenland; il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili l-iskema tal-voluntiera tal-għajnuna tal-UE; l-appoġġ lill-Komunità Ċiprijotta Torka; ir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza; u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi l-ġdida.

Kif innotat mill-Kummissjoni[37] u appoġġat b'feedback mis-sħab waqt il-konsultazzjoni pubblika miftuħa, l-arkitettura preżenti tal-istrumenti ta' finanzjament estern hija kumplessa wisq. Is-simplifikazzjoni ta' għadd ta' strumenti fi strument wieħed wiesa' tipprovdi opportunità għar-razzjonalizzazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u sorveljanza tagħhom u b'hekk jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-partijiet ikkonċernati kollha. Sistema ta' sorveljanza simplifikata tippermetti lill-istrumenti rilevanti li jkollhom stampa aħjar u aktar komprensiva tan-nefqa esterna tal-UE.

Strument wiesa' jipprovdi approċċ ġeografikament u tematikament aktar komprensiv, li jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' politiki differenti b'mod transreġjonali, multisettorjali u b'mod dinji. L-UE tiffaċilita risposti u sinerġiji koerenti, u b'hekk tkisser il-kompartamentalizzazzjoni tematika u ġeografika.

Jiġi eliminat it-trikkib, b'mod partikolari bejn l-Istrument ta' Sħubija u l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, fir-rigward tal-kooperazzjoni innovattiva mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw aktar avvanzati, u bejn il-programmi ġeografiċi u tematiċi (jiġifieri l-programmi ġeografiċi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-programmi tematiċi tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp).

Fil-25 ta' April 2018, il-valutazzjoni tal-impatt ġiet eżaminata mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, u rċeviet opinjoni pożittiva b'riżervi[38] bil-fehim li l-valutazzjoni jenħtieġ tiġi aġġustata sabiex tintegra r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord dwar ċerti aspetti. B'riżultat ta' dan, il-valutazzjoni kienet riveduta sabiex:

– tipprovdi aktar informazzjoni dwar l-istruttura tal-governanza tal-istrument il-ġdid, inkluża informazzjoni dwar il-proċeduri tad-teħid tad-deċiżjonijiet;

– tispjega aktar diversi kwistjonijiet ta' finanzjament, inkluż finanzjament bażi, id-delimitazzjoni tar-reġjuni u l-oqsma tematiċi u l-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni tal-Istati Membri għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp; kif ukoll;

– telabora dwar kif se jaħdmu s-sistemi tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni fil-ġejjieni.

[37] B'mod partikolari fid-"Dokument ta' riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE" (Ġunju 2017), u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (Frar 2018).

[38] Placeholder

L-opinjoni tal-Bord u l-modifiki assoċjati li saru fil-valutazzjoni tal-impatt huma deskritti aktar fil-fond fl-Anness 1 tal-valutazzjoni tal-impatt.

- **Simplifikazzjoni**

Prijorità għall-Kummissjoni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali hija li tissimplifika l-ambjent regolatorju tagħha.

Is-simplifikazzjoni ta' għadd ta' strumenti fi strument wieħed wiesa' se tipprovdi opportunità għar-razzjonalizzazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u sorveljanza u b'hekk jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-istituzzjonijiet tal-UE u għall-Istati Membri. Minflok ma jiffukaw fuq ħafna proċessi ta' programmazzjoni, id-dibattiti jkunu aktar iffukati fuq l-għanijiet politiċi u l-involviment mas-sħab esterni. Barra minn hekk, l-azzjonijiet li jirċievu finanzjament kumulattiv minn programmi differenti tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu awditjati darba biss, billi jiġu koperti l-programmi involuti kollha u r-regoli applikabbli rispettivi tagħhom.

Is-simplifikazzjoni ma tfissirx li jkun hemm anqas skrutinju jew akkontabbiltà. Il-bilanċ interistituzzjonali jiġi ppreservat b'mod sħiħ. Pjuttost, is-setgħat baġitarji u ta' skrutinju tal-Parlament Ewropew jiġu estiżi bl-inkorporazzjoni fil-baġit tal-UE tal-attivitajiet attwalment iffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

F'termini ta' allinjament tar-regoli, l-inkorporazzjoni tad-dispożizzjonijiet mir-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni se tagħti lill-istrument il-ġdid sett koerenti ta' prinċipji fil-partijiet komponenti kollha tiegħu u se tagħmilha aktar faċli biex jinftiehem mis-sħab u mill-aġenti ta' implimentazzjoni.

- **Drittijiet fundamentali**

L-UE hija msejsa fuq impenn qawwi li tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. L-Unjoni tappoġġa attivament dawn id-drittijiet u l-prinċipji fil-fruntieri tagħha, iżda anki meta tkun involuta f'relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi.

Dan ir-regolament jissostitwixxi l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem eżistenti u jappoġġa interventi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet fundamentali u d-demokrazija f'pajjiżi terzi. Il-proposta hija mfassla wkoll sabiex tappoġġa lis-soċjetà ċivili bħala forza effettiva għar-riforma politika u tad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2 ta' Mejju 2018[39], il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li talloka EUR 89 200 000 000 (fi prezzijiet attwali) għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali għall-2027-2021.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Kontribuzzjoni tar-Regolament propost għall-impenn tal-Unjoni fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima**

Fil-qafas tal-impenji meħuda fil-Ftehim ta' Pariġi, u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi

[39] COM(2018) 321, 2.5.2018.

integrata fil-politiki tal-Unjoni. Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima hija fost l-akbar sfidi li qed tiffaċċja d-dinja, u fejn il-ħtieġa għal azzjoni nazzjonali u internazzjonali hija urġenti. F'dan il-kuntest, l-għan tal-Unjoni huwa li mill-inqas 25 % tal-baġit tagħha jiġu indirizzati lejn il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Sabiex jikkontribwixxu għal dan il-għan, l-azzjonijiet taħt dan ir-Regolament huma mistennija li jikkontribwixxu 25 % mill-pakkett finanzjarju kumplessiv għal għanijiet tal-klima.

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rappurtar**

Il-Kummissjoni se timmonitorja b'mod regolari l-azzjonijiet tagħha u tirrieżamina l-progress magħmul sabiex jinkisbu r-riżultati. F'konformità mal-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016[40], fejn it-tliet istituzzjonijiet ikkonfermaw li l-evalwazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni u tal-politika eżistenti jeħtieġ li jipprovdu l-bażi għal valutazzjonijiet tal-impatt tal-għażliet biex tittieħed azzjoni ulterjuri, il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni *interim* u oħra finali. L-evalwazzjonijiet se jivvalutaw l-effetti tal-Istrumenti fil-post fuq l-indikaturi rilevanti u analiżi tal-livell sa fejn l-Istrument jista' jitqies rilevanti, effettiv, effiċjenti, jipprovdi biżżejjed valur miżjud tal-UE u huwa koerenti ma' politiki oħra tal-UE. L-evalwazzjonijiet se jinkludu t-tagħlimiet meħuda biex tiġi identifikata kull problema jew kull potenzjal biex jitjiebu l-azzjonijiet jew ir-riżultati tagħhom u biex jiġi mmassimizzat l-impatt tagħhom.

Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet flimkien mal-kummenti se jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Il-progress se jiġi mmonitorjat fuq il-bażi ta' indikaturi allinjati mal-għanijiet tal-proposta. Mill-2022 'il quddiem, il-Kummissjoni se tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar il-kisba tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

L-evalwazzjonijiet se jitwettqu fil-ħin biex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali jenħtieġ li jiġi vvalutat malli jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar il-prestazzjoni tiegħu.

- **Ambitu ġeografiku u parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi**

Ir-Regolament propost għandu ambitu ġeografiku dinji. Għal din ir-raġuni, għadd ta' atturi minn Stati Membri u minn barra l-Unjoni jista' jkollhom aċċess għal fondi tagħha u / jew isiru sħab biex jimplimentawhom.

F'dak li jikkonċerna r-riċevituri ta' fondi barra mill-Unjoni, entitajiet minn pajjiżi u minn territorji li qed jiżviluppaw, li huma l-benefiċjarji ewlenin ta' dan ir-Regolament, huma eliġibbli għal finanzjament mill-Unjoni. Pajjiżi terzi oħra jistgħu wkoll ikunu eliġibbli, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 24 ta' din il-proposta, li huma f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni dwar l-effikaċja tal-għajnuna, b'mod partikolari r-

[40] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14.

Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar in-Nuqqas ta' Rabta[41] u l-Forum ta' Livell Għoli ta' Nairobi tal-2016. L-Artikolu 24 jistabbilixxi li, bħala regola ġenerali, entitajiet minn pajjiżi terzi żviluppati jistgħu jirċievu biss fondi skont dan ir-Regolament fuq il-bażi tar-reċiproċità ta' aċċess għal assistenza ta' żvilupp tagħhom stess, rikonoxxuta minn deċiżjoni tal-Kummissjoni. Il-Patt ta' Stabbiltà u Paċi u għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, kif ukoll l-azzjonijiet ta' reazzjoni rapida, huma miftuħa għall-pajjiżi kollha minħabba l-interess tal-Unjoni li jkollha l-akbar offerta possibbli fid-dawl tal-ambitu mondjali tal-azzjonijiet, iċ-ċirkostanzi diffiċli li fihom tingħata l-għajnuna u l-ħtieġa ta' azzjoni rapida. Organizzazzjonijiet internazzjonali huma eliġibbli wkoll.

Fir-rigward tal-għażla ta' sħab minn barra l-Unjoni, il-Kummissjoni tista' wkoll tiddeċiedi li taħdem ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, ma' pajjiżi sħab jew ma' entitajiet minn pajjiżi terzi oħra taħt ġestjoni indiretta għall-implimentazzjoni ta' azzjoni speċifika, meta dan ikun fl-interess tal-Unjoni u tal-għan ta' din l-azzjoni, u soġġett għar-regoli u l-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament Finanzjarju. Din l-għażla tkun teħtieġ deċiżjoni tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi jistgħu jikkontribwixxu għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna u għalhekk l-entitajiet tagħhom ikunu jisgħtu potenzjalment isiru kontropartijiet eliġibbli għall-implimentazzjoni tagħha. Għall-pajjiżi terzi li mhumiex partijiet kontraenti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, dawn il-kontribuzzjonijiet jeħtieġu approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni. Il-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni bħal din jenħtieġ li jkunu riflessi fi ftehim bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż terz.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

TITOLU I: DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Suġġett – L-Artikolu 1 jiddefinixxi l-istrument maħluq mir-Regolament, li huwa wieħed mill-programmi tal-UE għall-azzjoni esterna.

Definizzjonijiet – L-Artikolu 2 jinkludi d-definizzjoni tat-terminoloġija bażika użata fir-Regolament.

Għanijiet — l-Artikolu 3 jistabbilixxi l-għan ġenerali, applikabbli għall-pilastri kollha tal-istrument, kif ukoll l-għanijiet speċifiċi.

Kamp ta' applikazzjoni u struttura – L-Artikolu 4 jiddeskrivi l-komponenti varji tal-istrument: ġeografiċi, tematiċi u rispons rapidu. Jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku u materjali ta' kull komponent u jispjega r-relazzjoni bejn il-komponenti.

Il-komponent ġeografiku jikkonsisti minn programmi ġeografiċi għall-Viċinat tal-Ewropa, l-Afrika sub-Saħarjana, l-Asja u l-Paċifiku u l-Kontinent Amerikan u l-Karibew. Il-pajjiżi taż-żona tal-Viċinat huma elenkati fl-Anness I; il-lista sservi bħala bażi għad-definizzjoni tal-pajjiżi fiż-żoni li jmissu mal-Unjoni. Pajjiżi oħra jaqgħu fiż-żoni ġeografiċi standard. Il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-programmi ġeografiċi, bl-oqsma ta' kooperazzjoni, huma spjegati fl-Anness II.

Il-komponent tematiku jiffoka fuq l-isfidi dinjija, b'mod partikolari permezz ta' programmi tematiċi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà

[41] Ir-Rakkomandazzjoni Riveduta tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp dwar l-ODA dwar in-nuqqas ta' Rabta għall-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati u għall-Pajjiżi Foqra bi Djun Kbar tat-12 ta' Awwissu 2014 (DCD/DAC(2014)37/FINAL).

Ċivili, l-Istabbiltà u l-Paċi u l-isfidi Dinjija li jkopru kwistjonijiet bħas-saħħa, l-edukazzjoni, in-nisa u t-tfal, l-impjiegi diċenti u l-protezzjoni soċjali, il-kultura, il-migrazzjoni, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, l-enerġija sostenibbli, it-tkabbir sostennibbli u inklużiv, is-settur privat u l-awtoritajiet lokali. Dawn il-programmi huma komplementari għall-programmi ġeografiċi, b'kopertura dinjija. Il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-programmi tematiċi, b'mod partikolari l-oqsma ta' intervent, huma stipulati fl-Anness III.

Il-komponent ta' rispons rapidu huwa ddedikat għall-kapaċità ta' rispons rapidu għall-ġestjoni tal-kriżijiet, il-prevenzjoni tal-konflitti u l-bini tal-paċi; it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-irbit tal-azzjonijiet umanitarji mal-azzjonijiet għall-iżvilupp; u l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-azzjonijiet tal-politika estera. Anki dan il-komponent għandu kopertura dinjija. L-oqsma ta' intervent huma definiti fl-Anness IV. F'dan il-komponent, mhix meħtieġa programmazzjoni; l-implimentazzjoni tieħu l-forma ta' adozzjoni diretta ta' miżuri ta' għajnuna, pjanijiet ta' azzjoni u miżuri individwali eċċezzjonali.

Koerenza, konsistenza u komplementarjetà — l-Artikolu 5 jispjega r-relazzjoni bejn dan l-istrument u strumenti oħra taħt l-azzjoni esterna, flimkien mar-rabtiet u l-konsistenza ma' programmi interni tal-UE.

Baġit – L-Artikolu 6 jirreferi għall-pakkett kumplessiv għall-istrument u jagħti diżaggregazzjoni dettaljata skont iż-żona ġeografika, il-programmi tematiċi u l-azzjoni ta' rispons rapidu. Jirreferi wkoll għar-riżerva "tal-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti", li tista' żżid l-ammonti msemmija fl-Artikolu.

Qafas ta' Politika – L-Artikolu 7 jirreferi għall-qafas kumplessiv ta' politika għall-implimentazzjoni tal-Istrument. Il-ftehimiet, l-istrateġiji, il-konklużjonijiet, ir-riżoluzzjonijiet eżistenti, u dokumenti oħra simili, huma l-politika li fuqha se tkun ibbażata l-implimentazzjoni tal-istrument.

Prinċipji ġenerali – L-Artikolu 8 jelenka d-diversi prinċipji applikabbli għall-istrument kollu, bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, il-kooperazzjoni, id-djalogu, is-sħubija, l-effettività tal-iżvilupp, l-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-ambjent u l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-Artikolu jissottolinja wkoll il-ħtieġa ta' kooperazzjoni mal-Istati Membri. Huwa inkluż l-obbligu ta' informazzjoni u ta' skambji regolari mal-Parlament Ewropew, li jippermettu lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew ikollhom diskussjonijiet regolari dwar il-politika u l-implimentazzjoni tal-istrument.

Il-bini tal-kapaċitajiet ta' atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u għas-sigurtà għall-iżvilupp — L-Artikolu 9 għandu l-għan li jiddelimita l-attivitajiet relatati mas-sigurtà li jistgħu jiġu appoġġati permezz ta' dan l-Istrument minn attivitajiet li ma jistgħux jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-UE.

TITOLU II – IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRUMENT

Titolu II jiġbor il-kapitoli relatati mal-implimentazzjoni tal-istrument, li jinkludi l-programmazzjoni pluriennali.

Il-Kapitolu I - Programmazzjoni (l-Artikoli 10-15) jkopri d-diversi dispożizzjonijiet dwar il-programmazzjoni pluriennali, b'mod partikolari l-approċċ ġenerali, il-prinċipji speċifiċi għall-programmi ġeografiċi, il-kontenut tad-dokumenti ta' programmazzjoni għall-programmi

kemm ġeografiċi kif ukoll tematiċi, kif ukoll il-proċedura tal-adozzjoni tagħhom. L-Artikolu 15 jistabbilixxi kif taħdem ir-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti.

Il-Kapitolu II – Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-Viċinat (l-Artikoli 16-18) jinkludi regoli speċifiċi għall-qasam tal-Viċinat, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriterji tal-allokazzjoni, l-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni, u l-kooperazzjoni transfruntiera.

Il-Kapitolu III – Pjanijiet ta' azzjoni, miżuri u metodi ta' implimentazzjoni (l-Artikoli 19-25) jinkludi dispożizzjonijiet li jissuplimentaw ir-Regolament Finanzjarju minħabba n-natura speċifika tal-azzjoni esterna. L-Artikolu 25 fih id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jiġu importati l-flessibbiltajiet tal-FEŻ.

Kapitolu IV — EFSD + garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi (l-Artikoli 26-30) jgħaqqad u jissostitwixxi d-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Mandat ta' Self Estern u l-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni.

Il-Kapitolu V – Monitoraġġ, rappurtar u evalwazzjoni (l-Artikoli 31-32) fih dispożizzjonijiet dwar l-indikaturi u l-oqfsa tar-riżultati użati fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-azzjoni esterna, kif ukoll dwar ir-rapport annwali, *interim* u r-rapport ta' evalwazzjoni finali.

TITOLU III - DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

It-Titolu III (l-Artikoli 33-41) jsegwi fil-biċċa l-kbira d-dispożizzjonijiet tal-programmi tal-politika interna fir-rigward ta' kwistjonijiet istituzzjonali, informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità, it-tħassir u d-dħul fis-seħħ. Fih ukoll deroga fir-rigward tal-viżibbiltà, klawżola dwar is-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna, u dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni ta' pajjiż jew territorju mhux kopert mir-Regolament.

L-Artikolu 34 ta' dan it-Titolu jkopri l-eżerċizzju tad-delega ta' setgħat fir-rigward tar-rata ta' proviżjonament (delega ta' setgħa li tinsab fl-Artikolu 26(3), l-oqsma ta' kooperazzjoni u intervent fl-Anness II, fl-Anness III u fl-Anness IV (delega ta' setgħa li tinsab fl-Artikolu 4(6), l-oqsma ta' prijorità tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli + l-operazzjonijiet u l-governanza tiegħu fl-Annessi V u VI (delega ta' setgħa li tinsab fl-Artikolu 27(9); l-indikaturi fl-Anness VII u l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni (delega ta' setgħa li tinsab fl-Artikolu 31(9).

Kwistjoni oħra ta' sustanza hija relatata mal-proċedura tal-kumitat: L-Artikolu 35 jistabbilixxi kumitat "ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali", skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. Dak il-Kumitat huwa responsabbli biex jagħti opinjoni dwar id-dokumenti ta' programmazzjoni pluriennali u dwar il-programmi ta' ħidma annwali (pjanijiet ta' azzjoni u miżuri).

Il-proposta għandha seba' annessi, kif ġej:
- Anness I – Lista tal-pajjiżi u t-territorji fil-qasam tal-viċinat
- Anness II – Oqsma ta' kooperazzjoni għall-programmi ġeografiċi
- Anness III – Oqsma ta' intervent għall-programmi tematiċi
- Anness IV – Oqsma ta' intervent għall-azzjonijiet ta' rispons rapidu
- Anness V — Oqsma ta' prijorità tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli + l-operazzjonijiet
- Anness V — Il-governanza tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli +
- Anness VI – Lista ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

2018/0243 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 209, 212 u 322(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[42],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[43],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri[44],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-għan ġenerali tal-Programm "Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonalit (l-"Istrument") jenħtieġ li jkun li jsostni u jippromwovi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja sabiex jiġu segwiti l-għanijiet u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 3(5), fl-Artikoli 8 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(2) Skont l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni jenħtieġ li tfittex li jkun hemm konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha u bejn dawn u l-politiki l-oħra tagħha, kif ukoll li taħdem lejn grad għoli ta' kooperazzjoni fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet internazzjonali. Il-firxa wiesgħa ta' azzjonijiet permessi minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-għanijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu tat-Trattat.

(3) Skont l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni jenħtieġ li tiżviluppa mal-pajjiżi viċini tagħha relazzjonijiet speċjali, bl-għan li tistabbilixxi żona ta' prosperità u ta' viċinat tajjeb, ibbażata fuq il-valuri tal-Unjoni u kkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-kooperazzjoni. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dan il-għan.

(4) L-għan primarju tal-politika tal-Unjoni għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa li jitnaqqas il-faqar u, fuq terminu twil, il-qerda tiegħu. Il-politika tal-kooperazzjoni

[42] ĠU C , , p. .
[43] ĠU C , , p. .
[44] Placeholder

għall-iżvilupp tal-Unjoni tikkontribwixxi wkoll għall-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari li jitrawwem l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, bil-għan primarju li jinqered il-faqar, kif stabbilit fl-Artikolu 21(2)(d) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(5) L-Unjoni jenħtieġ li tiżgura l-koerenza politika fl-iżvilupp kif meħtieġ mill-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Unjoni jenħtieġ li tqis l-għanijiet tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki li x'aktarx jolqtu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li se jkun element kruċjali tal-istrateġija biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli definiti fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ("l-Aġenda 2030") tan-Nazzjonijiet Uniti adottati f'Settembru 2015[45]. L-iżgurar tal-koerenza politika fl-iżvilupp sostenibbli kif inkorporat fl-Aġenda 2030 jeħtieġ li jitqies l-impatt tal-politiki kollha dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-livelli kollha – nazzjonali, fl-Unjoni, f'pajjiżi oħra u fil-livell dinji.

(6) Dan l-istrument jipprevedi azzjonijiet li jappoġġaw dawk l-għanijiet u dawk il-politiki ta' azzjoni esterna u jibni fuq l-azzjonijiet li qabel kienu appoġġati permezz tar-Regolament (UE) Nru 233/2014[46]; il-Ftehim Intern tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)[47], u r-Regolament ta' Implimentazzjoni[48]; Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014[49]; Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014[50]; Ir-Regolament (UE) Nru 235/2014[51]; Ir-Regolament (UE) Nru 234/2014[52]; Ir-Regolament (Euratom) Nru 237/2014[53]; Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014[54]; Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE; Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 480/2009[55] u r-Regolament (UE) Nru 2017/1601[56].

---

45 "Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ", adottata fis-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fil-25 ta' Settembru 2015 (A/RES/70/1).

46 Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument finanzjarju għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44.)

47 Ftehim intern bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-ftehim ta' sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 210/1, 6.8.2013).

48 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 58/1, 3.3.2015).

49 Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27.)

50 Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 1).

51 Ir-Regolament (UE) Nru 235/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 85.)

52 Ir-Regolament (UE) Nru 234/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 77.)

53 Ir-Regolament (Euratom) tal-Kunsill Nru 237/2014 tat-13 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Strument għall-Kooperazzjoni fis-Sikurezza Nukleari (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 109.)

54 Ir-Regolament (UE) 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95.)

55 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10.)

56 Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD.

(7) Il-kuntest dinji għall-azzjoni huwa li tiġi segwita ordni dinji bbażat fuq ir-regoli, bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tiegħu u bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu. L-Aġenda 2030, flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima[57] u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa[58] hija r-rispons tal-komunità internazzjonali għall-isfidi u x-xejriet dinjija fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli. Bl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-qalba tagħha, l-Aġenda 2030 hija qafas trasformattiv biex jeqred il-faqar u jikseb żvilupp sostenibbli fuq livell dinji. Hija għandha ambitu universali, billi tipprovdi qafas komprensiv kondiviż għal azzjonijiet li japplikaw għall-Unjoni, għall-Istati Membri tagħha u għas-sħab tagħha. Hija tibbilanċja d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali, u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li tirrikonoxxi l-interkonnessjonijiet essenzjali bejn l-għanijiet u l-miri tagħha. L-Aġenda 2030 għandha l-għan li ma tħalli lil ħadd lura. L-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 se tkun koordinata mill-qrib mal-impenji internazzjonali rilevanti l-oħra tal-Unjoni. L-azzjonijiet imwettqa minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lill-interkonnessjonijiet bejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u lill-azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilħqu għanijiet multipli b'mod koerenti.

(8) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun iggwidata mill-ħames prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni (l-"Istrateġija Globali")[59], ippreżentata fid-19 ta' Ġunju 2016, li tirrappreżenta l-viżjoni tal-Unjoni u l-qafas għal involviment estern magħqud u responsabbli fi sħubija ma' oħrajn, biex tmexxi 'l quddiem il-valuri u l-interessi tagħha. L-Unjoni jenħtieġ li ssaħħaħ is-sħubijiet, tippromwovi d-djalogu dwar il-politika u r-rispons kollettiv għall-isfidi ta' tħassib dinji. L-azzjoni tagħha jenħtieġ li tappoġġa l-interessi u l-valuri tal-Unjoni fl-aspetti kollha tagħhom, inklużi l-preservazzjoni tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti, it-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali, il-ġlieda kontra kawżi fl-għeruq tal-migrazzjoni irregolari u l-assistenza lil popolazzjonijiet, pajjiżi u reġjuni biex jikkonfrontaw diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem, l-appoġġ għall-politika kummerċjali, il-kooperazzjoni ekonomika, il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet u teknoloġiji diġitali u t-trawwim tad-dimensjoni internazzjonali tal-politiki tal-Unjoni. Fil-promozzjoni tal-interessi tagħha, l-Unjoni jenħtieġ li tikkonforma mal-prinċipji tar-rispett għal standards soċjali u ambjentali għolja, għall-istat tad-dritt, għad-dritt internazzjonali u għad-drittijiet tal-bniedem u tippromwovihom.

(9) Il-Kunsens Ewropew il-ġdid għall-Iżvilupp ("il-Kunsens")[60], iffirmat fis-7 ta' Ġunju 2017, jipprovdi l-qafas għal approċċ komuni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw l-Aġenda 2030 u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. Il-qerda tal-faqar, l-indirizzar tad-diskriminazzjonijiet u l-inugwaljanzi, li ħadd ma jitħalla lura huma u t-tisħiħ tar-reżiljenza jinsabu fil-qalba tal-politika tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

(10) Sabiex jiġi implimentat il-qafas internazzjonali ġdid stabbilit mill-Aġenda 2030, mill-Istrateġija Globali u mill-Kunsens, dan ir-Regolament jenħtieġ li jimmira lejn li jżid il-

---

57 Iffirmata fi New York fit-22 ta' April 2016.

58 "Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp", adottata fis-16 ta' Ġunju 2015 u approvata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-27 ta' Lulju 2015 (A/RES/69/313).

59 "Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa aktar b'saħħitha. Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni", Ġunju 2016.

60 "Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp 'Id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna'", Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, 8 ta' Ġunju 2017.

koerenza u jassigura l-effettività tal-azzjoni esterna tal-Unjoni billi jikkonċentra l-isforzi tiegħu permezz ta' strument simplifikat ħalli jtejjeb l-implimentazzjoni tal-politiki differenti tal-azzjoni esterna.

(11) Skont l-Istrateġija Globali u l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri (2015-2030) kif adottat fit-18 ta' Marzu 2015[61], jenħtieġ li jingħata rikonoxximent lill-ħtieġa li nimxu lil hinn mir-reazzjonijiet għall-kriżijiet u l-konteniment tagħhom u nersqu lejn approċċ aktar strutturali u fuq terminu twil li jindirizza b'mod aktar effettiv is-sitwazzjonijiet ta' fraġilità, id-diżastri naturali u dawk magħmula mill-bniedem, u l-kriżijiet fit-tul. Huma meħtieġa enfażi akbar u approċċi kollettivi fuq it-tnaqqis tar-riskju, il-prevenzjoni, il-mitigazzjoni u t-tħejjija; u huma meħtieġa sforzi ulterjuri biex jissaħħaħ ir-rispons rapidu u l-irkupru durabbli. Dan ir-Regolament jenħieġ għalhekk li jikkontribwixxi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza u biex jorbot l-għajnuna umanitarja u l-azzjoni ta' żvilupp permezz ta' azzjonijiet ta' rispons rapidu.

(12) F'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni dwar l-effettività tal-iżvilupp kif adottati f'Busan fl-2011 u mġedda fil-Forum ta' Livell Għoli ta' Nairobi fl-2016 u mfakkra fil-Kunsens, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni jenħtieġ li tapplika l-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp, jiġifieri s-sjieda tal-prijoritajiet għall-iżvilupp mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fokus fuq ir-riżultati, sħubijiet inklużivi għall-iżvilupp kif ukoll it-trasparenza u l-akkontabilità.

(13) Skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-monitoraġġ u għar-rappurtar b'enfażi fuq ir-riżultati, li jkopru l-outputs, l-eżiti u l-impatti f'pajjiżi sħab li jibbenefikaw mill-assistenza finanzjarja esterna tal-Unjoni. B'mod partikolari, kif miftiehem fil-Kunsens, l-azzjonijiet permezz ta' dan ir-Regolament huma mistennija li jikkontribwixxu 20 % tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp iffinanzjata skont dan ir-Regolament għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem, inklużi l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa.

(14) Kull meta jkun possibbli u xieraq, ir-riżultati tal-azzjoni esterna tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu mmonitorjati u vvalutati fuq il-bażi ta' indikaturi predefiniti, trasparenti, speċifiċi għall-pajjiżi u miżurabbli, adattati għall-ispeċifiċitajiet u l-għanijiet tal-Istrument u preferibbilment ibbażati fuq il-qafas tar-riżultati tal-pajjiż sieħeb.

(15) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-għan kollettiv tal-Unjoni li tipprovdi 0.7% mill-Introjtu Nazzjonali Gross bħala Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp fil-perjodu tal-Aġenda 2030. F'dak ir-rigward, mill-anqas 92 % tal-finanzjament skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal azzjonijiet imfassla b'mod li jissodisfaw il-kriterji għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp kif stabbiliti mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

(16) Sabiex ikun żgurat li r-riżorsi jmorru fejn hemm l-akbar ħtieġa, speċjalment għand il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-pajjiżi f'sitwazzjoni ta' fraġilità u kunflitt, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-mira kollettiva li sa 0.20 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross tal-Unjoni jmur lejn il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati fil-perjodu tal-Aġenda 2030.

(17) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrifletti l-ħtieġa ta' konċentrazzjoni fuq prijoritajiet strateġiċi, kemm ġeografikament — il-Viċinat Ewropew u l-Afrika, kif ukoll pajjiżi li

61 "Il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri", adottat fl-18 ta' Marzu 2015 u approvat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-3 ta' Ġunju 2015 (A/RES/69/283).

huma fraġli u li huma l-aktar fil-bżonn, iżda wkoll tematikament — is-sigurtà, il-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima u d-drittijiet tal-bniedem.

(18) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, kif rieżaminata fl-2015, u l-implimentazzjoni ta' oqfsa ta' kooperazzjoni reġjonali, bħall-kooperazzjoni transfruntiera u l-aspetti esterni ta' strateġiji u politiki makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar tal-rilevanti. Dawn l-inizjattivi joffru oqfsa politiċi għall-approfondiment tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi sħab u bejniethom, fuq il-bażi tal-prinċipji tal-akkontabbiltà reċiproka, is-sjieda u r-responsabbiltà kondiviżi.

(19) Il-Politika Ewropea tal-Viċinat, kif rieżaminata fl-2015[62], timmira lejn li tistabbilizza l-pajjiżi ġirien u li ssaħħaħ ir-reżiljenza, b'mod partikolari billi ssaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku, bħala l-prijoritajiet politiċi ewlenin tal-Unjoni. Biex tilħaq l-għan tagħha, il-Politika Ewropea tal-Viċinat rieżaminata ffukat fuq erba' oqsma ta' prijorità: governanza tajba, demokrazija, stat tad-dritt u drittijiet tal-bniedem, b'enfażi partikolari fuq involviment akbar mas-soċjetà ċivili; l-iżvilupp ekonomiku; is-sigurtà; il-migrazzjoni u l-mobilità, inkluż l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament furzat. Id-differenzazzjoni u s-sjieda reċiproka akbar huma l-karatteristika tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li tirrikonoxxi l-livelli differenti ta' involviment, u tirrifletti l-interessi ta' kull pajjiż fir-rigward tan-natura u l-fokus tas-sħubija tiegħu mal-Unjoni.

(20) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni ta' ftehim ta' assoċjazzjoni modernizzat mal-pajjiżi mill-Grupp ta' Stati mill-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) u jippermetti lill-UE u lis-sħab tagħha tal-AKP biex ikomplu jiżviluppaw alleanzi b'saħħithom dwar sfidi dinjija ewlenin. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jenħtieġ li jappoġġa l-kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni stabbilita bejn l-Unjoni u l-Unjoni Afrikana f'konformità mal-Istrateġija Konġunta UE-Afrika u jibni fuq il-ftehim futur bejn l-UE u l-AKP wara l-2020, inkluż permezz ta' approċċ kontinentali lejn l-Afrika.

(21) L-Unjoni jenħtieġ li tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli biex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dan jenħtieġ li jinkiseb permezz ta' koerenza u komplementarjetà bejn l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III[63], l-Istrument tal-Għajnuna Umanitarja[64], id-Deċiżjoni dwar il-Pajjiż u Territorji *extra*-Ewropew[65], l-Istrument Ewropew għas-Sikurezza Nukleari biex jikkomplementa l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali fuq il-bażi tat-Trattat tal-Euratom[66], il-politika estera u ta' sigurtà komuni u l-Faċilità

---

62 Komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat", 18 ta' Novembru 2015.

63 COM (2018) 465 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)

64 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

65 COM(2018) 461 final, Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Assoċjazzjoni ta' pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inklużi r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka fuq in-naħa l-oħra ("id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija").

66 COM(2018) 462 final, Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari li jikkumplimenta l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali fuq il-bażi tat-Trattat Euratom.

Ewropea għall-Paċi li għadha kif ġiet proposta[67] li hija ffinanzjata lil hinn mill-baġit tal-Unjoni, kif ukoll il-ħolqien ta' sinerġiji ma' politiki u Programmi oħra tal-Unjoni. Dan jinkludi koerenza u komplementarjetà mal-assistenza makrofinanzjarja, fejn rilevanti. Sabiex jiġi massimizzat l-impatt ikkombinat tal-interventi biex jintlaħaq għan komuni, dan ir-Regolament jenħtieġ jippermetti t-taħlit ta' finanzjament ma' Programmi oħra tal-Unjoni, dment li l-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet.

(22) Il-finanzjament minn dan ir-Regolament jenħtieġ jintuża biex jiffinanzja azzjonijiet taħt id-dimensjoni internazzjonali ta' Erasmus, li l-implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li ssir skont ir-Regolament dwar Erasmus[68].

(23) L-approċċ ewlieni għall-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun permezz ta' programmi ġeografiċi, sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-assistenza tal-Unjoni u l-azzjoni tal-Unjoni tinġieb eqreb tal-pajjiżi u l-popolazzjonijiet sħab. Dan l-approċċ ġenerali jenħtieġ li jiġi kkumplimentat minn programmi tematiċi u minn azzjonijiet ta' rispons rapidu, fejn rilevanti.

(24) F'konformità mal-Kunsens, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jtejbu l-programmazzjoni konġunta sabiex iżidu l-impatt kollettiv tagħhom billi jiġbru flimkien ir-riżorsi u l-kapaċitajiet tagħhom. Il-programmazzjoni konġunta jenħtieġ li tibni fuq l-involviment, l-approprjazzjoni u s-sjieda tal-pajjiżi sħab. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jfittxu li jappoġġaw lill-pajjiżi sħab permezz ta' implimentazzjoni konġunta, kull meta xieraq.

(25) Filwaqt li d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, fosthom l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa jenħtieġ li jiġu riflessi matul l-implimentazzjoni kollha ta' dan ir-Regolament, l-assistenza tal-Unjoni permezz tal-programmi tematiċi għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenħtieġ li jkollha rwol speċifiku komplementari u addizzjonali minħabba n-natura dinjija tagħha, u l-indipendenza tal-azzjoni tagħha mill-kunsens tal-gvernijiet u tal-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiżi terzi kkonċernati.

(26) L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenħtieġ li jinkludu firxa wiesgħa ta' atturi bi rwoli u mandati differenti li jinkludi l-istrutturi kollha mhux Statali, mhux għall-profitt, mhux partiġġjani u mhux vjolenti, li bihom persuni jorganizzaw ruħhom sabiex isegwu għanijiet u ideali komuni, sew politiċi, kulturali, soċjali jew ekonomiċi. Huma joperaw mil-livell lokali sal-livell nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, u jinkludu organizzazzjonijiet urbani u rurali, formali u informali.

(27) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għal dan l-istrument, li se jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, fis-sens tal-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[69], għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

---

67 C(2018) 3800 final Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew għall-Paċi.

68 COM (2018) 367 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi "Erasmus": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) 1288/2013

69 ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

(28) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni li jimplimentaw il-Ftehim ta’ Pariġi u l-Miri tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan ir-Regolament se jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u biex tintlaħaq il-mira ġenerali li 25 % tal-infiq tal-baġit tal-UE ikunu b’appoġġ għal għanijiet tal-klima. L-azzjonijiet permezz ta' dan ir-Regolament huma mistennija li jikkontribwixxu 25 % mill-pakkett finanzjarju kumplessiv għal għanijiet tal-klima. Azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul l-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, u l-kontribuzzjoni kumplessiva minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun parti mill-evalwazzjonijiet rilevanti u mill-proċessi ta’ rieżami.

(29) Huwa essenzjali li tiżdied il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni ma’ pajjiżi sħab, ħalli jitgawdew il-benefiċċji ta’ migrazzjoni ġestita tajjeb u regolari u tiġi indirizzata effettivament il-migrazzjoni irregolari. Tali kooperazzjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi biex jiġi żgurat l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari, it-titjib tal-ġestjoni tal-fruntieri u li jsiru sforzi fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, it-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta’ migranti, u ssir ħidma fuq ir-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni meta rilevanti, fuq il-bażi tal-akkontabbiltà reċiproka u r-rispett sħiħ tal-obbligi umanitarji u tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, il-kooperazzjoni effettiva tal-pajjiżi terzi mal-Unjoni f’dan il-qasam jenħtieġ li ssir element integrali mill-prinċipji ġenerali ta’ dan ir-Regolament. Aktar koerenza bejn il-migrazzjoni u l-politiki tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp hija importanti biex jiġi żgurat li l-assistenza għall-iżvilupp tappoġġa lill-pajjiżi sħab jimmaniġġaw il-migrazzjoni b’mod aktar effettiv. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, billi jimmassimizza s-sinerġiji u japplika l-ingranaġġ meħtieġ.

(30) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi għall-isfidi, il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet relatati mal-migrazzjoni, f’komplementarjetà mal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni. Sabiex jikkontribwixxi għal dan il-għan, u mingħajr preġudizzju għaċ-ċirkustanzi mhux previsti, 10 % mill-pakkett finanzjarju tiegħu huma mistennija jkunu ddedikati biex jiġu indirizzati l-għeruq tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament sfurzat u biex tiġi appoġġata l-ġestjoni u l-governanza tal-migrazzjoni, inkluża l-protezzjoni tar-refuġjati u d-drittijiet tal-migranti fl-għanijiet ta’ dan ir-Regolament.

(31) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b’mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta’ għotjiet, akkwist, premjijiet, implimentazzjoni indiretta, assistenza finanzjarja, appoġġ baġitarju, fondi fiduċjarji, strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji u jipprovdu għal verifiki dwar ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 322 TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f’każ ta’ nuqqasijiet ġeneralizzati rigward l-istat tad-dritt fl-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi, billi r-rispett għall-istat tad-dritt huwa essenzjali għal ġestjoni finanzjarja soda u finanzjament effettiv tal-UE.

(32) It-tipi ta’ finanzjament u l-metodi ta’ implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu fuq il-bażi tal-kapaċità tagħhom li jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li b’mod partikolari jitqiesu l-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta’ nuqqas ta’ konformità. Dan

jenħtieġ li jinkludi konsiderazzjoni tal-użu ta' ammonti f'daqqa, rati fissi u kostijiet unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut ma' kostijiet kif imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

(33) Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli + ("EFSD+") il-ġdid, li jibni fuq il-predeċessur ta' suċċess tiegħu, l-EFSD[70], jenħtieġ li jikkostitwixxi pakkett finanzjarju integrat li jipprovdi kapaċità ta' finanzjament fil-forom ta' għotjiet, garanziji u strumenti finanzjarji oħra madwar il-dinja kollha. L-EFSD+ jenħtieġ li jappoġġa l-Pjan ta' Investiment Estern u jikkombina operazzjonijiet ta' taħlit u ta' garanziji baġitarji koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, inklużi dawk li jkopru r-riskji sovrani assoċjati ma' operazzjonijiet ta' self, preċedentement imwettqa taħt il-mandat ta' self estern tal-Bank Ewropew tal-Investiment. Minħabba r-rwol tiegħu skont it-Trattati u l-esperjenza tiegħu matul dawn l-aħħar deċennji jappoġġa l-politiki tal-Unjoni, il-Bank Ewropew tal-Investiment jenħtieġ jibqa' sieħeb naturali tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet taħt il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

(34) L-EFSD + jenħtieġ li jkollu l-għan li jappoġġaw l-investimenti bħala mezz li jikkontribwixxu biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli permezz tat-trawwim ta' żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u inkluživ u billi jippromwovi r-reżiljenza soċjoekonomika tal-pajjiżi sħab, b'enfasi partikolari fuq il-qerda tal-faqar, it-tkabbir sostenibbli u inkluživ, il-ħolqien ta' impjiegi diċenti, l-opportunitajiet ekonomiċi, il-ħiliet u l-intraprenditorija, is-setturi soċjoekonomiċi, l-intrapriżi mikro, żgħar u medji, kif ukoll billi jiġu indirizzati l-kawżi soċjoekonomiċi speċifiċi tal-migrazzjoni irregolari, f'konformità mad-dokumenti rilevanti ta' programmazzjoni indikattiva. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-pajjiżi identifikati bħala li għaddejjin minn fraġilità jew kunflitt, lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u lill-pajjiżi fqar b'ħafna dejn.

(35) Jenħtieġ li l-EFSD+ jimmassimizza l-addizjonalità tal-finanzjament, jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, irendi prodotti innovattivi u jattira fondi mis-settur privat. Jenħtieġ li l-involviment tas-settur privat fil-kooperazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi sħab permezz tal-EFSD+ iħalli impatt addizzjonali u li jkun jista' jitkejjel fuq l-iżvilupp mingħajr distorsjoni fis-suq u jenħtieġ li dan ikun kosteffikaċi bbażat fuq l-akkontabbiltà reċiproka u l-kondiviżjoni tar-riskju u tal-kostijiet. Jenħtieġ li l-EFSD+ jopera bħala "one-stop-shop", billi jirċievi proposti ta' finanzjament mingħand istituzzjonijiet finanzjarji u investituri pubbliċi jew privati u li jagħti firxa wiesgħa ta' appoġġ finanzjarju għall-investimenti eliġibbli.

(36) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Garanzija għall-Azzjoni Esterna li tibni fuq il-Garanzija tal-EFSD u fuq il-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni. Jenħtieġ li l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tappoġġa l-operazzjonijiet tal-EFSD+ koperti mill-garanziji baġitarji, mill-assistenza makrofinanzjarja u mis-self lil pajjiżi terzi fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom[71]. Dawn l-operazzjonijiet jenħtieġ li jkunu appoġġati minn approprjazzjonijiet permezz ta' dan ir-Regolament, flimkien ma' dawk permezz tar-Regolament (UE) Nru.../... (IPA III) u permezz tar-Regolament (UE) Nru.../... (EINS), li jenħtieġ li jkopru wkoll il-proviżjonament u l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn self ta' assistenza makrofinanzjarja u minn self lil pajjiżi terzi

70 Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (European Fund for Sustainable Development, EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD.

71 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nukleari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

msemmi fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament EINS, rispettivament. Meta tiffinanzja operazzjonijiet EFSD+, jenħtieġ li tingħata prijorità lil dawk li jkollhom impatt għoli fuq il-ħolqien tal-impjiegi u li l-proporzjon tal-kostijiet u l-benefiċċji tagħhom itejjeb is-sostenibbiltà tal-investiment. Jenħtieġ li l-operazzjonijiet appoġġati bil-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jkunu akkumpanjati b'valutazzjoni *ex ante* dettaljata tal-aspetti ambjentali, finanzjarji u soċjali, kif ikun xieraq u f'konformità mar-rekwiżiti għal regolamentazzjoni aħjar. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jenħtieġ li ma tintużax biex tipprovdi servizzi pubbliċi essenzjali, li jibqgħu r-responsabbiltà tal-gvern nazzjonali.

(37) Sabiex tiġi prevista l-flessibbiltà, tiżdied l-attrazzjoni għas-settur privat u jiġi mmassimizzat l-impatt tal-investimenti, jenħtieġ li tingħata deroga mir-regoli relatati mal-metodi tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, kif stipulat fir-Regolament Finanzjarju, fir-rigward tal-kontropartijiet eliġibbli. Dawk il-kontropartijiet eliġibbli jistgħu jkunu wkoll korpi li ma jkunux fdati bl-implimentazzjoni ta' xi sħubija pubblika privata u jistgħu jkunu wkoll korpi regolati b'liġi privata ta' pajjiż sieħeb.

(38) Sabiex jiżdied l-impatt tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-partijiet kontraenti tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jkollhom il-possibbiltà jipprovdu kontribuzzjonijiet fil-forma ta' flus jew garanzija. Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni fil-forma ta' garanzija ma taqbiżx il-50 % tal-ammont tal-operazzjonijiet iggarantiti mill-Unjoni. Jenħtieġ li l-obbligazzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw minn din il-garanzija ma jiġux proviżjonati u r-riżerva ta' likwidità jenħtieġ li tiġi proviżjonata mill-fond komuni ta' proviżjonament.

(39) Azzjonijiet esterni huma ta' spiss implimentati f'ambjent volatili ħafna li jkun jeħtieġ adattament kontinwu u rapidu għall-ħtiġijiet li jevolvu tas-sħab tal-Unjoni u għall-isfidi dinjija għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba, is-sigurtà u l-istabbiltà, it-tibdil fil-klima u l-ambjent, l-oċeani, u l-kriżi tal-migrazzjoni u l-kawżi ewlenin tagħha. Ir-rikonċiljazzjoni tal-prinċipju tal-prevedibbiltà mal-ħtieġa ta' reazzjoni rapida għal ħtiġijiet ġodda konsegwentement ifisser l-adattament tal-implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi. Biex tiżdied il-kapaċità tal-UE li tirrispondi għal ħtiġijiet mhux previsti, u billi jibni fuq l-esperjenza ta' suċċess tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), ammont jenħtieġ li jitħalla mhux allokat bħala riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet li jinħolqu. Jenħtieġ li din ir-riżerva tiġi mobilizzata skont il-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(40) Għalhekk, filwaqt li jirrispetta l-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stipulat kull sena, dan ir-Regolament jenħtieġ li jippreserva l-possibbiltà li l-flessibbiltajiet li diġà huma permessi mir-Regolament Finanzjarju jiġu applikati għal politiki oħra, jiġifieri r-riporti u r-riimpenn ta' fondi, sabiex jiġi assigurat użu effiċjenti tal-fondi tal-UE kemm għaċ-ċittadini tal-UE kif ukoll għall-pajjiżi sħab, u b'hekk jiġu massimizzati l-fondi disponibbli tal-Unjoni għall-interventi ta' azzjoni esterna.

(41) Skont l-Artikolu 83 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill …/… (PTEE), persuni u entitatijiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej jenħtieġ li jkunu eliġibbli għal finanzjament skont dan ir-Regolament, soġġett għar-regoli u għall-għanijiet tiegħu u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu l-pajjiż jew territorju *extra*-Ewropew rilevanti jkun marbut. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi sħab u l-pajjiżi u t-territorji *extra*-Ewropew kif ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi mħeġġa f'oqsma ta' interess komuni.

(42) Sabiex jissaħħu s-sjieda tal-proċessi ta' żvilupp min-naħa tal-pajjiżi sħab u s-sostenibbiltà tal-assistenza esterna, jenħtieġ li l-Unjoni, fejn ikun rilevanti, tiffavorixxi l-użu tal-istituzzjonijiet proprji tal-pajjiżi sħab u tas-sistemi u l-proċeduri tal-pajjiżi sħab għal kull aspett taċ-ċiklu tal-proġett għall-kooperazzjoni.

(43) Pjanijiet ta' azzjoni annwali jew pluriennali u miżuri msemmija fl-Artikolu 19 jikkostitwixxu programmi ta' ħidma skont ir-Regolament Finanzjarju. Pjanijiet ta' azzjoni annwali jew pluriennali jikkonsistu f'sett ta' miżuri miġbura f'dokument wieħed.

(44) Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[72], ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[73] u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[74] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 [75], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri effettivi u proporzjonati, inklużi l-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jagħmel investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi verifiki u spezzjonijiet fil-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jista' jinvestiga u jippreżenta każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371[76] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kull persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera kompletament fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kull terza persuna involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. għal din ir-raġuni, il-ftehimiet ma' pajjiżi u territorji terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, u kwalunkwe kuntratt jew ftehim ta' għotja, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun fihom dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF iwettqu tali awditjar, verifiki u spezzjonijiet fil-post, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u jiżguraw li kwalunkwe terza persuna involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni jagħti drittijiet ekwivalenti.

(45) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata

---

72 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1)

73 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1).

74 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fil-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2)

75 ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.

76 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU 198, 28.7.2017, p. 29)

setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011[77] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(46) Sabiex jiġu ssupplimentati jew emendati elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward mir-rati ta' proviżjonament stipulati fl-Artikolu 26(3), l-oqsma ta' kooperazzjoni u ta' intervent elenkati fl-Annessi II, III u IV, l-oqsma ta' prijorità tal-operazzjonijiet EFSD+ elenkati fl-Anness V, il-governanza tal-EFSD+ fl-Anness VI, biex tirrieżamina jew tikkumplimenta l-indikaturi fl-Anness VII meta jkun hemm bżonn u biex tissupplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

(47) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-ftehim Interistituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tas-13 ta' April 2016[78], hemm il-ħtieġa li dan il-programm jiġi evalwat fuq l-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati regolamentazzjoni u piżijiet amministrattivi żejda, b'mod partikolari għall-Istati Membri. Fejn xieraq, dawn ir-rekwiżiti jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fil-post. Huwa ta' importanza partikolari li waqt il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa anki fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet jsiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(48) Ir-referenzi għall-istrumenti tal-Unjoni fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE[79], u li huma ssostitwiti b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jinqraw bħala referenzi għal dan ir-Regolament u l-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li dan ir-Regolament jiġi implimentat f'konformità mar-rwol tas-SEAE kif previst f'dik id-Deċiżjoni.

(49) L-azzjonijiet ippjanati kif previst hawn taħt jenħtieġ li jsegwu strettament il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-miżuri restrittivi tal-Unjoni,

---

[77] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)

[78] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14.

[79] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm "Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali" (l-"Istrument").

Jistabbilixxi l-għanijiet tal-Istrument, il-baġit għall-perjodu 2021 – 2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' dan it-tip ta' finanzjament.

Jistabbilixxi wkoll il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (l-"EFSD+") u Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "programm għall-pajjiż" għandha tfisser programm indikattiv li jkopri pajjiż wieħed;

(2) "programm għal diversi pajjiżi" għandha tfisser programm indikattiv li jkopri aktar minn pajjiż wieħed;

(3) "kooperazzjoni transfruntiera" għandha tfisser kooperazzjoni bejn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz u territorju wieħed jew aktar tul il-fruntieri esterni tal-Unjoni.

(4) "programm reġjonali" għandha tfisser programm indikattiv għal diversi pajjiżi li jkopri aktar minn pajjiż wieħed fl-istess żona ġeografika kif stabbilit fl-Artikolu 4 (2);

(5) "programm transreġjonali" għandha tfisser programm indikattiv għal diversi pajjiżi li jkopri aktar minn pajjiż terz wieħed minn żoni differenti kif stabbilit fl-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament;

(6) "entità ġuridika" għandha tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont id-dritt nazzjonali, id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u li tista', meta taġixxi f'isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità mingħajr personalità ġuridika skont l-Artikolu 197(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju;

(7) "tieqa ta' investiment" għandha tfisser qasam fil-mira għall-appoġġ mill-Garanzija tal-EFSD+ għal portafolji ta' investimenti f'reġjuni, pajjiżi jew setturi speċifiċi;

(8) "kontributur" għandha tfisser Stat Membru, istituzzjoni finanzjarja internazzjonali jew istituzzjoni pubblika ta' Stat Membru, aġenzija pubblika jew entitajiet oħrajn li jikkontribwixxu bi flus jew b'garanziji għall-fond komuni ta' proviżjonament.

Artikolu 3
Għanijiet

1. L-għan ġenerali ta' dan ir-Regolament huwa li jsostni u jippromwovi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja sabiex jiġu segwiti l-għanijiet u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikoli 3(5), fl-Artikolu 8 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

2. Skont il-paragrafu 1, l-għanijiet speċifiċi ta' dan ir-Regolament huma dawn li ġejjin:

   (a) li jappoġġa u jippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u reġjuni fil-Viċinat, fl-Afrika sub-Saħarjana, fl-Asja u fil-Paċifiku, u fil-Kontinent Amerikan u fil-Karibew;

   (b) fil-livell dinji, li jikkonsolida u jappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, aktar stabbiltà u paċi u li jindirizza sfidi dinjija oħra, inkluż il-migrazzjoni u l-mobbiltà;

   (c) li jirrispondi b'ħeffa għal: sitwazzjonijiet ta' kriżi, instabbiltà u kunflitt; sfidi għar-reżiljenza u jorbot l-għajnuna umanitarja u l-azzjoni ta' żvilupp; u l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-politika estera.

   L-ilħuq ta' dawn l-għanijiet għandu jitkejjel permezz ta' indikaturi rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 31.

3. Mill-anqas 92 % tan-nefqa skont dan ir-Regolament għandha tissodisfa l-kriterji għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, stabbiliti mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

Artikolu 4
Kamp ta' applikazzjoni u struttura

1. Il-finanzjament tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat permezz ta':

   (a) programmi ġeografiċi;

   (b) programmi tematiċi;

   (c) azzjonijiet ta' rispons rapidu.

2. Il-programmi ġeografiċi għandhom jinkludu kooperazzjoni ma' pajjiż wieħed u ma' diversi pajjiżi fiż-żoni li ġejjin:

   (a) Il-viċinat;

   (b) l-Afrika sub-Saħarjana;

   (c) l-Asja u l-Paċifiku;

   (d) il-Kontinent Amerikan u l-Karibew.

Il-programmi ġeografiċi jistgħu jkopru l-pajjiżi terzi kollha, ħlief il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali kif definiti fir-Regolament (UE) Nru …/…[80]. (IPA) u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropew kif definit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill …/… (UE).

Il-programmi ġeografiċi fiż-żona tal-Viċinat tista' tkopri kull pajjiż imsemmi fl-Anness I.

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3, il-programmi ġeografiċi għandhom ikunu bbażati fuq l-oqsma ta' kooperazzjoni elenkati fl-Anness II.

3. Il-programmi tematiċi għandhom jinkludu azzjonijiet marbuta mal-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fuq livell dinji, fl-oqsma li ġejjin:

(a) Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija;

(b) Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili;

(c) Stabbiltà u Paċi;

(d) Sfidi Dinjija.

Il-programmi tematiċi jistgħu jkopru l-pajjiżi terzi kollha kif ukoll il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej kollha kif definit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill …/… (UE).

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3, il-programmi tematiċi għandhom ikunu bbażati fuq l-oqsma ta' intervent elenkati fl-Anness III.

4. L-azzjonijiet ta' rispons rapidu għandhom jippermettu azzjoni bikrija biex:

(a) jikkontribwixxu għall-istabbiltà u għall-prevenzjoni ta' kunflitti f'sitwazzjonijiet ta' urġenza, kriżi emerġenti, kriżi u wara kriżi;

(b) jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-istati, tas-soċjetajiet, tal-komunitajiet u tal-individwi u biex jorbtu l-azzjoni tal-għajnuna umanitarja u tal-iżvilupp;

(c) jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-politika estera.

L-azzjonijiet ta' rispons rapidu jistgħu jkopru l-pajjiżi terzi kollha kif ukoll il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej kollha kif definit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill …/… (UE).

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3, l-azzjonijiet ta' rispons rapidu għandhom ikunu bbażati fuq l-oqsma ta' intervent elenkati fl-Anness IV.

5. L-azzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati primarjament permezz ta' programmi ġeografiċi.

L-azzjonijiet implimentati permezz tal-programmi tematiċi għandhom ikunu komplementari għall-azzjonijiet iffinanzjati bil-programmi ġeografiċi u għandhom jindirizzaw inizjattivi dinjija u transreġjonali biex jintlaħqu għanijiet miftehma internazzjonalment, b'mod partikolari l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, jiġu protetti beni pubbliċi dinjija jew jiġu indirizzati sfidi dinjija. L-azzjonijiet permezz ta' programmi tematiċi jistgħu jitwettqu wkoll fejn ma jkunx hemm programm ġeografiku, jew fejn dan ikun ġie sospiż, jew fejn ma jkunx hemm ftehim dwar l-azzjoni mal-pajjiż sieħeb ikkonċernat, jew fejn l-azzjoni ma tkunx tista' tiġi indirizzata adegwatament mill-programmi ġeografiċi.

[80] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (ĠU L).

L-azzjonijiet ta’ rispons rapidu għandhom ikunu komplementari għall-programmi ġeografiċi u tematiċi. Dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu mfassla u implimentati biex jippermettu, fejn rilevanti, il-kontinwità tagħhom taħt programmi ġeografiċi jew tematiċi.

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 34 fir-rigward ta’ supplimenti jew emendi fl-Annessi II, III u IV.

Artikolu 5

Koerenza, konsistenza u komplementarjetà

1. Fl-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, għandhom jiġu assigurati l-konsistenza, is-sinerġiji u l-komplimentarjetà ma’ oqsma oħra tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, ma’ politiki u programmi rilevanti oħra tal-Unjoni, kif ukoll il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp.

2. Azzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 ma għandhomx ikunu ffinanzjati b'dan ir-Regolament.

3. Fejn xieraq, Programmi oħra tal-Unjoni jistgħu jikkontribwixxu għal azzjonijiet stabbiliti skont dan ir-Regolament, dment li l-kontribuzzjonijiet ma jkopru x l-istess kostijiet. Dan ir-Regolament jista’ wkoll jikkontribwixxi għal miżuri stabbiliti taħt Programmi oħra tal-Unjoni, dment li l-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet. F’każijiet bħal dawn, il-programm ta’ ħidma li jkopri dawk l-azzjonijiet għandu jistabbilixxi liema sett ta’ regoli għandhom jiġu applikati.

Artikolu 6

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament għall-perjodu 2021 – 2027 għandu jkun ta’ EUR89 200 miljun fi prezzijiet attwali.

2. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun magħmul minn:

(a) EUR 68 000 miljun għall-programmi ġeografiċi:

– Il-viċinat mill-inqas EUR 22 000 miljun,

– l-Afrika sub-Saħarjana mill-anqas EUR 32 000 miljun,

– l-Asja u l-Paċifiku EUR 10 000 miljun,

– il-kontinent Amerikan u l-Karibew EUR 4 000 miljun,

(b) EUR 7 000 miljun għall-programmi tematiċi:

– Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija EUR 1 500 miljun,

– Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili EUR 1 500 miljun,

– Stabbiltà u Paċi EUR 1 000 miljun,

– Sfidi Dinjija EUR 3 000 miljun,

(c) EUR 4 000 miljun għal azzjonijiet ta’ rispons rapidu.

3. Ir-riżervi ta’ EUR 10 200 miljun għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti għandhom iżidu l-ammonti msemmija fil-paragrafu 2 f’konformità mal-Artikolu 15.

4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 2(a) għandu jikkorrispondi għal mill-anqas 75% tal-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 7

Qafas ta' politika

Il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni, il-ftehimiet ta' sħubija u ta' kooperazzjoni, il-ftehimiet multilaterali u ftehimiet oħra li jistabbilixxu relazzjoni legalment vinkolanti ma' pajjiżi sħab, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew u l-konklużjonijiet tal-Kunsill, id-dikjarazzjonijiet ta' summits jew il-konklużjonijiet ta' laqgħat ta' livell għoli ma' pajjiżi sħab, ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew, il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni jew il-Komunikazzjonijiet konġunti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandhom jikkostitwixxu l-qafas kumplessiv ta' politika għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Prinċipji ġenerali

1. L-Unjoni għandha tfittex li tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali li fuqhom hija mibnija, permezz ta' djalogu u kooperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni sħab.

2. Għandu jiġi applikat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li jinkludi d-drittijiet kollha tal-bniedem, sew ċivili u politiċi jew ekonomiċi, soċjali u kulturali sabiex jiġu integrati l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem, sabiex id-detenturi tad-dritt jiġu appoġġati fil-pretensjoni tad-drittijiet tagħhom b'enfasi fuq gruppi aktar foqra u aktar vulnerabbli u sabiex il-pajjiżi sħab jiġu appoġġati fl-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa.

3. L-Unjoni għandha tappoġġa, kif xieraq, l-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni u djalogu bilaterali, reġjonali u multilaterali, ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni triangolari.

   L-Unjoni għandha tippromwovi approċċ multilaterali u bbażat fuq ir-regoli għall-beni u l-isfidi dinjija u għandha tikkoopera mal-Istati Membri, il-pajjiżi sħab, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u donaturi oħra f'dak ir-rigward.

   L-Unjoni għandha tippromwovi l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u donaturi oħra.

   Fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi sħab għandhom jiġu kkunsidrati r-rekord fl-implimentazzjoni tal-impenji, il-ftehimiet internazzjonali u r-relazzjonijiet kontrattwali mal-Unjoni tagħhom.

4. Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, fuq naħa, u l-pajjiżi sħab, fuq in-naħa l-oħra, għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp u għandha tippromwovihom, fejn applikabbli, jiġifieri: is-sjieda tal-prijoritajiet tal-iżvilupp mill-pajjiżi sħab, fowkus fuq ir-riżultati, sħubijiet inklużivi għall-iżvilupp, it-trasparenza u l-akkontabbiltà reċiproka. L-Unjoni għandha tippromwovi mobilizzazzjoni u użu effettivi u effiċjenti tar-riżorsi.

F'konformità mal-prinċipju ta' sħubija inklużiva, fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tassigura li l-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-pajjiżi sħab, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali, jiġu kkonsultati kif dovut u jkollhom aċċess f'waqtu għall-informazzjoni rilevanti li jippermettilhom li jkollhom rwol siewi matul it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-proċessi assoċjati ta' monitoraġġ tal-programmi.

F'konformità mal-prinċipju tas-sjieda, il-Kummissjoni, fejn ikun xieraq, għandha tiffavorixxi l-użu tas-sistemi tal-pajjiżi sħab għall-implimentazzjoni tal-programmi.

5. Sabiex jippromwovu l-komplementarjetà u l-effiċjenza tal-azzjoni tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-politiki tagħhom u għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar il-programmi tagħhom ta' għajnuna, inkluż f'organizzazzjonijiet internazzjonali u f'konferenzi internazzjonali.

6. Il-programmi u l-azzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom jintegraw it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-ugwaljanza bejn is-sessi u għandhom jindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, biex jippromwovu azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilħqu għanijiet multipli b'mod koerenti. Dawn il-programmi u l-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq analiżi tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet, jintegraw approċċ ta' reżiljenza u jkunu sensittivi għall-kunflitti. Huma għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipju li ħadd ma jitħalla lura.

7. Għandu jiġi segwit approċċ aktar koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni mas-sħab u l-effikaċja tiegħu tiġi vvalutata regolarment.

8. Il-Kummissjoni għandha tinforma u għandu jkollha skambji ta' opinjonijiet regolari mal-Parlament Ewropew.

Artikolu 9

Tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u għas-sigurtà għall-iżvilupp

1. F'konformità mal-Artikolu 41(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-finanzjament tal-Unjoni skont dan ir-Regolament ma għandux jintuża biex jiġi ffinanzjat l-akkwist ta' armi jew munizzjon jew operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.

2. Sabiex tikkontribwixxi għal żvilupp sostenibbli, li jirrikjedi l-kisba ta' soċjetajiet stabbli, paċifiċi u inklużivi, l-assistenza tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tista' tintuża fil-kuntest ta' riforma aktar wiesgħa fis-settur tas-sigurtà jew biex tibni l-kapaċità tal-atturi militari fil-pajjiżi sħab, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali stabbiliti fil-paragrafu 4, biex jitwettqu attivitajiet ta' żvilupp u sigurtà għall-attivitajiet ta' żvilupp.

3. L-għajnuna skont dan l-Artikolu tista' tkopri b'mod partikolari l-forniment ta' programmi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-iżvilupp u għas-sigurtà għall-iżvilupp, inklużi taħriġ, mentoring u pariri, kif ukoll il-forniment ta' tagħmir, titjib tal-infrastruttura u servizzi relatati direttament ma' dik l-għajnuna.

4. L-għajnuna skont dan l-Artikolu għandha tingħata biss:

   (a) fejn ma jkunux jistgħu jiġu ssodisfati rekwiżiti b'rikors għal atturi mhux militari biex adegwatament jintlaħqu għanijiet tal-Unjoni skont dan ir-

Regolament u jkun hemm theddida serja għall-eżistenza ta' istituzzjonijiet Statali li jiffunzjonaw jew għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-istituzzjonijiet Statali ma jkunux jistgħu jlaħħqu ma' dik it-theddida; u

(b) fejn ikun hemm konsensus bejn il-pajjiż sieħeb ikkonċernat u l-Unjoni li l-atturi militari huma kruċjali għall-preservazzjoni, l-istabbiliment jew l-istabbiliment mill-ġdid tal-kundizzjonijiet essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż fi kriżijiet u f'kuntesti u sitwazzjonijiet fraġli jew destabilizzati.

5. L-għajnuna tal-Unjoni skont dan l-Artikolu ma għandhiex tintuża biex jiġi ffinanzjat it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' atturi militari għal skopijiet oħra għajr it-twettiq ta' attivitajiet ta' żvilupp u s-sigurtà għal attivitajiet ta' żvilupp. B'mod partikolari, din ma għandhiex tintuża biex tiffinanzja:

(a) nefqa militari rikorrenti;

(b) l-akkwist ta' armi u munizzjon, jew kwalunkwe apparat ieħor imfassal biex iwassal forza letali;

(c) taħriġ li huwa maħsub biex jikkontribwixxi speċifikament għall-kapaċità ta' ġlied tal-forzi armati.

6. Waqt it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tippromwovi s-sjieda tal-pajjiż sieħeb. Hija għandha tiżviluppa wkoll l-elementi neċessarji u l-prattiki tajbin meħtieġa biex tkun żgurata s-sostenibbiltà fuq terminu medju u twil u għandha tippromwovi l-istat tad-dritt u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali stabbiliti.

7. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi proċeduri xierqa ta' valutazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni tar-riskju għall-miżuri skont dan l-Artikolu.

TITOLU II
IMPLIMENTAZZJONI TA' DAN IR-REGOLAMENT

Kapitolu I
Programmazzjoni

Artikolu 10

Approċċ ġenerali għall-programmazzjoni

1. Il-kooperazzjoni u l-interventi skont dan ir-Regolament għandhom jiġu pprogrammati, ħlief l-azzjonijiet ta' rispons rapidu msemmija fl-Artikolu 4(4).

2. Fuq il-bażi tal-Artikolu 7, il-programmazzjoni skont dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq dan li ġej:

(a) id-dokumenti ta' programmazzjoni għandhom jipprovdu qafas koerenti għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi jew ir-reġjuni sħab, konsistenti mal-għan ġenerali u mal-ambitu, l-għanijiet u l-prinċipji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(b) l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lil xulxin fi stadju bikri u matul il-proċess kollu tal-programmazzjoni sabiex jippromwovu l-koerenza, il-

komplementarjetà u l-konsistenza bejn l-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħhom. Il-programmazzjoni konġunta għandha tkun l-approċċ preferut għall-programmazzjoni tal-pajjiżi. Il-programmazzjoni konġunta għandha tkun miftuħa għal donaturi oħra fejn rilevanti;

(c) l-Unjoni għandha tikkonsulta wkoll donaturi u atturi oħra, inklużi rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u awtoritajiet lokali, fejn rilevanti;

(d) il-programmi tematiċi tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Demokrazija u tas-Soċjetà Ċivili msemmija fl-Artikolu 4(3)(a) u (b) għandhom jipprovdu assistenza indipendentement mill-kunsens tal-gvernijiet u awtoritajiet pubbliċi oħra tal-pajjiżi terzi kkonċernati. Dawn il-programmi tematiċi għandhom jappoġġaw prinċipalment organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Artikolu 11

Prinċipji ta' programmazzjoni għall-programmi ġeografiċi

1. Il-programmazzjoni tal-programmi ġeografiċi għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:

(a) mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, l-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati, sal-punt possibbli, fuq djalogu bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab ikkonċernati, inklużi awtoritajiet nazzjonali u lokali, bl-involviment tas-soċjetà ċivili, tal-parlamenti nazzjonali u lokali u ta' partijiet ikkonċernati oħra, sabiex tittejjeb is-sjieda tal-proċess u biex jiġi inkoraġġit l-appoġġ għall-istrateġiji nazzjonali u reġjonali;

(b) fejn ikun xieraq, il-perjodu ta' programmazzjoni għandu jiġi sinkronizzat maċ-ċikli ta' strateġija tal-pajjiżi sħab;

(c) il-programmazzjoni tista' tipprevedi attivitajiet ta' kooperazzjoni ffinanzjati minn allokazzjonijiet differenti elenkati fl-Artikolu 6(2) u minn Programmi oħra tal-Unjoni skont l-atti bażiċi tagħhom.

2. Il-programmazzjoni tal-programmi ġeografiċi għandha tipprovdi qafas speċifiku, imfassal apposta għall-kooperazzjoni, ibbażat fuq:

(a) il-ħtiġijiet tas-sħab, stabbiliti fuq il-bażi ta' kriterji speċifiċi li jqisu l-popolazzjoni, il-faqar, l-inugwaljanza, l-iżvilupp tal-bniedem, il-vulnerabbiltà ekonomika u ambjentali, u r-reżiljenza tal-istat u tas-soċjetà;

(b) il-kapaċitajiet tas-sħab li jiġġeneraw u jaċċessaw riżorsi finanzjarji u l-kapaċitajiet tagħhom ta' assorbiment;

(c) l-impenji u l-prestazzjoni tas-sħab, stabbiliti fuq kriterji bħar-riforma politika u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali;

(d) l-impatt potenzjali tal-finanzjament tal-Unjoni fil-pajjiżi u r-reġjuni sħab;

(e) il-kapaċità u l-impenn tas-sħab li jippromwovu interessi u valuri kondiviżi, u li jappoġġaw għanijiet komuni u alleanzi multilaterali, kif ukoll li l-prijoritajiet tal-Unjoni jitmexxew 'il quddiem.

3. Il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati, il-pajjiżi b'introjtu baxx, il-pajjiżi fi stati ta' kriżi, ta' wara kriżi u f'sitwazzjoni fraġli u

vulnerabbli, inkluż Stati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, għandhom jingħataw prijorità fil-proċess tal-allokazzjoni tar-riżorsi.

4. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati għandha tiffoka fuq il-promozzjoni tal-interessi tal-Unjoni u tal-interessi reċiproċi.

5. Id-dokumenti ta' programmazzjoni għall-programmi ġeografiċi għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati u għandhom jikkunsidraw, fejn ikun xieraq, il-miri u l-indikaturi miftehma fuq livell internazzjonali, b'mod partikolari dawk stabbiliti għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kif ukoll l-oqfsa tar-riżultati fil-livell ta' pajjiż, sabiex jiġi valutat u komunikat il-kontribut tal-Unjoni għar-riżultati, fil-livell tal-outputs, tal-eżiti u tal-impatt.

6. Meta jkunu qegħdin jitfasslu d-dokumenti ta' programmazzjoni għal pajjiżi u reġjuni f'sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' wara kriżi, u f'sitwazzjonijiet fraġli u vulnerabbli, għandhom jiġu kkunsidrati b'mod xieraq il-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi speċjali tal-pajjiżi jew tar-reġjuni kkonċernati.

   Fejn pajjiżi jew reġjuni sħab ikunu direttament involuti fi, jew affettwati minn sitwazzjoni ta' kriżi, ta' wara kriżi jew ta' fraġilità, għandha titpoġġa enfasi speċjali sabiex tiżdied il-koordinazzjoni bejn l-atturi rilevanti kollha biex tiġi megħjuna t-tranżizzjoni minn sitwazzjoni ta' emerġenza għall-fażi ta' żvilupp.

7. Dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxu għal azzjonijiet stabbiliti taħt ir-Regolament (UE) Nru.../... (Erasmus). Minn dan ir-Regolament għandu jitfassal dokument wieħed ta' programmazzjoni għal seba' snin, li jinkludi fondi mir-Regolament (UE) Nru.../... (IPA III). Ir-Regolament (UE) …/… (Erasmus) għandu japplika għall-użu ta' dawk il-fondi.

Artikolu 12

Dokumenti tal-programmazzjoni tal-programmi ġeografiċi

1. Fil-każ tal-programmi ġeografiċi, l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha titwettaq permezz ta' programmi indikattivi pluriennali għall-pajjiż u għal diversi pajjiżi.

2. Il-programmi indikattivi pluriennali għandhom jistabbilixxu l-oqsma ta' prijorità magħżula għal finanzjament mill-Unjoni, l-għanijiet speċifiċi, ir-riżultati mistennija, indikaturi tal-prestazzjoni ċari u speċifiċi, u l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi, kemm kumplessivament kif ukoll għal kull qasam ta' prijorità.

3. Il-programmi indikattivi pluriennali għandhom ikunu mibnija fuq:

   (a) strateġija nazzjonali jew reġjonli fil-forma ta' pjan nazzjonali ta' żvilupp jew dokument simili aċċettat mill-Kummissjoni bħala bażi għall-programm indikattiv pluriennali korrispondenti, meta jiġi adottat dan id-dokument tal-aħħar;

   (b) dokument qafas li jistabbilixxi l-politika tal-Unjoni lejn is-sieħeb jew is-sħab ikkonċernati, li jinkludi dokument konġunt bejn l-Unjoni u l-Istati Membri;

   (c) dokument konġunt bejn l-Unjoni u s-sieħeb jew is-sħab kkonċernati li jistabbilixxi l-prijoritajiet komuni.

4. Sabiex jiżdied l-impatt tal-kooperazzjoni kollettiva tal-Unjoni, fejn ikun possibbli, dokument ta' programmazzjoni konġunta għandu jissostitwixxi d-dokumenti ta'

programmazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Dokument ta' programmazzjoni konġunta jista' jissostitwixxi l-programm indikattiv pluriennali tal-Unjoni, dment li jikkonforma mal-Artikoli 10 u 11, ikun fih l-elementi elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u jistabbilixxi t-tqassim tax-xogħol bejn l-Unjoni u l-Istati Membri.

Artikolu 13

Dokumenti ta' programmazzjoni għal programmi tematiċi

1. Fil-każ tal-programmi tematiċi, l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha titwettaq permezz ta' programmi indikattivi pluriennali.

2. Il-programmi indikattivi pluriennali għall-programmi tematiċi għandhom jistabbilixxu l-istrateġija tal-Unjoni, il-prijoritajiet magħżula għall-finanzjament mill-Unjoni, l-għanijiet speċifiċi, ir-riżultati mistennija, indikaturi tal-prestazzjoni ċari u speċifiċi, u s-sitwazzjoni internazzjonali u l-attivitajiet tas-sħab ewlenin għat-tema kkonċernata.

   Fejn ikun applikabbli, għandhom jiġu stabbiliti prijoritajiet fir-rigward tar-riżorsi u tal-interventi għall-parteċipazzjoni f'inizjattivi dinjija.

   Il-programmi indikattivi pluriennali għall-programmi tematiċi għandhom jistabbilixxu l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva, kumplessivament, skont il-qasam ta' kooperazzjoni u skont il-prijorità. L-allokazzjoni finanzjarja indikattiva tista' tingħata fil-forma ta' firxa.

Artikolu 14

Adozzjoni u emenda tal-programmi indikattivi pluriennali

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-programmi indikattivi pluriennali msemmija fl-Artikoli 12 u 13 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2). Din il-proċedura għandha tapplika wkoll għar-rieżamijiet imsemmija fil-paragrafi 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, li għandhom l-effett li jimmodifikaw b'mod sinifikanti l-kontenut tal-programm indikattiv pluriennali.

2. Meta jiġu adottati d-dokumenti ta' programmazzjoni pluriennali konġunta msemmija fl-Artikolu 12, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tapplika biss għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għad-dokument ta' programmazzjoni pluriennali konġunta.

3. Il-programmi indikattivi pluriennali għall-programmi ġeografiċi jistgħu jiġu rieżaminati fejn ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni effettiva, b'mod partikolari fejn ikun hemm bidliet sostanzjali fil-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 7 jew wara sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' wara kriżi.

4. Il-programmi indikattivi pluriennali għall-programmi tematiċi jistgħu jiġu rieżaminati fejn ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni effettiva, b'mod partikolari fejn ikun hemm bidliet sostanzjali fil-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 7.

5. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati jew theddid immedjat għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem jew il-libertajiet fundamentali, il-Kummissjoni tista' temenda l-programmi indikattivi pluriennali

msemmija fl-Artikoli 12 u 13 ta' dan ir-Regolament b'atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 35(4).

Artikolu 15

Riżervi għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġent

1. L-ammont imsemmi fl-Artikolu 6(3) għandu jintuża fost affarijiet oħra:

(a) biex jassigura rispons xieraq tal-Unjoni f'każ ta' ċirkustanzi mhux previsti;

(b) biex jindirizza ħtiġijiet ġodda jew sfidi emerġenti, bħal dawk fil-fruntieri tal-Unjoni jew tal-ġirien tagħha marbuta ma' sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' wara kriżi jew ta' pressjoni migratorja;

(c) biex jippromwovi inizjattivi jew prijoritajiet internazzjonali ġodda mmexxija mill-Unjoni.

2. L-użu ta' dawn il-fondi għandu jiġi deċiż skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 14 u 21.

Kapitolu II
Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-Viċinat

Artikolu 16

Dokument ta' programmazzjoni u kriterji tal-allokazzjoni

1. Għall-pajjiżi sħab elenkati fl-Anness I, l-oqsma ta' prijorità għall-finanzjament tal-Unjoni għandhom jintgħażlu prinċipalment minn dawk inklużi fid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 12(3)(c), jew skont l-oqsma ta' kooperazzjoni taż-żona tal-Viċinat stipulati fl-Anness II.

2. B'deroga mill-Artikolu 11(2), l-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-programmi ġeografiċi fiż-żona tal-Viċinat għandu jiġi differenzjat fil-forma u fl-ammonti, billi jiġu kkunsidrati dawn l-elementi, li jirriflettu l-pajjiż sieħeb:

(a) il-ħtiġijiet, bl-użu ta' indikaturi bħall-popolazzjoni u l-livell ta' żvilupp;

(b) l-impenn lejn u l-progress fl-implimentazzjoni ta' għanijiet ta' riforma politika, ekonomika u soċjali miftehma b'mod konġunt;

(c) l-impenn lejn u l-progress fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli;

(d) is-sħubija mal-Unjoni, inkluż il-livell ta' ambizzjoni għal dik is-sħubija;

(e) il-kapaċità ta' assorbiment u l-impatt potenzjali tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.

3. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi rifless fid-dokumenti ta' programmazzjoni msemmija fl-Artikolu 12.

Artikolu 17

Approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni

1. B'mod indikattiv 10 % tal-pakkett finanzjarju stabbilit fl-Artikolu 4(2)(a) biex jissupplimenta l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 12 għandu jiġi allokat lill-pajjiżi sħab elenkati fl-Anness I sabiex jimplimentaw l-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni. L-allokazzjonijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni għandhom jiġu deċiżi fuq il-progress tagħhom lejn id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni, il-governanza ekonomika u r-riformi. Il-progress tal-pajjiżi sħab għandu jiġi valutat kull sena.

2. L-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni ma għandux japplika għall-appoġġ lis-soċjetà ċivili, lill-kuntatti bejn il-persuni, inkluża l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet lokali, l-appoġġ għat-titjib tad-drittijiet tal-bniedem, jew miżuri ta' appoġġ marbutin ma' kriżijiet. F'każ ta' degradazzjoni serja jew persistenti tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, l-appoġġ għal dawn l-azzjonijiet jista' jiżdied.

Artikolu 18

Kooperazzjoni Transfruntiera

1. Il-kooperazzjoni transfruntiera, kif definit fl-Artikolu 2(3), għandu jkopri l-kooperazzjoni dwar il-fruntieri bejn artijiet biswit xulxin, il-kooperazzjoni transnazzjonali fuq territorji transnazzjonali ikbar, kooperazzjoni marittima madwar il-baċiri tal-baħar, kif ukoll il-kooperazzjoni interreġjonali.

2. Iż-żona tal-Viċinat għandha tikkontribwixxi għall-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera msemmija fil-paragrafu 1 kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fil-qafas [tar-Regolament tal-ETC[81]]. Sa 4 % tal-pakkett finanzjarju għall-qasam tal-Viċinat għandu jiġi allokat b'mod indikattiv b'appoġġ għal dawk il-programmi.

3. Kontribuzzjonijiet għal programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera għandhom jiġu determinati u użati skont l-Artikolu 10(3) tar-[Regolament tal-ETC].

4. Ir-rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni ma għandhiex tkun ogħla minn 90 % tan-nefqa eliġibbli ta' programm ta' kooperazzjoni transfruntiera. Għal assistenza teknika r-rata ta' kofinanzjament tkun ta' 100 %.

5. Il-prefinanzjament għal programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera għandu jiġi stabbilit fil-programm ta' ħidma skont il-ħtiġijiet tal-pajjiżi u t-territorji terzi parteċipanti u ma jistax jaqbeż il-perċentwali msemmi fl-Artikolu 49 [tar-Regolament tal-ETC].

6. Id-dokument ta' strateġija indikattiva pluriennali għall-kooperazzjoni transfruntiera, li jistabbilixxi l-elementi msemmija fl-Artikolu 12(2) ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 10(1) [tar-Regolament tal-ETC].

7. Meta l-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera ma jitkomplewx skont l-Artikolu 12 tar-[Regolament ETC], l-appoġġ mill-qasam tal-Viċinat għall-programm

---

[81] COM(2018) 374 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern

li ma jitkompliex u li jibqa' disponibbli, jista' jintuża biex jiffinanzja kwalunkwe attività oħra taħt il-qasam tal-Viċinat.

Kapitolu III
Pjanijiet ta' azzjoni, miżuri u metodi ta' implimentazzjoni

Artikolu 19
Pjanijiet ta' azzjoni u miżuri

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta pjanijiet ta' azzjoni jew miżuri annwali jew pluriennali. Il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri individwali, miżuri speċjali, miżuri ta' appoġġ jew miżuri ta' assistenza eċċezzjonali. Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri għandhom jispeċifikaw, għal kull azzjoni, l-għanijiet segwiti, ir-riżultati mistennija u l-attivitajiet prinċipali, il-metodi ta' implimentazzjoni, il-baġit u kwalunkwe nefqa ta' appoġġ assoċjata.

2. Il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom ikunu bbażati fuq id-dokumenti ta' programmazzjoni, ħlief għall-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3 u 4.

   Fejn ikun meħtieġ, azzjoni tista' tiġi adottata bħala miżura individwali qabel jew wara l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni. Il-miżuri individwali għandhom ikunu bbażati fuq id-dokumenti ta' programmazzjoni, ħlief għall-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3 u f'każijiet oħra debitament ġustifikati.

   Fil-każ ta' ħtiġijiet jew ċirkostanzi mhux previsti, u meta ma jkunx possibbli finanzjament minn sorsi aktar xierqa, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri speċjali mhux previsti fid-dokumenti ta' programmazzjoni.

3. Jistgħu jintużaw pjanijiet ta' azzjoni annwali jew pluriennali u miżuri individwali biex jiġu implimentati azzjonijiet ta' rispons rapidu msemmija fl-Artikolu 4(4)(b) u (c).

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' assistenza eċċezzjonali għal azzjonijiet ta' rispons rapidu kif imsemmi fl-Artikolu 4(4)(a).

   Miżura ta' assistenza eċċezzjonali jista' jkollha tul sa 18-il xahar, li jista' jiġi estiż darbtejn b'perjodu ieħor li ma jaqbiżx is-sitt xhur, sa żmien massimu ta' 30 xahar, fil-każ ta' ostakli oġġettivi u mhux mistennija għall-implimentazzjoni tagħha, dment li ma jkun hemm l-ebda żieda fl-ammont finanzjarju tal-miżura.

   F'każijiet ta' kriżijiet u konflitti mtawla, il-Kummissjoni tista' tadotta t-tieni miżura ta' assistenza eċċezzjonali b'perjodu ta' żmien ta' sa 18-il xahar. F'każijiet debitament ġustifikati meta l-kontinwità tal-azzjoni tal-Unjoni tkun essenzjali u ma tistax tiġi żgurat b'mezzi oħra, ikunu jistgħu jiġu adottati iktar miżuri.

Artikolu 20
Miżuri ta' appoġġ

1. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jkopri n-nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrument u għall-kisba tal-għanijiet tiegħu, inkluż l-appoġġ amministrattiv assoċjat mal-attivitajiet ta' tħejjija, segwitu, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni meħtieġa għal dik l-implimentazzjoni, kif ukoll in-nefqa fil-kwartieri

ġenerali u fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni fuq l-appoġġ amministrattiv meħtieġ għall-programm, u l-ġestjoni tal-operazzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, inklużi l-azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni u s-sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

2. Meta n-nefqa ta' appoġġ ma tkunx inkluża fil-pjanijiet ta' azzjoni jew fil-miżuri msemmija fl-Artikolu 21, il-Kummissjoni għandha tadotta, fejn xieraq, miżuri ta' appoġġ. Il-finanzjament tal-Unjoni taħt il-miżuri ta' appoġġ jista' jkopri:

(a) studji, laqgħat, informazzjoni, sensibilizzazzjoni, taħriġ, tħejjija u skambju tat-tagħlimiet miksuba u tal-aqwa prattiki, attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe nefqa amministrattiva u ta' assistenza teknika oħra meħtieġa għall-programmazzjoni u l-ġestjoni tal-azzjonijiet, inklużi esperti esterni remunerati;

(b) attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u studji dwar kwistjonijiet rilevanti u d-disseminazzjoni tagħhom;

(c) infiq relatat mal-provvediment ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni u l-komunikazzjoni u l-viżibbiltà korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.

Artikolu 21
Adozzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri

1. Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(2).

2. Il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tkun meħtieġa għal:

(a) pjanijiet ta' azzjoni, miżuri individwali u miżuri ta' appoġġ, li għalihom il-finanzjament tal-Unjoni ma jaqbiżx l-EUR 10 miljun;

(b) miżuri speċjali kif ukoll pjanijiet ta' azzjoni u miżuri adottati sabiex jiġu implimentati azzjonijiet ta' rispons rapidu li għalihom il-finanzjament tal-Unjoni li ma jaqbiżx l-EUR 20 miljun;

(c) emendi tekniċi, dment li dawk l-emendi ma jaffettwawx b'mod sostanzjali l-għanijiet tal-pjan ta' azzjoni jew tal-miżura kkonċernata, bħalma huma:

(i) bidla fil-metodu tal-implimentazzjoni;

(ii) tqassim mill-ġdid tal-fondi bejn l-azzjonijiet kontenuti fi pjan ta' azzjoni;

(iii) żidiet jew tnaqqis tal-baġit tal-pjanijiet ta' azzjoni u tal-miżuri b'mhux aktar minn 20 % tal-baġit inizjali u li ma jaqbżux l-EUR 10 miljun;

Fil-każ ta' pjanijiet ta' azzjoni u miżuri pluriennali, il-limiti msemmija fil-paragrafi 2(a), (b) u (c) (iii) għandhom ikunu applikabbli fuq bażi annwali.

Meta jiġu adottati skont dan il-paragrafu, il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri, ħlief il-miżuri ta' assistenza eċċezzjonali u l-emendi tekniċi, għandhom jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri permezz tal-kumitat rilevanti msemmi fl-Artikolu 35 fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom.

3. Qabel l-adozzjoni jew l-estensjoni ta' miżuri ta' assistenza eċċezzjonali li ma jaqbżux l-EUR 20 miljun, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill dwar in-

natura u l-għanijiet tagħhom u l-ammonti finanzjarji previsti. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill qabel ma tagħmel bidliet sostantivi sinifikanti f'miżuri ta' assistenza eċċezzjonali diġà adottati. Il-Kummissjoni għandha tqis l-approċċ ta' politika rilevanti tal-Kunsill għall-ippjanar u l-implimentazzjoni sussegwenti ta' dawn il-miżuri, fl-interessi tal-konsistenza tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew debitament infurmat, u b'mod f'waqtu, dwar l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' assistenza eċċezzjonali skont dan l-Artikolu, inklużi l-ammonti finanzjarji previsti, u għandha tinforma wkoll lill-Parlament Ewropew meta tagħmel bidliet jew estensjonijiet sostanzjali għal dik l-assistenza.

4. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, bħal kriżijiet inklużi diżastri naturali jew magħmula mill-bniedem, theddid immedjat għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem jew il-libertajiet fundamentali, il-Kummissjoni tista' tadotta pjanijiet ta' azzjoni u miżuri, bħal atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 35(4).

5. Għandu jsir skrutinju ambjentali xieraq, fil-livell tal-azzjonijiet, inkluż għall-impatti fuq it-tibdil fil-klima u l-bijodiversità, f'konformità mal-atti leġiżlattivi applikabbli tal-Unjoni, inklużi d-Direttiva 2011/92/UE[82] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE[83], li jinkludi, fejn applikabbli, valutazzjoni tal-impatt ambjentali għal azzjonijiet ta' sensittività ambjentali, b'mod partikolari għal infrastruttura ġdida maġġuri.

Fejn ikun rilevanti, fl-implimentazzjoni ta' programmi settorjali għandhom jintużaw valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi. Għandhom jiġu żgurati l-involviment tal-partijiet interessati fil-valutazzjonijiet ambjentali u l-aċċess pubbliku għar-riżultati ta' tali valutazzjonijiet.

Artikolu 22
Metodi ta' kooperazzjoni

1. Il-finanzjament taħt dan l-Istrument għandu jiġi implimentat mill-Kummissjoni, kif previst mir-Regolament Finanzjarju, jew direttament mill-Kummissjoni stess, mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni u minn aġenziji eżekuttivi jew indirettament permezz ta' xi waħda mill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 62(1) c) tar-Regolament Finanzjarju.

2. Il-finanzjament taħt dan l-Istrument jista' jiġi pprovdut ukoll permezz ta' kontribuzzjonijiet għal fondi internazzjonali, reġjonali jew nazzjonali, bħal dawk stabbiliti jew ġestiti mill-BEI, mill-Istati Membri, mill-pajjiżi u r-reġjuni sħab jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali, jew donaturi oħra.

3. L-entitajiet elenkati fl-Artikolu 62(1) c) tar-Regolament Finanzjarju u fl-Artikolu 29(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jissodisfaw annwalment l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont l-Artikolu 155 tar-Regolament Finanzjarju. Ir-rekwiżiti ta' rapportar għal kull waħda minn dawk l-entitajiet huma stabbiliti fil-ftehim qafas ta'

---

82 Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (kodifikazzjoni) (ĠU L 26 28.1.2012, p.1).

83 Id-Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 175, 05.07.1985. p. 0040 – 0048)

sħubija, fil-ftehim ta’ kontribuzzjoni, fil-ftehim dwar il-garanziji baġitarji jew fil-ftehim ta’ finanzjament.

4. L-azzjonijiet iffinanzjati permezz tal-Istrumenti jistgħu jiġu implimentati permezz ta' kofinanzjament parallel jew konġunt.

5. Fil-każ ta' kofinanzjament parallel, azzjoni tinqasam f'għadd ta' komponenti identifikabbli b'mod ċar li kull wieħed minnhom ikun iffinanzjat minn sħab differenti li jipprovdu kofinanzjament b'tali mod li l-użu aħħari tal-finanzjament jista' dejjem jiġi identifikat.

6. Fil-każ ta' kofinanzjament konġunt, il-kost totali ta' azzjoni tinqasam bejn is-sħab li jipprovdu l-kofinanzjament u r-riżorsi jinġabru f’pula b'tali mod li ma jibqax possibbli li jiġi identifikat s-sors ta' finanzjament ta’ kwalunkwe attività partikolari mwettqa bħala parti mill-azzjoni.

7. Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u s-sħab tagħha tista’ tieħu l-forma, fost affarijiet oħra, ta’:

(a) arranġamenti triangolari li permezz tagħhom l-Unjoni tikkoordina ma’ pajjiżi terzi l-finanzjament tal-assistenza tagħha lil pajjiż jew reġjun sieħeb;

(b) miżuri ta' kooperazzjoni amministrattivi bħal ġemellaġġ bejn istituzzjonijiet pubbliċi, awtoritajiet lokali, korpi pubbliċi nazzjonali jew entitajiet tad-dritt privat responsabbli għal kompiti ta' servizz pubbliku ta' Stat Membru u dawk ta' pajjiż jew reġjun sieħeb, kif ukoll miżuri ta' kooperazzjoni li jinvolvu esperti tas-settur pubbliku mibgħuta mill-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom;

(c) kontribuzzjonijiet għall-kostijiet neċessarji biex tiġi stabbilita u amministrata sħubija pubblik privata;

(d) programmi ta’ appoġġ għall-politika tas-settur li permezz tagħhom l-Unjoni tipprovdi appoġġ għall-programm tas-settur ta’ pajjiż sieħeb

(e) kontribuzzjonijiet għall-kost tal-parteċipazzjoni f’programmi u azzjonijiet tal-Unjoni implimentati minn aġenziji u korpi tal-Unjoni, kif ukoll korpi jew persuni fdati bl-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

(f) sussidji tar-rati tal-imgħax.

Artikolu 23

Forom ta’ finanzjament mill-UE u metodi ta’ implimentazzjoni

1. Il-finanzjament mill-Unjoni jista’ jiġi pprovdut permezz tat-tipi ta’ finanzjament previsti mir-Regolament Finanzjarju, u b’mod partikolari:

(a) għotjiet;

(b) kuntratti ta' akkwist għal servizzi, provvisti jew xogħlijiet;

(c) appoġġ baġitarju;

(d) kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji stabbiliti mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 234 tar-Regolament Finanzjarju;

(e) strumenti finanzjarji;

(f) garanziji baġitarji;

(g) taħlit;

(h) ħelsien mid-dejn fil-kuntest ta’ programm miftiehem internazzjonalment dwar il-ħelsien mid-dejn;

(i) assistenza finanzjarja;

(j) esperti esterni b’remunerazzjoni.

2. Fil-ħidma mal-partijiet ikkonċernati tal-pajjiżi sħab, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ispeċifiċitajiet tagħhom, inklużi l-ħtiġijiet tagħhom u l-kuntest rilevanti, meta tiddefinixxi l-modalitajiet ta' finanzjament, it-tip ta' kontribuzzjoni, il-modalitajiet tal-għotja u d-dispożizzjonijiet amministrattivi għall-ġestjoni tal-għotjiet, bil-ħsieb li jinkiseb u li jingħata l-aħjar rispons għall-firxa l-aktar wiesgħa possibbli ta' tali partijiet ikkonċernati. Għandhom jiġu inkoraġġiti modalitajiet speċifiċi skont ir-Regolament Finanzjarju, bħal ftehimiet ta’ sħubija, awtorizzazzjonijiet ta’ appoġġ finanzjarju lil terzi persuni, għoti dirett jew sejħiet għall-proposti ristretti għall-eliġibbiltà, jew somom f’daqqa, kostijiet unitarji u finanzjament b’rata fissa kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-kostijiet kif previst fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

3. Minbarra l-każijiet imsemmija fl-Artikolu 195 tar-Regolament Finanzjarju, il-proċedura ta’ għoti dirett tista’ tintuża għal;

(a) għotjiet ta' valur baxx lil difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għall-finanzjament ta' azzjonijiet ta' protezzjoni urġenti, fejn xieraq mingħajr il-ħtieġa għal kofinanzjament;

(b) għotjiet, fejn ikun xieraq mingħajr il-ħtieġa ta’ kofinanzjament, sabiex jiġu ffinanzjati azzjonijiet fl-aktar kundizzjonijiet diffiċli fejn il-pubblikazzjoni ta’ sejħa għall-proposti ma tkunx xierqa, inklużi sitwazzjonijiet fejn ikun hemm nuqqas serju ta’ libertajiet fundamentali, fejn is-sigurtà tal-bniedem tkun l-aktar f’riskju jew fejn l-organizzazzjonijiet u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem joperaw fl-aktar kundizzjonijiet diffiċli. Għotjiet bħal dawn ma għandhomx jaqbżu l-EUR 1 000 000 u għandu jkollhom tul ta' żmien ta' mhux aktar minn 18-il xahar, li tista' tiġi estiża bi 12-il xahar ieħor fl-eventwalità ta' ostakli oġġettivi u mhux previsti għall-implimentazzjoni tagħhom;

(c) għotjiet lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll lill-Global Campus, liċ-Ċentru Interuniversitarju Ewropew għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni, li jipprovdi Lawrja Ewropea ta’ Masters fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni, u n-netwerk assoċjat tiegħu ta’ universitajiet li jipprovdu diplomi postgraduate dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi boroż ta’ studju lil studenti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem minn pajjiżi terzi.

L-appoġġ baġitarju kif imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1, inkluż permezz ta’ kuntratti ta’ prestazzjoni ta’ riforma strutturali, għandu jkun ibbażat fuq is-sjieda tal-pajjiż, l-akkontabbiltà reċiproka u impenji kondiviżi għall-valuri universali, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u għandu l-għan li jsaħħaħ is-sħubijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab. Għandu jinkludi djalogu msaħħaħ ta’ politika, tisħiħ tal-kapaċitajiet, u governanza mtejba, li jikkomplementaw l-isforzi tal-isħab

biex jiġbru aktar u jonfqu aħjar bil-għan li jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inkluživ u l-impjiegi u l-qerda tal-faqar.

Kwalunkwe deċiżjoni biex jiġi pprovdut appoġġ baġitarju għandha tkun ibbażata fuq politiki ta' appoġġ baġitarju miftehma mill-Unjoni, sett ċar ta' kriterji ta' eliġibbiltà u evalwazzjoni bir-reqqa tar-riskji u l-benefiċċji.

4. L-appoġġ baġitarju għandu jiġi differenzjat b'mod li jwieġeb aħjar għall-kuntest politiku, ekonomiku u soċjali tal-pajjiż sieħeb, b'kont meħud tas-sitwazzjonijiet ta' fraġilità.

Meta tipprovdi appoġġ baġitarju skont l-Artikolu 236 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi b'mod ċar u timmonitorja l-kriterji għall-kondizzjonalità tal-appoġġ baġitarju, inkluż il-progress fir-riformi u t-trasparenza, u għandha tappoġġa l-iżvilupp tal-kontroll parlamentari, il-kapaċitajiet nazzjonali ta' awditjar u ż-żieda fit-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni.

5. L-iżborż tal-appoġġ baġitarju għandu jkun ibbażat fuq indikaturi li juru li jkun qiegħed isir progress sodisfaċenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet miftehma mal-pajjiż sieħeb.

6. L-istrumenti finanzjarji skont dan ir-Regolament jistgħu jieħdu forom, bħal self, garanziji, ekwità jew kważi ekwità, investimenti jew parteċipazzjonijiet, u strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskji, kull meta jkun possibbli u skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 209 (1) tar-Regolament Finanzjarju taħt it-tmexxija tal-BEI, istituzzjoni finanzjarja Ewropea multilaterali, bħall-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, jew istituzzjoni finanzjarja Ewropea bilaterali, bħal banek bilaterali tal-iżvilupp, possibbilment magħquda ma' forom addizzjonali oħra ta' appoġġ finanzjarju, kemm mill-Istati Membri kif ukoll minn terzi persuni.

Il-kontribuzzjonijiet għall-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jistgħu jsiru mill-Istati Membri kif ukoll minn kwalunkwe entità msemmija fl-Artikolu 62(1)c) tar-Regolament Finanzjarju.

7. Dawn l-istrumenti finanzjarj jistgħu jinġabru f'faċilitajiet għall-għanijiet tal-implimentazzjoni u tar-rappurtar.

8. Il-finanzjament mill-Unjoni ma għandux jiġġenera jew jattiva l-ġbir ta' taxxi, dazji jew imposti speċifiċi.

9. It-taxxi, dazji u imposti debitati mll-pajjiżi sħab, jistgħu jkunu eliġibbli għall-finanzjament skont dan ir-Regolament.

Artikolu 24
Persuni u entitajiet eliġibbli

1. Il-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' akkwist, ta' għotjiet u ta' għoti ta' premijiet għal azzjonijiet iffinanzjati bi programmi ġeografiċi u bi programmi ta' Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u Sfidi Dinjija għandha tkun miftuħa għal organizzazzjonijiet internazzjonali u l-entitajiet legali l-oħra kollha li huma ċittadini ta' dawn il-pajjiżi jew it-territorji li ġejjin, u fil-każ ta' persuni ġuridiċi, li huma wkoll stabbiliti b'mod effettiv fihom:

(a) l-Istati Membri, il-benefiċjarji tar-Regolament (UE) …/…(IPA III), u l-partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;

(b) Pajjiżi sħab tal-viċinat u l-Federazzjoni Russa meta l-proċedura rilevanti sseħħ fil-kuntest ta' programmi msemmija fl-Anness I li tipparteċipa fihom;

(c) pajjiżi u territorji li qed jiżviluppaw, kif inklużi fil-lista ta' riċevituri tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, ippubblikata mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, li ma jkunux membri tal-grupp G-20, u pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej kif definiti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill …/… (UE);

(d) pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif inklużi fil-lista ta' riċevituri tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, li huma membri tal-grupp G-20, u pajjiżi u territorji oħra, meta l-proċedura rilevanti sseħħ fil-kuntest ta' azzjoni ffinanzjata mill-Unjoni skont dan ir-Regolament li huma jipparteċipaw fiha;

(e) pajjiżi li għalihom ikun stabbilit aċċess reċiproku għall-finanzjament estern mill-Kummissjoni; dak l-aċċess reċiproku jista' jingħata, għal perjodu limitat ta' mill-inqas sena, kull meta pajjiż jikkonċedi eliġibbiltà fuq termini ugwali lil entitajiet mill-Unjoni u minn pajjiżi eliġibbli skont dan ir-Regolament; il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-aċċess reċiproku u dwar it-tul ta' żmien tiegħu wara konsultazzjoni mal-pajjiż jew il-pajjiżi riċevituri kkonċernati;

(f) membri sħab tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, fil-każ ta' kuntratti implimentati f'wieħed mill-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati jew f'Pajjiż Fqir b'Ħafna Dejn, kif inkluż fil-lista ta' riċevituri tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp.

2. Mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet inerenti fin-natura u fl-għanijiet tal-azzjoni, il-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' akkwist, għotja u għoti ta' premjijiet għal azzjonijiet iffinanzjati bil-programmi tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Demokrazija u tal-Istabbiltà u tal-Paċi kif ukoll azzjonijiet ta' rispons rapidu, għandha tkun miftuħa mingħajr limitazzjonijiet.

3. Il-provvisti u l-materjali kollha ffinanzjati taħt dan ir-Regolament jistgħu joriġinaw minn kwalunkwe pajjiż.

4. Ir-regoli stipulati f'dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw, u ma għandhomx joħolqu restrizzjonijiet ta' nazzjonalità għal persuni fiżiċi impjegati jew ikkuntrattati legalment b'mod ieħor minn kuntrattur eliġibbli jew, fejn applikabbli, minn subkuntrattur.

5. Għall-azzjonijiet kofinanzjati konġuntament minn entità, jew implimentati b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' entitajiet kif imsemmi fil-punti minn (c)(ii) sa (viii) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju, għandhom japplikaw ukoll ir-regoli ta' eliġibbiltà ta' dak l-entitajiet.

6. Meta d-donaturi jipprovdu finanzjament għal fond fiduċjarju stabbilit mill-Kummissjoni jew permezz ta' dħul assenjat estern, għandhom japplikaw ir-regoli ta' eliġibbiltà fl-att kostituttiv tal-fond fiduċjarju jew fil-ftehim mad-donatur fil-każ ta' dħul assenjat estern.

7. Fil-każ ta' azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament u minn Programm ieħor tal-Unjoni, l-entitajiet eliġibbli taħt xi wieħed minn dawk il-Programmi għandhom jitqiesu bħala eliġibbli.

8. Fil-każ ta' azzjonijiet minn diversi pajjiżi, l-entitajiet ġuridiċi li jkunu ċittadini ta', u fl-każ ta' entitajiet ġuridiċi li jkunu wkoll effettivament stabbiliti fil-pajjiżi u t-territorji koperti mill-azzjoni, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli.

9. Ir-regoli tal-eliġibbiltà ta' dan l-Artikolu jistgħu jkunu ristretti fir-rigward tan-nazzjonalità, il-pożizzjoni ġeografika jew in-natura tal-applikanti, fejn tali restrizzjonijiet ikunu meħtieġa min-natura u l-għanijiet speċifiċi tal-azzjoni u fejn ikunu neċessarji għall-implimentazzjoni effettiva tagħha.

10. Offerenti, applikanti u kandidati minn pajjiżi mhux eliġibbli jistgħu jiġu aċċettati bħala eliġibbli fil-każ ta' urġenza jew in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' servizzi fis-swieq tal-pajjiżi jew it-territorji kkonċernati, jew f'każijiet oħra debitament sostanzjati fejn l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-eliġibbiltà tirrendi t-twettiq ta' azzjoni impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

11. Sabiex jiġu promossi kapaċitajiet, swieq u xiri lokali, għandha tingħata prijorità lill-kuntratturi lokali u reġjonali meta r-Regolament Finanzjarju jipprevedi għotja fuq il-bażi ta' offerta waħda. Fil-każijiet l-oħra kollha, il-parteċipazzjoni ta' kuntratturi lokali u reġjonali għandha tiġi promossa f' konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak ir-Regolament.

12. Skont il-programm tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, kwalunkwe entità li ma tkunx koperta mid-definizzjoni ta' entità ġuridika fl-Artikolu 2(6) għandha tkun eliġibbli meta dan ikun neċessarju biex issir ħidma fl-oqsma ta' intervent ta' dan il-programm.

Artikolu 25

Riporti, pagamenti akkont annwali, approprjazzjonijiet ta' impenn u dħul iġġenerat minn strumenti finanzjarji

1. Minbarra l-Artikolu 12(2) tar-Regolament Finanzjarju, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament li ma jintużawx skont dan ir-Regolament għandhom jiġu riportati awtomatikament u jistgħu jiġu impenjati sal-31 ta' Diċembru tas-sena finanzjarja ta' wara. L-ammont riportat għandu jintuża l-ewwel fis-sena finanzjarja ta' wara.

   Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-approprjazzjonijiet ta' impenn riportati f'konformità mal-Artikolu 12(6) tar-Regolament Finanzjarju.

2. Minn barra r-regoli stipulati fl-Artikolu 15 tar-Regolament Finanzjarju dwar li l-approprjazzjonijiet jerġgħu isiru disponibbli, l-approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-ammont ta' diżimpenji magħmula b'riżultat tan-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' azzjoni skont dan ir-Regolament, għandhom jerġgħu jsiru disponibbli għall-benefiċċju tal-linja baġitarja tal-oriġini.

   Referenzi għall-Artikolu 15 tar-Regolament Finanzjarju fl-Artikolu 12(1)(b) tar-Regolament li jistabbilixxi il-qafas finanzjarju pluriennali għandha tinftiehem bħala li tinkludi referenza għal dan il-paragrafu għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament.

3. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jkunu ta' aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin f'pagamenti akkont annwali, f'konformità mal-Artikolu 112(2) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 114(2) tar-Regolament Finanzjarju ma għandux japplika għal dawn l-azzjonijiet pluriennali. Il-Kummissjoni għandha awtomatikament tiddiżimpenja kwalunkwe porzjon ta' impenn baġitarju għal azzjoni li sal-31 ta' Diċembru tal-ħames sena wara dik tal-impenn baġitarju, ma jkunx intuża għall-fini ta' prefinanzjament jew biex isiru pagamenti *interim* jew li għalih ma tkun ġiet ippreżentata l-ebda dikjarazzjoni ċċertifikata tan-nefqa jew xi talba għall-pagament.

Il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għal pagamenti akkont annwali.

4. B'deroga mill-Artikolu 209(3) tar-Regolament Finanzjarju, ir-ripagamenti u d-dħul iġġenerati minn strument finanzjarju għandhom jiġu assenjati lil-linja baġitarja tal-oriġini bħala dħul assenjat intern wara li jitnaqqsu l-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni. Kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha teżamina l-kontribuzzjoni li tkun saret biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni, kif ukoll l-effikaċja, tal-istrumenti finanzjarji eżistenti.

Kapitolu IV
EFSD+, garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi

Artikolu 26

Kamp ta' applikazzjoni u finanzjament

1. Il-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu (6)(2)(a) għandu jiffinanzja l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

   L-għan tal-EFSD+ bħala pakkett finanzjarju integrat, li jipprovdi kapaċità finanzjarja li tuża l-metodi ta' implimentazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 23(1)(a), (e), (f) u (g), għandu jkun li jappoġġa l-investimenti u jżid l-aċċess għall-finanzjament, bil-għan li jrawwem żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u inklużiv u jippromwovi r-reżiljenza soċjoekonomika fil-pajjiżi sħab b'enfasi partikolari fuq il-qerda tal-faqar, it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, il-ħolqien ta' impjiegi diċenti, l-opportunitajiet ekonomiċi, il-ħiliet u l-intraprenditorija, is-setturi soċjoekonomiċi, l-intrapriżi mikro, żgħar u medji, kif ukoll jindirizza l-kawżi fundamentali soċjoekonomiċi speċifiċi tal-migrazzjoni irregolari, skont id-dokumenti ta' programmazzjoni indikattiva rilevanti. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-pajjiżi identifikati bħala li għaddejjin minn fraġilità jew kunflitt, lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u lill-pajjiżi fqar b'ħafna dejn.

2. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandha tappoġġa l-operazzjonijiet tal-EFSD+ koperti minn garanziji baġitarji skont l-Artikoli 27, 28 u 29 ta' dan ir-Regolament, l-assistenza makrofinanzjarja u s-self lil pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament EINS.

3. Bil-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, l-Unjoni tista' tiggarantixxi operazzjonijiet, iffirmati bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2027, sa EUR 60 000 000 000.

4. Ir-rata ta' proviżjonament għandha tvarja bejn 9 % u 50 % skont it-tip ta' operazzjonijiet.

Ir-rata ta' proviżjonament għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandha tkun ta' 9 % għall-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni u għall-garanziji baġitarji li jkopru r-riskji sovrani assoċjati mal-operazzjonijiet ta' self.

Ir-rati ta' proviżjonament għandha tkun rieżaminata kull tliet snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament stabbilita fl-Artikolu 40. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34 biex tissupplimenta jew temenda dawn ir-rati.

5. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandha titqies bħala garanzija unika fil-fond komuni ta' proviżjonament stabbilit mill-Artikolu 212 tar-Regolament Finanzjarju.

6. L-EFSD+ u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jistgħu jappoġġaw operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment f'pajjiżi sħab fiż-żoni ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 4(2). Il-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-programmi ġeografiċi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 6(2)(a) u għandu jiġi ttrasferit fil-fond komuni ta' proviżjonament. L-EFSD+ u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jistgħu wkoll jappoġġaw operazzjonijiet f'benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament IPA III. Il-finanzjament għal dawn l-operazzjonijiet taħt l-EFSD+ u għall-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandu jiġi ffinanzjat mir-Regolament IPA. Il-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għal self lil pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament EINS għandu jiġi ffinanzjat mir-Regolament EINS.

7. Il-proviżjonament imsemmi fl-Artikolu 211(2) tar-Regolament Finanzjarju għandu jiġi kostitwit fuq il-bażi tal-obbligazzjonijiet pendenti totali tal-Unjoni li jirriżultaw minn kull operazzjoni, inklużi l-operazzjonijiet iffirmati qabel l-2021 u ggarantiti mill-Unjoni. L-ammont annwali ta' proviżjonament meħtieġ jista' jiġi kostitwit matul perjodu sa seba' snin.

8. Il-bilanċ tal-assi sal-31 ta' Diċembru 2020 fil-Fond ta' Garanzija tal-EFSD u fil-fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni stabbiliti rispettivament mir-Regolament UE 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 għandu jiġi ttrasferit fil-fond komuni ta' proviżjonament għall-iskop ta' proviżjonament tal-operazzjonijiet rispettivi tiegħu taħt l-istess garanzija unika prevista fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 27

Eliġibbiltà u għażla tal-operazzjonijiet u tal-kontropartijiet

1. L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment eliġibbli għall-appoġġ permezz tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom ikunu konsistenti u allinjati mal-politiki tal-Unjoni, kif ukoll mal-istrateġiji u l-politiki tal-pajjiżi sħab. B'mod partikolari huma għandhom jappoġġaw l-għanijiet, il-prinċipji ġenerali u l-qafas ta' politika ta' dan ir-Regolament u d-dokumenti ta' programmazzjoni indikattiva rilevanti, bil-konsiderazzjoni dovuta għall-oqsma ta' prijorità stabbiliti fl-Anness V.

2. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandha tappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti minn (a) sa (c) tal-Artikolu 209(2) tar-Regolament Finanzjarju u li:

(a) jassiguraw il-komplementarjetà ma' inizjattivi oħra;

(b) ikunu ekonomikament u finanzjarjament vijabbli, b'kont dovut tal-appoġġ u l-kofinanzjament possibbli mis-sħab pubbliċi u privati fil-proġett, filwaqt li jitqiesu l-ambjent operattiv u l-kapaċitajiet speċifiċi tal-pajjiżi identifikati bħala li għaddejjin minn fraġilità jew kunflitt, il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-pajjiżi fqar b'ħafna dejn, li jistgħu jibbenefikaw minn termini aġevoli;

(c) ikunu teknikament vijabbli u sostenibbli minn perspettiva soċjali u ambjentali.

3. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandha tintuża sabiex tkopri r-riskji għall-istrumenti li ġejjin:

(a) self, inkluż self fil-munita lokali u self għall-assistenza makrofinanzjarja;

(b) garanziji;

(c) kontrogaranziji;

(d) strumenti tas-suq tal-kapital;

(e) kwalunkwe forma oħra ta' finanzjament jew titjib tal-kreditu, assigurazzjoni, u parteċipazzjonijiet f'ekwità jew kważi ekwità.

4. Il-kontropartijiet eliġibbli għall-finijiet tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom ikunu dawk identifikati fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi dawk minn pajjiżi terzi li jikkontribwixxu għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, soġġett għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, u b'deroga mill-Artikolu 62(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju, korpi rregolati mid-dritt privata ta' Stat Membru jew pajjiż terz li kkontribwixxa għall-Garanzija għall-Azzjoni Esternza skont l-Artikolu 28, u li jipprovdu assigurazzjoni adegwata tal-kapaċità finanzjarja tagħhom għandhom ikunu eliġibbli għall-fini tal-Garanzija.

5. Il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jikkonformaw mar-regoli u l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 62(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju. Fil-każ ta' korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew pajjiż terz li jkun ikkontribwixxa għall-Garanzija għall-Azzjoni Esternza skont l-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, għandha tingħata preferenza lil dawk il-korpi li jiżvelaw informazzjoni relatata mal-kriterji ambjentali, soċjali u tal-governanza korporattiva.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm użu effikaċi, effiċjenti u ekwu tar-riżorsi disponibbli bejn il-kontropartijiet eliġibbli, filwaqt li tippromwovi l-kooperazzjoni bejniethom.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura trattament ekwu għall-kontropartijiet eliġibbli kollha u għandha tiżgura li l-kunflitti ta' interess jiġu evitati matul il-perjodu kollu ta' implimentazzjoni tal-EFSD+. Sabiex tiżgura l-komplementarjetà, il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni rilevanti mill-kontropartijiet eliġibbli dwar l-operazzjonijiet tagħhom li mhumiex tal-EFSD+.

6. Il-Kummissjoni għandha tagħżel il-kontropartijiet eliġibbli skont l-Artikolu 154 tar-Regolament Finanzjarju u billi tqis:

(a) il-parir tal-bordijiet tal-operazzjonijiet strateġiċi u reġjonali, f'konformità mal-Anness VI;

(b) l-għanijiet tat-tieqa tal-investiment;

(c) l-esperjenza u l-kapaċità tal-ġestjoni tar-riskji tal-kontroparti eliġibbli;

(d) l-ammont ta' riżorsi proprji, kif ukoll ta' kofinanzjament mis-settur privat, li l-kontroparti eliġibbli lesta timmobilizza għat-tieqa tal-investiment.

7. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi twieqi ta' investiment għal reġjuni, pajjiżi sħab speċifiċi, jew it-tnejn li huma, għal setturi speċifiċi, jew għal proġetti speċifiċi, kategoriji speċifiċi ta' benefiċjarji finali, jew it-tnejn li huma, li se jiġu ffinanzjati minn dan ir-Regolament li se jiġu koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna sa ammont fiss. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif it-twieqi ta' investiment ikkonformaw ma' dan l-Artikolu u l-prijoritajiet ta' finanzjament dettaljati tagħhom. It-talbiet kollha għal appoġġ finanzjarju fit-twieqi ta' investiment għandhom isiru lill-Kummissjoni.

L-għażla tat-twieqi ta' investiment għandha tkun debitament ġustifikata b'analiżi tal-falliment tas-suq jew tas-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. Din l-analiżi għandha titwettaq mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-kontropartijiet u l-partijiet ikkonċernati potenzjalment eliġibbli.

Il-kontropartijiet eliġibbli jistgħu jipprovdu l-istrumenti msemmija fil-paragrafu 3 taħt tieqa ta' investiment jew proġett individwali amministrat minn kontroparti eliġibbli. L-istrumenti jistgħu jiġu pprovduti għall-benefiċċju ta' pajjiżi sħab, inklużi pajjiżi fraġli jew affettwati minn konflitt jew pajjiżi li qed jiffaċċjaw sfidi fir-rikostruzzjoni u fl-irkupru wara konflitt, għall-benefiċċju ta' dawk l-istituzzjonijiet tal-pajjiżi sħab, inklużi l-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji lokali privati u nazzjonali pubbliċi tagħhom, kif ukoll għall-benefiċċju tal-entitajiet fis-settur privat ta' dawk il-pajjiżi sħab.

8. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-operazzjonijiet appoġġati mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna fid-dawl tal-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati fil-paragrafi 2 u 3, u meta jkun possibbli tibbaża ruħha fuq is-sistemi eżistenti għall-kejl tar-riżultati tal-kontropartijiet eliġibbli. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riżultat tal-valutazzjoni tagħha għal kull tieqa ta' investiment fuq bażi annwali.

9. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 34 biex tissupplimenta jew temenda l-oqsma ta' prijorità fl-Anness V u l-governanza tal-EFSD+ fl-Anness VI.

Artikolu 28
Kontribuzzjoni minn donaturi oħra għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna

1. Stati Membri, pajjiżi terzi u terzi persuni oħra jistgħu jikkontribwixxu għall-Fond ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jistgħu jikkontribwixxu fil-forma ta' garanziji jew flus.

Il-kontribuzzjoni minn pajjiżi terzi għajr il-partijiet kontreanti taż-Żona Ekonomika Ewropea u minn terzi persuni oħra għandha tkun fil-forma ta' flus u tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mingħajr dewmien dwar il-kontribuzzjonijiet ikkonfermati.

B'talba tal-Istati Membri, il-kontribuzzjonijiet tagħhom jistgħu jiġu allokati għall-bidu ta' azzjonijiet f'reġjuni, pajjiżi, setturi jew twieqi ta' investiment eżistenti speċifiċi.

2. Il-kontribuzzjonijiet fil-forma ta' garanzija ma għandhomx jaqbżu l-50 % tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 26(2) ta' dan ir-Regolament.

Il-kontribuzzjonijiet magħmula mill-Istati Membri u mill-partijiet kontreanti tal-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea fil-forma ta' garanzija jistgħu jissejħu biss għal sejħiet ta' pagament ta' garanzija wara li l-finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, miżjud bi kwalunkwe kontribuzzjonijiet oħrajn fi flus, ikun intuża fuq sejħiet ta' pagamenti ta' garanziji.

Kwalunkwe kontribuzzjoni tista' tintuża biex tkopri sejħiet ta' garanzija, irrispettivament mill-allokazzjoni.

Għandu jiġi konkluż ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, u l-kontributur, u għandu jinkludi, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet tal-pagamenti.

Artikolu 29

Implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna

1. Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandha tikkonkludi ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna mal-kontropartijiet eliġibbli magħżula skont l-Artikolu 27. Il-ftehimiet jistgħu jiġu konklużi ma' konsorzju ta' żewġ kontropartijiet eliġibbli jew aktar.

2. Għandu jiġi konkluż ftehim ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna wieħed jew aktar għal kull tieqa ta' investiment bejn il-Kummissjoni u l-kontroparti jew il-kontropartijiet eliġibbli magħżula. Barra minn hekk, biex jiġu indirizzati ħtiġijiet speċifiċi, il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tista' tingħata għal operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment individwali.

Il-ftehimiet kollha ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom, wara talba, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, filwaqt li jittieħed kont tal-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva.

3. Ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom jinkludu, b'mod partikolari:

(a) regoli dettaljati dwar il-kopertura, ir-rekwiżiti, l-eliġibbiltà, il-kontropartijiet eliġibbli, u l-proċeduri;

(b) regoli dettaljati dwar l-għoti tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, inklużi l-arranġamenti tagħha dwar il-kopertura u l-kopertura definita tagħha ta' portafolli u ta' proġetti ta' tipi speċifiċi ta' strumenti, kif ukoll analiżi tar-riskju tal-proġetti u l-portafolli tal-proġetti, inkluż fil-livelli settorjali, reġjonali u nazzjonali;

(c) referenza għall-għanijiet u l-fini ta' dan ir-Regolament, valutazzjoni tal-ħtiġijiet u indikazzjoni tar-riżultati mistennija, b'kont meħud tal-promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u l-imġiba responsabbli fin-negozju;

(d) ir-remunerazzjoni tal-garanzija, li għandha tirrifletti l-livell ta' riskju, u l-possibbiltà li r-remunerazzjoni tiġi parzjalment issussidjata sabiex jingħataw termini aġevoli f'każijiet debitament ġustifikati;

(e) ir-rekwiżiti għall-użu tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, inklużi l-kundizzjonijiet tal-pagamenti, bħall-oqfsa speċifiċi ta' żmien, l-imgħax li jrid jitħallas fuq l-ammonti dovuti, l-infiq u l-kostijiet tal-irkupru u, possibbilment, l-arranġamenti meħtieġa b'rabta mal-likwidità;

(f) il-proċeduri tal-pretensjonijet, inkluż iżda mhux limitat għal, avvenimenti skattaturi u perjodi ta' stennija, u l-proċeduri li jirrigwardaw l-irkupru tal-pretensjonijiet;

(g) l-obbligi ta' monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni;

(h) proċeduri ta' lmenti ċari u aċċessibbli għal terzi persuni li jistgħu jiġu affettwati mill-implimentazzjoni ta' proġetti appoġġati mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

4. Il-kontroparti eliġibbli għandha tapprova l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment skont ir-regoli u l-proċeduri tagħha stess u f'konformità mat-termini tal-ftehim ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

5. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tista' tkopri:

(a) għall-istrumenti tad-dejn, il-kapital u l-imgħax kollu u l-ammonti dovuti lill-kontroparti eliġibbli magħżula, iżda li din ma tkunx irċeviet f'konformità mat-termini tal-operazzjonijiet ta' finanzjament wara li jkun seħħ avveniment ta' inadempjenza;

(a) għall-investimenti ta' ekwità, l-ammonti investiti u l-kostijiet ta' finanzjament assoċjati magħhom;

(b) għal operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment oħrajn imsemmija fl-Artikolu 27(2), l-ammonti użati u l-kostijiet ta' finanzjament assoċjati magħhom;

(c) l-infiq u l-kostijiet ta' rkupru rilevanti kollha relatati ma' avveniment ta' inadempjenza, sakemm ma jkunux tnaqqsu mir-rikavati tal-irkupru.

6. Għall-finijiet tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni, tar-rapportar tagħha dwar ir-riskji koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna u f'konformità mal-Artikolu 209(4) tar-Regolament Finanzjarju, il-kontropartijiet eliġibbli li magħhom ġie konkluż ftehim ta' garanzija għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri kull sena bir-rapporti finanzjarji dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment koperti minn dan ir-Regolament u awditjati minn awditur estern indipendenti, li jkun fihom, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar:

(a) il-valutazzjoni tar-riskji tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-kontropartijiet eliġibbli, inkluża informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet tal-Unjoni mkejla f'konformità mar-regoli tal-kontabbiltà msemmija fl-Artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju u tal-IPSAS;

(b) l-obbligu finanzjarju pendenti għall-Unjoni, li jirriżulta mill-operazzjonijiet EFSD+ ipprovduti lill-kontropartijiet eliġibbli u l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tagħhom, diżaggregati skont l-operazzjonijiet individwali;

7. Meta jintalbu, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom, jipprovdu lill-Kummissjoni bi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa sabiex jissodisfaw l-obbligi tal-Kummissjoni b'rabta ma' dan ir-Regolament.

8. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-istrumenti finanzjarji, il-garanziji baġitarji, l-assistenza finanzjarja f'konformità mal-Artikolu 241 u 250 tar-Regolament Finanzjarju. Għal dik il-fini, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jipprovdu kull sena l-informazzjoni meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista' tikkonforma mal-obbligi tar-rapportar.

Artikolu 30

Parteċipazzjoni kapitali f'bank għall-iżvilupp

Il-pakkett għall-programmi ġeografiċi, imsemmi fl-Artikolu 6(2)(a), jista' jintuża biex jikkontribwixxi għad-dotazzjoni kapitali ta' istituzzjonijiet finanzjarji tal-iżvilupp Ewropej u oħrajn.

Kapitolu V
Monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni

Artikolu 31

Monitoraġġ u rapportar

1. L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress skont dan ir-Regolament lejn il-kisba tal-għanijiet speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3 huma stabbiliti fl-Anness VII, f'konformità mal-indikaturi tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Il-valuri tal-indikaturi fl-1 ta' Jannar 2021 għandhom jintużaw bħala bażi għall-valutazzjoni tal-punt sa fejn inkunu ntlaħqu l-għanijiet.

2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-azzjonijiet tagħha regolarment u tirrieżamina l-progress li jkun sar lejn il-kisba ta' riżultati mistennija u tkopri l-outputs u l-eżiti.

   Il-progress fir-rigward tar-riżultati mistennija għandu jiġi mmonitorjat fuq il-bażi ta' indikaturi ċari, trasparenti u, fejn ikun xieraq, miżurabbli. L-għadd ta' indikaturi għandu jkun limitat biex jiffaċilita r-rapportar f'waqtu.

3. L-oqfsa tar-riżultati konġunti inklużi f'dokumenti ta' programmazzjoni konġunti li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 12(4) għandhom jipprovdu l-bażi għall-monitoraġġ konġunt mill-Unjoni u mill-Istati Membri tal-implimentazzjoni tal-appoġġ kollettiv tagħhom lil pajjiż sieħeb.

   Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-*data* għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Mill-2022 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar il-kisba tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament permezz ta' indikaturi li jkejlu r-riżultati miksuba mir-Regolament u

l-effiċjenza tiegħu. Dak ir-rapport għandu jiġi ppreżentat ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

5. Ir-rapport annwali għandu jkollu informazzjoni relatata mas-sena ta' qabel dwar il-miżuri finanzjati, ir-riżultati tal-eżerċizzji tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni, l-involviment tas-sħab rilevanti, u l-implimentazzjoni tal-obbligi baġitarji u tal-approprjazzjonijiet ta' pagamenti, diżaggregati skont il-pajjiż, ir-reġjun u s-settur ta' kooperazzjoni. Ir-rapport għandu jivvaluta r-riżultati tal-finanzjament tal-Unjoni billi juża, sa fejn ikun possibbli, indikaturi speċifiċi u miżurabbli tar-rwol tiegħu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament. Fil-każ tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ir-rapport għandu jivvaluta wkoll, fejn possibbli u rilevanti, l-aderenza għal prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp, inkluż għal strumenti finanzjarji innovattivi.

6. Ir-rapport annwali mħejji fl-2021 għandu jinkludi informazzjoni konsolidata mir-rapporti annwali li jirrigwardaw il-perjodu mill-2014 sal-2020 dwar il-finanzjament kollu mir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 40(2), inklużi dħul assenjat estern u l-kontribuzzjonijiet għall-fondi fiduċjarji, u joffri diżaggregazzjoni tal-infiq skont il-pajjiż, l-użu tal-istrumenti finanzjarji, l-impenji u l-pagamenti. Ir-rapport għandu jirrifletti t-tagħlimiet ewlenin u s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-eżerċizzji esterni ta' evalwazzjoni li jkunu saru fis-snin preċedenti.

7. Għandha ssir stima annwali tal-infiq kumplessiv relatat mal-azzjoni klimatika u l-bijodiversità fuq il-bażi tad-dokumenti ta' programmazzjoni indikattiva adottati. Il-finanzjament allokat taħt dan ir-Regolament għandu jkun soġġett għal sistema ta' traċċabbiltà annwali bbażata fuq il-metodoloġija tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, ("indikaturi ta' Rio"), mingħajr ma jkun eskluż l-użu ta' metodoloġiji aktar preċiżi meta dawn ikunu disponibbli, integrati fil-metodoloġija eżistenti għal ġestjoni tal-prestazzjoni ta' programmi tal-Unjoni, biex tkun kwantifikata n-nefqa relatata mal-azzjoni klimatika u mal-bijodiversità fil-livell tal-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri msemmija fl-Artikolu 19 u rreġistrata fl-evalwazzjonijiet u r-rapporti annwali.

8. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli l-informazzjoni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp permezz ta' standards internazzjonali rikonoxxuti.

9. Biex tkun żgurata valutazzjoni effettiva tal-progress ta' dan ir-Regolament lejn il-kisba tal-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34 biex temenda l-Anness VII biex tirrieżamina jew tikkomplementa l-indikaturi fejn jitqies meħtieġ u li tissupplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-monitoriraġġ u l-evalwazzjoni.

Artikolu 32
Evalwazzjoni

1. Evalwazzjoni *interim* ta' dan ir-Regolament għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tiegħu, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-istrument.

Fejn xieraq, l-evalwazzjonijiet għandhom jużaw il-prinċipji ta' prattika tajba tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, li jfittxu li jaċċertaw jekk ikunux intlaħqu l-għanijiet u li jifformulaw rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li jittejbu l-azzjonijiet futuri.

2. Fi tmiem l-implimentazzjoni tar-Regolament, iżda mhux aktar tard minn erba’ snin wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, għandha titwettaq evalwazzjoni finali tar-Regolament mill-Kummissjoni. Din l-evalwazzjoni għandha tħares lejn il-kontribuzzjoni tal-Unjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta’ dan ir-Regolament u tqis l-indikaturi li jkejlu r-riżultati miksuba u kwalunkwe sejba u konklużjoni dwar l-impatt ta’ dan ir-Regolament.

Ir-rapport tal-evalwazzjoni finali għandu jindirizza wkoll l-effiċjenza, il-valur miżjud, il-lok għal simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna, u r-rilevanza kontinwa tal-għanijiet ta’ dan ir-Regolament.

Ir-rapport tal-evalwazzjoni finali għandu jsir bil-għan speċifiku li titjieb l-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni. Huwa għandu jinforma d-deċiżjonijiet dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tat-tipi ta’ azzjonijiet implimentati taħt ir-Regolament.

Ir-rapport tal-evalwazzjoni finali għandu jinkludi ukoll informazzjoni kkonsolidata minn rapporti annwali rilevanti dwar il-finanzjament kollu regolat minn dan ir-Regolament, inkluż id-dħul u l-kontribuzzjonijiet assenjati esterni lill-fondi fiduċjarji u joffri diżaggregazzjoni tal-infiq mill-pajjiż benefiċjarju, l-użu tal-istrumenti finanzjarji, l-impenji u l-pagamenti.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet flimkien mal-kummenti tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri permezz tal-kumitat rilevanti msemmi fl-Artikolu 35. L-evalwazzjonijiet speċifiċi jistgħu jiġu diskussi f'dak il-kumitat fuq talba tal-Istati Membri. Ir-riżultati għandhom jintużaw fit-tfassil tal-programmi u fl-allokazzjoni tar-riżorsi.

Il-Kummissjoni għandha, sa punt xieraq, tassoċja lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-proċess tal-evalwazzjoni tal-finanzjament mill-Unjoni previst f'dan ir-Regolament, u tista’, fejn ikun xieraq, tfittex li twettaq evalwazzjonijiet konġunti mal-Istati Membri u s-sħab fl-iżvilupp bl-involviment mill-qrib tal-pajjiżi sħab.

3. F’konformità mad-dispożizzjonijiet speċifiċi ta’ rappurtar fir-Regolament Finanzjarju, sal-31 ta’ Diċembru 2025 u kull tliet snin wara, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-użu u l-funzjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport tagħha ta’ evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport ta’ evalwazzjoni għandu jkun akkumpanjat minn opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri.

TITOLU III
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 33

Parteċipazzjoni minn pajjiż jew territorju mhux kopert minn dan ir-Regolament

1. F’każijiet debitament ġustifikati u meta l-azzjoni għall-implimentazzjoni tkun ta’ natura dinjija, transreġjonali jew reġjonali, il-Kummissjoni tista’ tiddeċiedi, fil-programmi indikattivi pluriennali rilevanti jew fil-pjanijiet ta’ azzjoni jew il-miżuri rilevanti, li testendi l-ambitu tal-azzjonijiet għal pajjiżi u territorji mhux koperti minn dan ir-Regolament skont l-Artikolu 4 sabiex tassigura l-koerenza u l-effettività tal-finanzjament tal-Unjoni jew biex tippromwovi l-kooperazzjoni reġjonali jew transreġjonali.

2. Il-Kummissjoni tista' tinkludi allokazzjoni finanzjarja speċifika sabiex tassisti pajjiżi u reġjuni sħab isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom ma' reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni ġirien tagħhom u ma' pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej koperti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill *Deċiżjoni dwar il-PTEE*. Għal dan il-għan, dan ir-Regolament jista' jikkontribwixxi, fejn ikun xieraq u fuq il-bażi ta' reċiproċità u proporzjonalità fir-rigward tal-livell ta' finanzjament mid-*Deċiżjoni dwar il-PTEE* u / jew *ir-Regolament ETC*, għal azzjonijiet implimentati minn pajjiż jew reġjun sieħeb jew kwalunkwe entità oħra taħt dan ir-Regolament, minn pajjiż, territorju jew kwalunkwe entità oħra skont id-*Deċiżjoni dwar il-PTEE* jew minn reġjun ultraperiferiku tal-Unjon fil-qafas ta' programmi operazzjonali konġunti jew għal programmi jew miżuri ta' kooperazzjoni interreġjonali stabbiliti u implimentati skont ir-*Regolament ETC*.

Artikolu 34
Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadottata atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(6), l-Artikolu 26(3), l-Artikolu 27(9) u l-Artikolu 31(9) għandha tingħata lill-Kummissjoni għall-perjodu tal-validità ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(6), fl-Artikolu 26(3), fl-Artikolu 27(9) u fl-Artikolu 31(9) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tieħu effett l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(6), l-Artikolu 26(3), l-Artikolu 27(9) u l-Artikolu 31(9) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 35
Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat tal-Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta l-opinjoni tal-kumitat trid tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, sal-iskadenza taż-żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew jekk maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat titlob li jsir dan.

4. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

5. Id-deċiżjoni adottata għandha tibqa' fis-seħħ għat-tul ta' żmien tad-dokument, il-programm ta' azzjoni jew il-miżura adottata jew modifikata.

6. Osservatur mill-Bank Ewropew tal-Investiment għandu jieħu sehem fil-proċeduri tal-Kumitat dwar dawk il-kwistjonijiet li jkunu jikkonċernaw lill-Bank Ewropew tal-Investiment.

Artikolu 36
Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. Ir-riċevituri ta' finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż lill-midja u lill-pubbliku.

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati ma' dan ir-Regolament, u l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għal dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn dawk il-prijoritajiet ikunu direttament relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

Artikolu 37
Deroga mir-rekwiżiti tal-viżibbiltà

Kwistjonijiet ta' sigurtà jew sensittivitajiet politiċi lokali jistgħu jagħmluha preferibbli jew neċessarja li l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u viżibbiltà jiġu limitati f'ċerti pajjiżi jew żoni jew matul ċerti perjodi. F'każijiet bħal dawn, l-udjenza mmirata u l-għodod, il-prodotti u l-kanali ta' viżibbiltà li għandhom jintużaw għall-promozzjoni ta' azzjoni partikolari għandhom jiġu determinati fuq bażi ta' każ b'każ, b'konsultazzjoni u qbil mal-Unjoni. Meta jkun meħtieġ intervent rapidu b'reazzjoni għal kriżi għal għarrieda, mhuwiex neċessarju li jiġi prodott pjan sħiħ ta' komunikazzjoni u viżibbiltà immedjatament. F'każijiet bħal dawn, madankollu, l-appoġġ tal-UE xorta waħda għandu jiġi indikat b'mod xieraq mill-bidu.

Artikolu 38
Klawżola dwar is-SEAE

Dan ir-Regolament għandu japplika skont id-Deċiżjoni 2010/427/UE.

Artikolu 39
Tħassir u dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Id-Deċiżjoni 466/2014/UE, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 480/2009 u r-Regolament (UE) 2017/1601 huma mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

2. Il-pakkett finanzjarju għal dan ir-Regolament jista' jkopri wkoll infiq għall-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn dan ir-Regolament u l-miżuri adottati skont il-predeċessuri tiegħu: Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014; Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014; Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014; Ir-Regolament (UE) Nru 235/2014; Ir-Regolament (UE) Nru 234/2014, ir-Regolament (Euratom) Nru 237/2014, ir-Regolament (UE) Nru 236/2014, id-Deċiżjoni 466/2014/UE, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 480/2009 u r-Regolament (UE) 2017/1601.

3. Il-pakkett finanzjarju għal dan ir-Regolament jista' jkopri n-nefqa relatata mat-tħejjija ta' kwalunkwe suċċessur għal dan ir-Regolament.

4. Jekk meħtieġ, l-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mill-2027 biex ikopru l-infiq previst fl-Artikolu 20(1), ħalli tkun possibbli l-ġestjoni ta' azzjonijiet li ma jkunux lesti sal-31 ta' Diċembru 2027.

Artikolu 40
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil- jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

<u>DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA</u>

1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

1.2. Qasam(oqsma) ta' politika kkonċernat(i) (*raggruppament ta' programmi*)

1.3. Natura tal-proposta / tal-inizjattiva

1.4. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

1.5. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata(i)

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' terzi persuni

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

L-Istrument għall-Viċinat, għall-Iżvilupp u għall-Kooperazzjoni Internazzjonali

1.2. Qasam/oqsma ta’ politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta’ programmi*)

Azzjoni Esterna

L-Istrument għall-Viċinat, għall-Iżvilupp u għall-Kooperazzjoni Internazzjonali

1.3. Il-proposta / L-inizjattiva hija relatata ma’:

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota / azzjoni preparatorja[84]

☐ l-estensjoni ta’ azzjoni eżistenti

☑ fużjoni jew dirottar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn / ma' azzjoni oħra jew azzjoni ġdida

1.4. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

1.4.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Fuq terminu twil, l-għan ġenerali tal-istrument propost huwa li jħares u jippromwovi l-valuri u l-interessi tal-UE fid-dinja kollha.

F’konformità mal-Artikoli 3(5), 8 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-għanijiet speċifiċi jinkludu dan li ġej:

(a) Li jappoġġa u jippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi u reġjuni fil-Viċinat, fl-Afrika sub-Saħarjana, fl-Asja u fil-Paċifiku, u fil-Kontinent Amerikan u fil-Karibew;

(b) Fuq livell dinji, li jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, jappoġġa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, isaħħaħ l-istabbiltà u l-paċi u jindirizza sfidi dinjija oħra;

(c) Li jirrispondi b’ħeffa għal sitwazzjonijiet ta’ kriżi, instabbiltà u kunflitt; it-tisħiħ tar-reżiljenza u li jorbot l-azzjonijiet umanitarji mal-azzjonijiet għall-iżvilupp; u l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-politika estera.

Mill-anqas 90 % tan-nefqa skont dan ir-Regolament għandha tissodisfa l-kriterji għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, stabbiliti mill-Kumitat ta’ Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

1.4.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista’ jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-kumplementarjetajiet). Għall-finijiet ta’ dan il-punt, “il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.

Raġunijiet għal azzjoni f’livell Ewropew (*ex ante*)

[84] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Dawn l-aħħar snin raw kunflitti reġjonali, terroriżmu, pressjonijiet migratorji, użu mhux sostenibbli ta' riżorsi u żieda fil-protezzjoniżmu. B'mod individwali, l-Istati Membri ma setgħux iwieġbu b'mod effettiv għal dawn id-dinamiċi dinjija, iżda l-UE tinsab f'pożizzjoni unika biex tindirizza l-isfidi, biex tiżviluppa opportunitajiet għal dinja li qed tinbidel b'rata mgħaġġla u biex twassal assistenza esterna minħabba l-kompetenzi prinċipali tagħha li jirriżultaw mit-Trattati, mill-valuri u mill-kredibbiltà tagħha bħala attur tal-paċi u difensur tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem u mexxejja fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-ħarsien tal-ambjent, l-influwenza politika u n-natura sopranazzjonali tagħha, l-ambitu, il-koerenza u t-taħlita ta' strumenti u l-firxa wiesgħa ta' għodod għad-dispożizzjoni tagħha biex timplimentata fil-post.

L-UE għandha l-opportunità li tistabbilixxi djalogu bħala pari sħiħ ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra, pereżempju mal-Unjoni Afrikana.

F'xi oqsma fejn l-Istati Membri mhumiex attivi, l-UE tibqa' l-attur prinċipali jew xi drabi l-uniku attur li jintervjeni. Dan huwa l-każ, pereżempju, f'kuntesti sensittivi bħad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u l-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali.

L-UE tista' tipprovdi valur miżjud fuq il-bażi tal-ammont ta' riżorsi direzzjonat permezz tal-istrumenti tagħha, tal-modi relattivament flessibbli ta' ġestjoni u tal-prevedibbiltà tar-riżorsi matul il-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

L-UE għandha esperjenza vasta f'ċerti oqsma li joriġinaw mill-istorja tal-Ewropa nnifisha (pereżempju, l-integrazzjoni reġjonali u tranżizzjoni demokratika) u minn politiki ta' suċċess (bħal kompetenza fis-sigurtà tal-ikel miksuba permezz tal-politika agrikola komuni u l-politika komuni tas-sajd, kif ukoll fl-istandards tekniċi tas-Suq Uniku). Għandha reputazzjoni internazzjonali magħrufa bħala attur tal-paċi u tal-prevenzjoni tal-konflitti u bħala sostenitur attiv ta' elezzjonijiet ħielsa u tad-drittijiet tal-bniedem.

L-UE għandha preżenza dinjija permezz tad-delegazzjonijiet tagħha, li tiżgura netwerk vast ta' informazzjoni dwar żviluppi li jaffettwaw pajjiżi madwar id-dinja kollha. L-UE hija wkoll parti minn ħafna proċessi multilaterali mmirati lejn l-indirizzar ta' sfidi dinjija. Dan jippermetti lill-UE tkun kontinwament konxja ta' ħtiġijiet u problemi ġodda u, għalhekk, li tirrialloka r-riżorsi kif meħtieġ. Il-komplementarjetajiet bejn l-azzjoni tal-UE u l-azzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri qegħdin jiżdiedu. Dan itejjeb id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni, li hija inkanalata dejjem aktar permezz ta' programmazzjoni konġunta mal-Istati Membri.

L-UE għandha l-kapaċità wkoll tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri biex jiġu ttrattati sitwazzjonijiet potenzjalment perikolużi jew f'każ ta' interventi partikolarment għaljin.

Valur miżjud għall-Unjoni mistenni li jkun iġġenerat (*ex post*)

Il-valur miżjud mistenni ġġenerat tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali għandu jkompli wara s-sejbiet tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrumenti ta' finanzjament estern. Matul ir-rieżami ta' nofs it-terminu, l-analiżi tal-indikaturi tal-livell tal-impatt fir-regolamenti attwali (pereż. l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli) urew tendenzi pożittivi emerġenti. Dawn ix-xejriet huma mistennija jkomplu wara l-2020 b'miri internazzjonali stabbiliti għall-2030

1.4.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Ir-rapport tar-rieżami ta' nofs it-terminu[85] adottat mill-Kummissjoni dwar 10 mill-istrumenti ta' finanzjament estern[86], ir-rapporti tal-evalwazzjoni *ex post* dwar l-assistenza makrofinanzjarja u r-rieżami ta' nofs it-terminu dwar il-mandat ta' self estern tal-Bank Ewropew tal-Investiment[87] kollha kkonkludew li l-istrumenti ta' finanzjament estern kienu b'mod ġenerali adatti għall-iskop tagħhom u kienu ħerġin xejriet pożittivi fir-rigward tal-ilħuq tal-għanijiet. Ir-rapporti juru li huma meħtieġa aktar riżorsi għall-istrumenti ta' finanzjament estern minħabba li dawn iġġebbdu sal-limitu finanzjarju tagħhom.

L-istrumenti jistabbilixxu l-kamp ta' applikazzjoni, l-għanijiet u l-proċeduri sabiex jippermettu l-implimentazzjoni tal-politiki. Ir-rapport tar-rieżami ta' nofs it-terminu wera li n-natura abilitanti tagħhom tippermettilhom ikopru l-biċċa l-kbira tal-ħtiġijiet u l-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-UE. Huma jibbenefikaw jekk ikunu jirriflettu aħjar għadd ta' żviluppi bħal: il-qafas ta' politika l-ġdid li jinkludi l-kopertura universali tal-Aġenda 2030, il-kriżi tal-migrazzjoni / refuġjati u l-projezzjoni esterna tal-politiki interni. Barra minn hekk, jeħtieġ li tingħata aktar konsiderazzjoni lir-rabtiet bejn l-iżvilupp u s-sigurtà u l-livell ġenerali ta' ambizzjoni għall-paċi u s-sigurtà fl-azzjoni esterna.

L-introduzzjoni tal-prinċipju tal-gradwazzjoni[88] f'ċerti strumenti (jiġifieri l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp) ħalliet lakuna fil-kapaċità tal-UE li tikkoopera ma' pajjiżi bi dħul medju superjuri permezz ta' kooperazzjoni bilaterali. Billi xi sitwazzjonijiet f'dawk il-pajjiżi jistgħu jitolbu appoġġ simili (pereż. f'sitwazzjonijiet ta' wara kriżi), instab li l-UE jenħtieġ issib modi ta' kooperazzjoni innovattivi, kif stabbilit fil-Kunsens Ewropew il-ġdid dwar l-Iżvilupp[89] mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw aktar avvanzati u ma' sħab strateġiċi, f'konformità mal-kopertura universali tal-Aġenda 2030.

Il-promozzjoni tal-valuri fundamentali u tad-drittijiet tal-bniedem hija fil-qalba tal-istrumenti. Madankollu, kien hemm diffikultajiet fil-promozzjoni u t-twettiq ta' din l-aġenda f'xi pajjiżi, u l-ispazju għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili nstab li kien qed jiċkien f'ħafna pajjiżi. Dan jagħmilha diffiċli biex wieħed jaħdem fuq dawn il-kwistjonijiet u jissottolinja t-tensjoni bejn il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kontra l-interessi prijoritarji proprji tas-sħab.

---

85 Ir-rapport dwar l-analiżi ta' nofs it-terminu COM(2017) 720 final, kien ibbażat fuq għaxar dokumenti ta' ħidma tal-persunal, wieħed għal kull strument (ara l-lista hawn taħt), li min-naħa tagħhom kienu bbażati fuq għaxar evalwazzjonijiet indipendenti. Ir-rapport ta' rieżami ta' nofs it-terminu, id-dokumenti ta' ħidma tal-persunal u l-evalwazzjonijiet indipendenti jinsabu hawnhekk: https://ec.europa.eu/europeaid/public-consultation-external-financing-instruments-european-union_en

86 L-10 strumenti kienu: L-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (Development Cooperation Instrument, DCI); il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ); l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (SEV); l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (Instrument for Pre-Accession, IPA II); l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (Instrument contributing to Stability and Peace, IcSP); l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (European Instrument for Democracy and Human Rights, EIDHR); l-Istrument ta' Sħubija (Partnership Instrument, PI); l-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (Instrument for Nuclear Safety Cooperation, INSC); id-Deċiżjoni dwar Greenland (Greenland Decision, GD); u r-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni (Common Implementing Regulation, CIR).

87 http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52016DC0584

88 Fil-kooperazzjoni attwali tal-UE, il-gradwazzjoni tfisser li l-pajjiż bi dħul medju superjuri ma għadhomx eliġibbli għal kooperazzjoni bilaterali tal-UE.

89 Punti 91-93.

Fil-kuntest attwali ta' diversi kriżijiet u kunflitti, l-UE trid tkun kapaċi tirreaġixxi malajr għall-avvenimenti li jinbidlu. Madankollu, għal ċerti strumenti, il-kapaċità ta' rispons kienet imxekkla min-nuqqas ta' flessibbiltà finanzjarja. Meta tfaċċaw prijoritajiet ġodda bħall-kriżi tal-migrazzjoni / refuġjati, kien hemm problemi biex jiġu riallokati fondi fl-istrumenti taħt il-baġit billi kwantitajiet kbar kienu ġew marbuta fi programmi fit-tul u dan ma ppermettiex marġni suffiċjenti mhux allokat. Kif intqal fir-rapport tar-rieżami ta' nofs it-terminu, jeħtieġ li tiżdied il-flessibbiltà

Konsistenza hija meħtieġa bejn il-partijiet komponenti ta' strument, bejn l-istrumenti differenti u mad-donaturi. B'mod ġenerali, ir-rapport tar-rieżami ta' nofs it-terminu jinnota sejbiet imħallta dwar il-koerenza. F'termini ta' koerenza fl-istrumenti, is-sejbiet kienu sodisfaċenti. Kien hemm ċertu livell ta' konsistenza bejn l-istrumenti iżda l-multipliċità tal-programmi xi drabi wasslet għal azzjonijiet duplikati, b'mod partikolari kooperazzjoni kumplessa ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw aktar avvanzati. Barra minn hekk, l-interazzjoni bejn l-approċċi ġeografiċi u tematiċi xi drabi wasslet għal risposti inkonsistenti fil-livell ta' pajjiż. Il-feedback mid-delegazzjonijiet tal-UE wera li dawn kellhom diffikultajiet sabiex jimmaniġġaw u jisfruttaw il-komplementarjetajiet u joħolqu sinerġiji bejn l-istrumenti. B'mod ġenerali, tqis li l-UE kienet qiegħda titlef opportunitajiet għal strateġiji kkoordinati għal pajjiż / reġjun partikolari.

F'termini ta' konsistenza mal-Istati Membri, ir-rieżami sab li hemm potenzjal biex il-programmazzjoni konġunta tissaħħaħ. Madankollu, dan ikun jirrikjedi aktar impenn f'ċerti każijiet mill-gvernijiet tal-pajjiżi sħab u mill-Istati Membri.

Ir-rapport ta' rieżami ta' nofs it-terminu jindika t-tfaċċar ta' xejriet pożittivi fir-rigward ta' kisba ta' riżultati. Madankollu, kienu nnotati diffikultajiet sabiex jitkejlu l-kisbiet. Ħafna drabi kien hemm informazzjoni limitata dwar is-sistemi ta' monitoraġġ imsemmija fl-istrumenti. Kien hemm nuqqas ta' *data* (inklużi l-linji bażi) sabiex jitkejjel jekk l-istrumenti kinux fit-triq it-tajba biex jilħqu xi wħud mill-għanijiet (partikolarment ta' livell għoli) tagħhom, kif ukoll fehim li bosta fatturi esterni (pereż. il-politiki tal-pajjiżi sħab u donaturi oħra) jinfluwenzaw il-kisba tal-għanijiet.

F'termini ta'integrazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE, ġie nnotat progress sinifikanti bejn l-istrumenti eżistenti fl-oqsma tat-tibdil fil-klima[90], filwaqt li jeħtieġ li jsir aktar biex tiġi indirizzata l-iskala tal-isfidi ambjentali oħra bħat-telf tal-bijodiversità u t-tnaqqis tar-riżorsi naturali. L-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, kienet meqjusa fil-biċċa l-kbira bħala tal-każijiet xogħol għaddej, b'xi gvernijiet sħab xi drabi juru nuqqas ta' interess jew reżistenza f'dawn l-oqsma.

Filwaqt li l-prestazzjoni organizzattiva ġenerali nstabet li kienet effiċjenti, xi atturi qiesu li l-implimentazzjoni ta' xi wħud mill-istrumenti kienet ta' piż amministrattiv. Xi drabi l-Kummissjoni kienet perċepita bħala aktar iffukata fuq il-proċess pjuttost milli fuq l-għanijiet u r-riżultati tal-politika.

---

[90] Pereżempju, il-kontribuzzjonijiet għall-klima tal-11-il FEŻ żdiedu minn 3.3 % fl-2014 għal 23.3 % fl-2016 u l-kontribuzzjonijiet għat-tibdil fil-klima tad-DCI żdiedu minn 17.7 % fl-2014 għal 24.9 % fl-2016. Sors: L-Indikatur 12b, il-qafas tar-riżultati dwar il-kooperazzjoni u l-iżvilupp internazzjonali tal-UE b'input mis-Sistema ta' Rappurtar tal-Kredituri tal-OECD DAC.

1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa

Fl-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, se tiġi żgurata l-konsistenza ma’ oqsma oħra ta’ azzjoni esterna u ma’ politiki rilevanti oħra tal-UE, flimkien mal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp[91]. Kif inkorporat fl-Aġenda 2030, dan ifisser li jiġi kkunsidrat l-impatt tal-politiki kollha dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-livelli kollha — nazzjonali, fl-UE, f’pajjiżi oħra u fil-livell dinji.

Barra minn hekk, wieħed għandu jimmira lejn sinerġiji ma’ azzjonijiet taħt programmi oħra tal-UE, sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt ikkombinat tal-interventi, bi programmi bħal dawn jinkludu l-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej u Orizzont Ewropa.

L-azzjonijiet iffinanzjati taħt din il-proposta għandhom ikunu konsistenti ma’ dawk imwettqa taħt l-Istrument għall-Assistenza ta’ Qabel l-Adeżjoni III, id-Deċiżjoni dwar il-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej, il-politika estera u ta’ sigurtà komuni u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi li għadha kif ġiet proposta u li hija lil hinn mill-baġit tal-UE. L-għajnuna umanitarja kif stabbilit fl-Artikolu 214 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea mhijiex se tkun iffinanzjata taħt din il-proposta għax se tkompli tiġi ffinanzjata mir-Regolament dwar l-Għajnuna Umanitarja.

Il-finanzjament minn dan ir-Regolament għandu li jintuża wkoll biex jiffinanzja azzjonijiet marbutin mal-mobbiltà fit-tagħlim lejn, minn jew bejn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm Erasmus, kif ukoll il-kooperazzjoni u d-djalogu politiku ma’ dawk il-pajjiżi, b’mod li huwa konsistenti tar-Regolament Erasmus.

91 https://ec.europa.eu/europeaid/policies/policy-coherence-development_en

1.5. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

☐ **Tul ta' żmien limitat**

– ☐ fis-seħħ minn [DD/MM]SSSS sa [DD/MM]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☑ **tul ta' żmien illimitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' inizjalizzazzjoni mill-2021 'l hemm

1.6. Mod/i ta' ġestjoni ppjanat/i[92]

☑ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☑ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☑ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☑ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja lil:

– ☑ pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☑ organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☑il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☑ korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☑ korpi tal-liġi pubblika;

– ☑ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☑ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☑ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, ipprovdi d-dettalji fit-Taqsima "Kummenti".*

Kummenti

In-nefqa esterna teħtieġ il-kapaċità li jintużaw il-modi ta' ġestjoni previst kollha kif rilevanti u deċiżi waqt l-implimentazzjoni.

[92] Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Is-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-Kummissjoni huma dejjem aktar iffokati fuq ir-riżultati. Dawn jinvolvu persunal intern kif ukoll sħab ta' implimentazzjoni u għarfien espert estern.

It-Task Managers fid-Delegazzjonijiet u fil-Kwartieri ġenerali jimmonitorjaw kontinwament l-implimentazzjoni tal-proġetti u l-programmi, bl-użu tal-informazzjoni pprovduta mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, bħala parti mir-rappurtar regolari tagħhom u inkluż kull meta jkun possibbli permezz ta' żjarat fil-post. Il-monitoraġġ intern jipprovdi informazzjoni prezzjuża dwar il-progress; huwa jgħin lill-maniġers biex jidentifikaw l-ostakli attwali u dawk potenzjali, u biex jieħdu azzjoni korrettiva.

Barra minn hekk, jiġu kkuntrattati esperti esterni indipendenti biex jevalwaw il-prestazzjoni tal-azzjonijiet esterni tal-UE permezz ta' tliet sistemi differenti. Dawn l-evalwazzjonijiet jikkontribwixxu għall-akkontabbiltà u għat-titjib tal-interventi li jkunu għaddejjin; barra minn hekk huma jisieltu wkoll tagħlimiet mill-esperjenza tal-passat biex jinformaw lill-politiki u l-azzjonijiet futuri. Sistemi bħal dawn ġeneralment jużaw il-kriterji tal-evalwazzjoni rikonoxxuti internazzjonalment tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, inkluż l-impatt (potenzjali). Pereżempju, għal kooperazzjoni għall-iżvilupp, fuq il-livell tal-proġett, is-sistema tas-Sorveljanza Orjentata lejn ir-Riżultati (SOR) ġestita mill-Kwartieri Ġenerali tipprovdi stampa qasira u ffukata fuq il-kwalità ta' kampjun tal-intervenzjonijiet. Bl-użu ta' metodoloġija strutturata u standardizzata ħafna, l-esperti indipendenti tas-SOR jivvalutaw il-prestazzjoni tal-proġett skont il-kriterji tal-evalwazzjoni tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar kif tista' titjieb l-implimentazzjoni futura.

L-evalwazzjonijiet fuq il-livell tal-proġett, li huma ġestiti prinċipalment mid-Delegazzjoni tal-UE inkarigata mill-proġett, iwasslu għal analiżi aktar dettaljata u fil-fond u jgħinu lill-maniġers tal-proġett biex itejbu l-interventi attwali u jħejju għal dawk tal-ġejjieni. Jitqabbdu esperti esterni indipendenti b'għarfien espert ġeografiku u tematiku biex iwettqu l-analiżi u biex jiġbru feedback u evidenza mill-partijiet ikkonċernati kollha, speċjalment mill-benefiċjarji finali. Il-Kummissjoni twettaq ukoll evalwazzjonijiet strateġiċi tal-politiki tagħha, mill-programmazzjoni u l-istrateġija għall-implimentazzjoni tal-interventi f'settur speċifiku (bħas-saħħa jew l-edukazzjoni), f'pajjiż jew f'reġjun jew ta' Strument speċifiku. Dawn il-valutazzjonijiet jikkostitwixxu input importanti għall-formulazzjoni tal-politiki u għat-tfassil ta' strumenti u proġetti. Dawn l-evalwazzjonijiet huma kollha ppubblikati fuq is-sit tal-Kummissjoni u sommarju tas-sejbiet hi inkluża fir-Rapport Annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposti

Il-modi ta' ġestjoni

Rigward il-metodi ta’ ġestjoni, ma hemmx bidliet fundamentali previsti u l-esperjenza miksuba mis-servizzi tal-Kummissjoni u mill-atturi implimentattivi taħt il-programmi preċedenti se jikkontribwixxu għal riżultati aħjar fil-futur.

L-azzjonijiet li se jiġu ffinanzjati taħt dan ir-Regolament se jiġu implimentati b’ġestjoni diretta mill-Kummissjoni mill-Kwartieri ġenerali u / jew permezz tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u b’ġestjoni indiretta minn kwalunkwe entità elenkata fl-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid biex jintlaħqu aħjar l-għanijiet tar-Regolament.

Rigward il-ġestjoni indiretta, kif iddikjarat fl-Artikolu 154 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid, dawn l-entitajiet iridu jiżguraw livell ta’ protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni ekwivalenti għal dak taħt ġestjoni diretta. Il-valutazzjoni tal-pilastru *ex ante* tas-sistemi u tal-proċeduri tal-entitajiet se jitwettqu, skont il-prinċipju tal-proporzjonalità u bil-kunsiderazzjoni xierqa għan-natura tal-azzjoni u tar-riskji finanzjarji involuti. Fejn l-implimentazzjoni teħtieġ hekk jew jekk kien hemm riżervi espressi fir-Rapporti Annwali dwar l-Attivitajiet, jiġu ddefiniti u implimentati pjanijiet ta’ azzjoni b’miżuri speċifiċi ta’ mitigazzjoni. Barra minn hekk, miżuri superviżorji xierqa imposti mill-Kummissjoni jistgħu jakkumpanjaw l-implimentazzjoni.

L-Istrument jipprevedi li l-ġestjoni indiretta tista’ wkoll tiġi fdata lil pajjiżi sħab jew lill-korpi nnominati minnhom. Tali ġestjoni indiretta minn pajjiż sieħeb tista’ tieħu l-forma ta’ gradi varji ta’ delega: delega parzjali fejn il-Kummissjoni żżomm kontroll *ex ante* fuq id-deċiżjonijiet tal-pajjiż sieħeb u tesegwixxi pagamenti f’isem il-pajjiż sieħeb li bis-saħħa tal-Artikolu 154(6)(b) tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid ma teħtieġx valutazzjoni tal-pilastru *ex ante*. Jew delega sħiħa fejn, wara l-valutazzjoni tal-pilastru *ex ante*, il-pajjiż sieħeb ikun jista’ jimplimenta l-azzjoni tiegħu billi juża s-sistemi u l-proċeduri ta’ evalwazzjoni tiegħu stess, mingħajr kontroll *ex ante* mill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-azzjoni mill-pajjiż sieħeb.

Appoġġ baġitarju se jintuża wkoll.

Strumenti finanzjarji innovattivi, fosthom bi sħubija mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), mal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u ma’ istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra se jintużaw għall-attivitajiet ta’ taħlit. L-użu ta’ fondi fiduċarji huwa previst ukoll.

L-istruttura tal-Kontroll Intern

Il-kontroll intern / il-proċess tal-ġestjoni huwa mfassal biex jipprovdi aċċertament raġonevoli rigward il-kisba tal-għanijiet fl-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet, l-affidabbiltà tar-rapportar finanzjarju u l-konformità mal-qafas leġiżlattiv u proċedurali rilevanti.

Effettività u effiċjenza

Biex jiġu żgurati l-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet (u biex jiġi mmitigat il-livell għoli ta' riskju fl-ambjent ta' assistenza esterna), b'żieda mal-elementi kollha tal-proċess ta' Politika u Ppjanar Strateġiku fil-Kummissjoni kollha, mal-ambjent tal-awditjar intern u ma’ rekwiżiti oħra tal-Qafas tal-Kontroll Intern tal-Kummissjoni, is-servizzi ta’ implimentazzjoni se jibqgħu jkollhom qafas ta' ġestjoni mfassal apposta taħt l-istrumenti kollha li se jinkludi:

– Ġestjoni devoluta tal-maġġoranza tal-assistenza esterna mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam;

– Linji ċari u formalizzati ta’ akkontabbiltà finanzjarja (mill-uffiċjal Awtorizzanti Delegat (Direttur Ġenerali)) permezz ta’ sottodelega mill-Uffiċjal Awtorizzanti Sottodelegat (Direttur) fil-Kwartieri Ġenerali lill-Kap tad-Delegazzjoni;

– Rappurtar regolari mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni lill-Kwartieri Ġenerali (Rapporti dwar il-Ġestjoni tal-Assistenza Esterna) fosthom Dikjarazzjoni ta’ Assigurazzjoni annwali mill-Kap tad-Delegazzjoni;

– L-għoti ta’ programm sostanzjali ta’ taħriġ għall-persunal kemm fil-kwartieri ġenerali kif ukoll fid-delegazzjonijiet,

– Appoġġ u gwida sinifikanti għall-kwartieri ġenerali / għad-delegazzjonijiet (inkluż permezz tal-internet);

– Żjarat ta’ sorveljanza regolari lid-delegazzjonijiet kull tlieta (3) sa sitt (6) snin;

– Metodoloġija tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-proġett u tal-programm inkluż: għodda ta’ kwalità ta’ appoġġ għat-tfassil tal-intervent, il-metodu tat-twettiq tiegħu, il-mekkaniżmu ta’ finanzjament, is-sistema ta’ ġestjoni, il-valutazzjoni u l-għażla ta’ kwalunkwe sħab tal-implimentazzjoni, eċċ.; il-ġestjoni ta' programmi u proġetti, l-għodod ta' monitoraġġ u rappurtar għal implimentazzjoni effikaċi inkluż il-monitoraġġ estern regolari tal-proġetti fil-post; u komponenti sinifikanti ta' evalwazzjoni u ta' awditjar. Is-simplifikazzjonijiet se ssir billi jiġi estiż l-użu tal-għażliet tal-kost issimplifikati u l-kontrodipendenza fuq ħidma ta’ awditjar ta’ organizzazzjonijiet sħab. Se jkun hemm kontinwazzjoni ta’ kontrolli differenzjati skont ir-riskji f’konformità mar-riskji sottostanti.

Rappurtar Finanzjarju u Kontabbiltà

Is-servizzi tal-implimentazzjoni se jkomplu jaħdmu biex jilħqu l-ogħla standards ta' rappurtar tal-kontabbiltà u finanzjarju bl-użu tas-sistema tal-Kummissjoni ta' kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti (accruals based accounting, ABAC) kif ukoll għodod speċifiċi ta’ assistenza esterna bħas-Sistema ta' Informazzjoni Komuni Relex (Common Relex Information System, CRIS) u s-suċċessur tagħha (OPSYS).

Fir-rigward tal-konformità mal-qafas leġiżlattiv u proċedurali rilevanti, il-metodi ta’ kontroll tal-konformità huma stabbiliti fit-Taqsima 2.3 (miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u irregolaritajiet).

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta’ kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

L-ambjent operazzjonali tal-kooperazzjoni taħt dan l-istrument huwa kkaratterizzat mir-riskji li ma jintlaħqux l-għanijiet tal-istrument, ġestjoni finanzjarja subottimali u / jew li ma jkunx hemm konformità mar-regoli applikabbli (żbalji ta’ legalità u ta’ regolarità) marbuta ma’:

– l-instabbiltà ekonomika / politika u / jew id-diżastri naturali li jistgħu jwasslu għal diffikultajiet u dewmien fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' interventi, partikolarment fi stati fraġli;

– in-nuqqas ta' kapaċità istituzzjonali u amministrattiva fil-pajjiżi sħab jista' jwassal għal diffikultajiet u dewmien fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' interventi;

– proġetti u programmi mxerrdin fuq bażi ġeografika (li jkopru bejn wieħed u ieħor ħafna stati / territorji / reġjuni) jistgħu joħolqu sfidi ta' loġistika jew ta' riżorsi għall-monitoraġġ - partikolarment matul kwalunkwe attività ta' segwitu fil-post;

– id-diversità tas-sħab / tal-benefiċjarji potenzjali flimkien mal-varji strutturi u kapaċitajiet interni ta' kontroll tagħhom jistgħu jifframmentaw, u għalhekk inaqqsu, l-effettività u l-effiċjenza tar-riżorsi disponibbli tal-Kummissjoni għall-appoġġ u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni;

– il-kwalità fqira u n-nuqqas ta' kwantità ta' *data* disponibbli dwar l-eżiti u l-impatt tal-implimentazzjoni tal-assitenza esterna fil-pajjiżi sħab jistgħu jfixklu l-abbiltà tal-Kummissjoni li tirrapporta dwar ir-riżultati u biex tkun akkontabbli għalihom;

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-kostijiet tal-ġestjoni / il-kontroll intern jirrappreżentaw madwar 4 % tal-medja annwali stmata ta' EUR 12.78 biljun ippjanati għall-impenji kumplessivi (operazzjonali + amministrattivi) tal-portafoll tan-nefqa ffinanzjat mill-Baġit Ġenerali tal-UE u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-perjodu 2021-2027. Dan il-kost tal-kalkolu tal-kontroll jirreferi biss għall-kostijiet tal-Kummissjoni, bl-esklużjoni tal-Istati Membri jew tal-entitajiet fdati. L-entitajiet fdati jistgħu jżommu sa 7 % tal-fondi għall-amministrazzjoni, li jistgħu jiġu parzjalment użati għal skopijiet ta' kontroll.

Dawn il-kostijiet tal-ġestjoni jqisu l-persunal kollu fil-Kwartieri Ġenerali u fid-delegazzjonijiet, l-infrastruttura, l-ivvjaġġar, it-taħriġ, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-kuntratti tal-awditjar (inklużi dawk mnedija mill-benefiċjarji).

Il-proporzjon tal-attivitajiet tal-ġestjoni / operazzjonali jista' jitnaqqas maż-żmien b'arranġamenti aħjar u simplifikati tal-istrument il-ġdid, li jibni fuq bidliet li għandhom jiġu introdotti mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid. Il-benefiċċji ewlenin ta' dawn il-kostijiet ta' ġestjoni jinkisbu billi jintlaħqu l-għanijiet tal-politika, użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi, u l-eżerċizzju ta' miżuri preventivi kosteffettivi u robusti u verifiki oħra biex jiżguraw l-użu legali u regolari tal-fondi.

Filwaqt li se tkompli l-ħidma għat-titjib fin-natura u fl-immirar tal-attivitajiet ta' ġestjoni u tal-kontrolli ta' konformità fir-rigward tal-portafoll, dawn il-kostijiet huma ġeneralment meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrumenti b'mod effikaċi u effiċjenti, b'riskju minimu ta' nuqqas ta' konformità (żball residwu taħt it-2 %). Dawn huma sinifikament inqas minn riskji involuti fit-tneħħija jew fit-tnaqqis tal-kontrolli interni f'dan il-qasam ta' riskju għoli.

Il-livell ta' riskju mistenni ta' nonkonformità mar-regoli applikabbli

L-għan tal-konformità għall-istrument huwa li jinżamm livell storiku ta' riskju ta' nuqqas ta' konformità (rata ta' żball) li huwa livell reżidwu kumplessiv "nett" ta' żball (fuq bażi multiannwali wara li jkunu saru l-kontrolli u l-korrezzjonijiet ippjanati kollha fuq il-kuntratti magħluqa) ta' inqas minn 2 %. Dan tradizzjonalment jikkorrespondi għal firxa stmata ta' żball ta' 2-5 % f'termini ta' kampjun aleatorju annwali ta' tranżazzjonijiet imwettqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għall-finijiet tad-Dikjarazzjoni annwali ta' Assigurazzjoni (DAS). Il-Kummissjoni tqis li dan huwa l-aktar riskju ta' nuqqas ta' konformità baxx, li jista' jintlaħaq meta jiġi kkunsidrat l-ambjent ta' riskju għoli tiegħu u billi jitqiesu l-piż amministrattiv u l-effikaċja f'termini tal-kost meħtieġ għall-kontrolli tal-konformità. Meta jiġu identifikati xi nuqqasijiet, se jiġu implimentati miżuri korrettivi mmirati ħalli jiżguraw rati ta' żball minimi.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta’ prevenzjoni u ta’ protezzjoni eżistenti jew previsti, pereż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Minħabba l-ambjent ta’ riskju għoli, jeħtieġ li s-sistemi jantiċipaw okkorrenza sinifikanti ta’ żbalji ta’ konformità (irregolaritajiet) potenzjali fit-tranżazzjonijiet u jibnu livell għoli ta’ kontrolli ta’ prevenzjoni, skoperta u korrezzjoni malajr kemm jista’ jkun fil-proċess tal-pagamenti. Dan ifisser fil-prattika li l-kontrolli tal-konformità se jiddependu l-aktar fuq kontrolli *ex ante* sinifikanti fuq bażi multiannwali kemm mill-awdituri esterni kif ukoll mill-persunal tal-Kummissjoni fil-post qabel il-pagamenti finali tal-proġett (filwaqt li xorta jitwettqu xi verifiki u kontrolli *ex post*), u dan imur ferm lil hinn mis-salvagwardji finanzjarji meħtieġa mir-Regolament Finanzjarju. Il-qafas tal-konformità hu magħmul fost l-oħrajn mill-komponenti sinifikanti li ġejjin:

Miżuri preventivi

- Taħriġ ewlieni obbligatorju li jkopri kwistjonijiet ta' frodi minn persunal inkarigat mill-ġestjoni tal-għajnuna u l-awdituri;

- Għoti ta’ gwida (inkluż permezz tal-internet) inkluż manwal eżistenti tal-proċeduri bħall-Manwal tad-DEVCO u s-sett ta' għodod għall-Ġestjoni tal-Finanzi (għas-sħab tal-implimentazzjoni);

- Valutazzjoni *ex ante* sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet responsabbli mill-ġestjoni tal-fondi rilevanti taħt ġestjoni konġunta u deċentralizzata, jieħdu l-miżuri xierqa ta' kontra l-frodi li bihom jipprevjenu u jikxfu l-frodi fil-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni;

- Skinjar *ex ante* tal-mekkaniżmi ta' kontra l-frodi disponibbli fil-pajjiż sieħeb bħala parti mill-valutazzjoni tal-kriterju tal-eliġibbiltà tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi biex jirċievi appoġġ mill-baġit (jiġifieri impenn attiv fil-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni, awtoritajiet ta' spezzjoni xierqa, kapaċità ġudizzjarja suffiċjenti u rispons effiċjenti u mekkaniżmi ta' sanzjonijiet);

Miżuri ta' detezzjoni u miżuri korrettivi

- Verifiki *ex ante* tat-tranżazzjonijiet imwettqa mill-persunal tal-Kummissjoni;

- Awditjar u verifiki (kemm dawk obbligatorji kif ukoll dawk ibbażati fuq ir-riskju), inkluża l-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

- Kontrolli retrospettivi (ibbażati fuq ir-riskju) u rkupri;

- Sospensjoni tal-finanzjament tal-UE fejn ikun hemm każ serju ta’ frodi, inkluża korruzzjoni fuq skala kbira, sakemm l-awtoritajiet jieħdu azzjoni xierqa bil-għan li jikkoreġu u jipprevjenu tali frodi fil-futur.

- EDES (Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni);

- Sospensjoni / Tmiem tal-kuntratt;

- Proċedura ta’ esklużjoni

L-istrateġiji kontra l-frodi tas-servizzi kkonċernati, li huma riveduti regolarment, se jiġu adattati kif meħtieġ ladarba l-verżjoni l-ġdida tal-istrateġija kontra l-frodi tal-Kummissjoni (Commission’s Anti-Fraud Strategy, CAFS) tkun ġiet ippubblikata sabiex tiżgura fost l-oħrajn li;

- Is-sistemi użati biex jintefqu l-fondi tal-UE f'pajjiżi terzi jippermettu li tiġi rkuprata *data* rilevanti bil-ħsieb li din id-*data* tintuża għall-ġestjoni tar-riskju tal-frodi (pereż. finanzjament doppju);

- Fejn meħtieġ, jistgħu jiġu stabbiliti gruppi ta' netwerking u għodod xierqa tal-IT dedikati għall-analiżi tal-każijiet tal-frodi marbuta mas-settur tal-assistenza esterna

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta’ nefqa	Kontribuzzjoni			
	Intestatura VI. Viċinat u d-Dinja	Diff./mhux diff[93].	mingħand il-pajjiżi tal-EFTA[94]	mingħand il-pajjiżi kandidati[95]	mingħand pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
VI	15 01 01 Nefqa ta’ appoġġ għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
VI	15 02 01 Kooperazzjoni ġeografika ma’ pajjiżi terzi u reġjuni	Diff.	IVA	IVA	IVA	IVA
VI	15 02 02 Interventi Tematiċi	Diff.	LE	LE	LE	LE
VI	15 02 03 Azzjonijiet ta’ rispons rapidu	Diff.	LE	LE	LE	LE
VI	15 02 04 Riżervi għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġent	Diff.	LE	LE	LE	LE

93 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
94 L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
95 Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**<VI>**	Intestatura VI. Viċinat u d-Dinja

			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	*Wara l-2027*	TOTAL
Approprjazzjonijiet operazzjonali (maqsuma skont il-linji baġitarji elenkati taħt 3.1)[96]	Impenji	(1)	10,735.497	11,013.405	11,408.197	11,938.063	12,630.804	13,527.578	14,619.798		**85,873.342**
	Pagamenti	(2)	1,460.701	3,419.496	5,288.668	7,159.359	8,903.375	10,178.560	11,279.598	**38,183.585**	**85,873.342**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programm[97]	Impenji = Pagamenti	(3)	447.475	456.425	465.553	474.864	484.362	494.049	503.930		**3,326.658**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-pakkett tal-programm	Impenji	=1+3	11,182.972	11,469.830	11,873.750	12,412.927	13,115.166	14,021.627	15,123.728		**89,200.000**
	Pagamenti	=2+3	1,908.176	3,875.921	5,754.221	7,634.223	9,387.737	10,672.609	11,783.528	38,183.585	**89,200.000**

[96] Dawn l-approprjazzjonijiet operazzjonali, flimkien ma' dawk ta' IPA III u EINS, se jkopru wkoll il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, li se tappoġġa l-operazzjonijiet EFSD+, l-assistenza u self makrofinanzjarji lil pajjiżi terzi fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom, għal ammont propost sa EUR 60 biljun, li minnhom EUR 14-il biljun huma maħsuba biex ikopru self ta' assistenza makrofinanzjarja.

[97] Assistenza teknika u / jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	VII	"Nefqa amministrattiva"

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	*Wara l-2027*	TOTAL
Riżorsi umani	266.098	266.098	266.098	266.098	266.098	266.098	266.098		1,862.688
Nefqa amministrattiva oħra	34.958	34.958	34.958	34.958	34.958	34.958	34.958		244.703
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	**301.056**	**301.056**	**301.056**	**301.056**	**301.056**	**301.056**	**301.056**		**2,107.391**

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	*Wara l-2027*	TOTAL
TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURI kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	11,484.028	11,770.886	12,174.806	12,713.983	13,416.222	14,322.683	15,424.784		91,307.391
	Pagamenti	2,209.232	4,176.977	6,055.277	7,935.279	9,688.793	10,973.665	12,084.584	38,183.584	91,307.391

3.2.2. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta / L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	266.098	266.098	266.098	266.098	266.098	266.098	266.098	1,862.688
Nefqa amministrattiva oħra	34.958	34.958	34.958	34.958	34.958	34.958	34.958	244.703
Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	301.056	301.056	301.056	301.056	301.056	301.056	301.056	2,107.391
Barra mill-INTESTATURA 7[98] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	353.505	353.505	353.505	353.505	353.505	353.505	353.505	2,474.538
Nefqa oħra ta’ natura amministrattiva[99]	93.970	102.919	112.048	121.359	130.856	140.543	150.424	852.120
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	447.475	456.425	465.553	474.864	484.362	494.049	503.930	3,326.658
TOTAL	**748.531**	**757.481**	**766.609**	**775.920**	**785.417**	**795.105**	**804.986**	**5,434.049**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta’ natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

98 Assistenza teknika u / jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta’ programmi u / jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

99 F’dan l-istadju ma hija prevista l-ebda għotja għal EACEA.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani[100]

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☑ Il-proposta / L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

Snin		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)								
Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni		1,019	1,019	1,019	1,019	1,019	1,019	1,019
Delegazzjonijiet		536	536	536	536	536	536	536
Riċerka								
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED [101] Intestatura 7								
Iffinazjati mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali	107	107	107	107	107	107	107
	- fid-Delegazzjonijiet	39	39	39	39	39	39	39
Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm [102]	- fil-Kwartieri Ġenerali	515	515	515	515	515	515	515
	- fid-Delegazzjonijiet	3,237	3,237	3,237	3,237	3,237	3,237	3,237
Riċerka								
Oħrajn (speċifika)								
TOTAL		**5,453**	**5,453**	**5,453**	**5,453**	**5,453**	**5,453**	**5,453**

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompliti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Il-kompiti ser ikunu l-istess bħal fil-preżent (politika, programmazzjoni, finanzi u kuntratti, kompiti orizzontali oħra)
Persunal estern	Il-kompiti ser ikunu l-istess bħal fil-preżent (politika, programmazzjoni, finanzi u kuntratti, kompiti orizzontali oħra)

[100] L-użu tar-riżorsi fid-Delegazzjonijiet tal-UE se jsir skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz bejn il-Kummissjoni u l-SEAE ta' 20 ta' Diċembru 2010.

[101] AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT= Persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

[102] Sottolimitu massimu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.3. *Kontribuzzjonijiet ta' terzi persuni*

Il-proposta / L-inizjattiva:

– ☑ ma tipprevedix il-kofinanzjament minn terzi persuni

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn terzi persuni u li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta / L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul ieħor

indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta / tal-inizjattiva[103]						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Artikolu ………….							

[103] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.